# L-Avventura ta' Hajti



Ktieb tar-Reliġjon għall-ewwel sena tal-iskola sekondarja

# L-Avventura ta' Hajti



# L-Avventura ta' Ħajti

segretarjat għall-katekeżi

# L-Avventura ta' Ħajti

Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar-reliġjon fl-ewwel klassi tal-iskola sekondarja

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2011
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali

© 2011 Segretarjat għall-Katekeżi, Malta

*Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubbilkat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ppubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.*

Kitba ta' David Polidano bl-għajnuna ta' Sr Veronica Gerada asgm, Dr Adrian M. Gellel, Stephen Micallef u Kevin Gatt. Ħajr ukoll lil Emanuel Micallef, Francesco Pio Attard, Alan Bonello u Alex Farrugia.

Disinn ta' Alan Bonello
Illustrazzjonijiet oriġinali ta' Tazia Hall

Ħajr lill-membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lir-Rev. Dr Hector Scerri u lir-Rev. Dr Martin Micallef ofm cap għall-pariri esperti tagħhom, lil Mario Cassar għall-pariri tiegħu fuq l-użu tal-Malti, lir-rivista Xehda Għasel għad-drittijiet fuq numru ta' ritratti u illustrazzjonijiet, lil George Sammut u lil Robbie Mamo għall-qari tal-provi, kif ukoll lil Mariosa Micallef għall-appoġġ loġistiku.

Is-siltiet mill-Bibbja ttieħdu mit-tielet edizzjoni tat-traduzzjoni tal-Għaqda Biblika Maltija, © 2004 Għaqda Biblika Maltija

Nihil Obstat
6 ta' Mejju 2011
Dun Hector Scerri
Cens. Theol.

Imprimatur
7 ta' Mejju 2011
+ Pawlu Cremona, op
Arċisqof ta' Malta
President tal-Konferenza Episkopali

Stampat mill-Gutenberg Press, Malta

ISBN 978-99957-0-056-0

# Werrej


L-avventura bdiet! . . . . . . . . . . . . . . vii
Qabel tibda tuża dan il-ktieb. . . . . . . . . . . viii

## Il-vjaġġ tiegħi. . . . . . . . . . . . . 1

## Il-qawwa ta' ġo fija . . . . . . . . . . . 24

## Liema triq se nagħżel?. . . . . . . . . . 49

## Il-ħaversakk . . . . . . . . . . . . . 71

## L-isfidi waqt il-vjaġġ. . . . . . . . . . 95

## Qatt iktar waħdi . . . . . . . . . . . 121

Akkreditazzjoni tar-ritratti użati . . . . . . . . . . .143

**INTERESSANTI**
Il-pellegrinaġġ. . . . . . . . . . .12
Is-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu . . . .38
It-tnax-il appostlu . . . . . . . . .60
San Luqa l-evanġelista. . . . . . . .82
Il-qawwa tal-imħabba . . . . . . . .106
Il-vjaġġ ta' Dante. . . . . . . . .132






# L-avventura bdiet!

Il-edukazzjoni hija proċess li jinvolvi l-persuna sħiħa, moħħ u qalb, emozzjonijiet u sentimenti. Jekk dan jgħodd għall-proċess edukattiv kollu, li l-istudenti jgħaddu minnu sa mill-ewwel snin, għandu jagħmel ferm iktar sens fejn tidħol l-Edukazzjoni Reliġjuża.

Ir-reliġjon mhijiex dwar dmirijiet u liġijiet, wisq inqas dwar tradizzjonijiet u folklor. Mhux għax dawn huma esklużi, imma r-reliġjon hi qabel xejn dwar kif ħajjitna nistgħu ngħixuha f'sens sħiħ u, jien nemmen, dwar kif jista' jkollna l-ferħ u dan bl-abbundanza.

L-Edukazzjoni Reliġjuża fl-ambjent tal-iskola faċli ħafna ssir suġġett tal-istudju bħal suġġetti oħra. Imma għandu jsir minn kollox biex kemm hu possibbli l-Edukazzjoni Reliġjuża fl-iskola togħla 'l fuq minn suġġetti oħra u tkun tassew 'edukazzjoni tal-ispirtu'.

Il-bniedem fih għandu spirtu li jagħmilna umani u li jirrifletti, għal dawk li jemmnu f'Alla, dik li aħna ngħidulha x-xbieha ta' Alla fina. L-Edukazzjoni Reliġjuża għandha bħala l-iskop aħħari tagħha fl-iskola li, b'ħafna paċenzja, però anki f'sens edukattiv, toħroġ dan l-ispirtu. Hi trid tgħin lill-istudenti li qegħdin jikbru biex dan l-ispirtu jesprimi ruħu dejjem iżjed ċar f'ħajjithom, fil-mod kif jgħixu u jirrelataw mal-oħrajn u magħhom infushom, iktar milli sempliċement fl-imġiba tagħhom.

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija li qed nikteb din id-daħla għal dan il-ktieb li qed jiftaħ il-bieb tal-edukazzjoni sekondarja għall-istudenti tagħna. Għandi sentimenti kbar ta' apprezzament u gratitudni għal dawk li ħadmu u qed jaħdmu fuq dan il-ktieb u fuq oħrajn li huma proġettati għas-snin li ġejjin.

Napprezza wkoll li dan il-ktieb, indirizzat għal din l-età hekk partikulari, qed jorbot flimkien b'mod hekk sabiħ u kulurit l-Edukazzjoni Reliġjuża u s-sens ta' vjaġġ avventuruż fil-ħajja. Hu ktieb li għandu jservi ta' għodda eċċellenti biex l-istudenti tul din is-sena jimxu u jiskopru li l-enerġija u l-għejja, it-tajjeb u l-ħażin, l-isfidi u d-diffikultajiet tal-għażla huma l-ingredjenti mhux biss tal-ktieb li għandhom f'idejhom imma tal-ħajja kif se tinfetaħ quddiemhom bħala ktieb fil-ġejjieni tagħhom. Fuq kollox, l-istudenti jistgħu jiskopru wkoll li element importanti ta' dan il-vjaġġ, element li jista' jbiddel is-sens tal-vjaġġ innifsu u jagħmlu ferm iktar sabiħ, hu li huma ma huma qatt weħidhom fil-ħajja.

Nittama u nitlob li dan il-ktieb ikun għodda tajba f'idejn l-istudenti u l-għalliema biex il-proċess tal-Edukazzjoni Reliġjuża jibqa' jgħin biex ilkoll nibqgħu niskopru s-sbuħija tal-ħajja u sbuħija tat-twemmin li l-ħajja jagħmilha tant iktar rikka.

**Rev. Dr René Camilleri** Delegat għall-Katekeżi

# Qabel tibda tuża dan il-ktieb

I-Edukazzjoni Reliġjuża hija parti meħtieġa mill-edukazzjoni sħiħa tal-bniedem. Huwa għal din ir-raġuni li tħejja b'attenzjoni kbira dan il-ktieb maħsub biex jgħinek bħala student tal-ewwel sena fl-iskola sekondarja int u titgħallem dwar ir-reliġjon u minnha. Dan il-ktieb jista' jintuża fil-klassi kif ukoll id-dar. Miegħu jew minfloku jistgħu jintużaw riżorsi oħra.

Dan il-ktieb inkiteb kemm għall-istudenti bniet kif ukoll għal dawk subien. Mhux dejjem kien possibbli li nindirizzaw lill-istudenti mingħajr ma nagħżlu bejn il-maskil u l-femminil. Kull fejn użajna l-femminil japplika wkoll għas-subien, l-istess kif kull fejn użajna l-maskil japplika wkoll għall-bniet.

Xi ħaġa li se ssib f'dan il-ktieb hija r-rabta ma' oqsma oħra tat-tagħlim bħalma huma l-Lingwi, l-Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza, l-Edukazzjoni għas-Saħħa u l-Edukazzjoni fl-Arti. Dan ma sarx b'kumbinazzjoni. L-iskop huwa li inti tara r-rabta bejn dak kollu li titgħallem fl-iskola u li kollu hu maħsub sabiex jgħinek tikber b'mod sħiħ.

Imqassam fuq sitt kapitli, il-ktieb fih numru ta' lezzjonijiet għal kull kapitlu. Kull lezzjoni ġiet ippreżentata fuq medda ta' żewġ faċċati li fihom kemm il-kitba prinċipali dwar it-tema tal-lezzjoni kif ukoll materjal ieħor addizzjonali li tista' tagħmel użu minnu. Għal xi lezzjonijiet hemm żewġ verżjonijiet li minnhom se tintgħażel l-aktar waħda adattata għall-klassi tiegħek.

Kull kapitlu jibda b'eżerċizzju qasir imsejjaħ "Ħejji ruħek" li hu maħsub li jorbot dak li l-istudenti jafu diġà ma' dak li ser jitgħallmu dwaru. Imbagħad hemm żewġ faċċati li jagħtu ħarsa ġenerali lejn dak li jkun ser isir tul il-kapitlu kollu, kif ukoll ħarsa partikulari lejn kull lezzjoni tiegħu.

F'nofs kull kapitlu hemm żewġ faċċati **INTERESSANTI**. Dawn huma dwar suġġetti oħra b'rabta mal-kapitlu li żgur se ssib ta' interess.

Fil-lezzjonijiet differenti hemm numru ta' ikoni li jindikaw tipi differenti ta' informazzjoni jew eżerċizzji:

**Din kont tafha?** Kurżitajiet jew informazzjoni interessanti oħra marbuta ma' xi aspett tal-lezzjoni.

**Idħol fil-fond** Stedina sabiex tirrifletti aktar dwar xi ħaġa partikulari li tkun issemmiet fil-lezzjoni.

**Fittex** Eżerċizzju ta' riċerka permezz tal-internet jew b'xi mod ieħor.

**Għixha!** Stedina biex tqiegħed fil-prattika dak li tkun tgħallimt dwaru.

**Agħmel!** Ħidma li tista' tingħata għall-klassi jew għad-dar.

**Itlob** Stedina biex titlob b'modi differenti minn tas-soltu.

Fl-aħħar ta' kull kapitlu għandek issib numru ta' mistoqsijiet li jiswew biex tara kemm tgħallimt, kemm fhimt u, fuq kollox, kemm taf tuża dak li tgħallimt dwaru.

J'Alla dan il-ktieb iservi biex inti u sħabek tikbru b'mod sħiħ!

**David Polidano** f'isem it-tim li ħadem biex ikollok dan il-ktieb f'idejk



# Il-vjaġġ tiegħi

1

**ĦEJJI RUĦEK:**

## Ġieli ħsibt dwar ħajtek bħala avventura jew bħala vjaġġ?

**Liema kelma tolqtok l-iżjed – 'Vjaġġ' jew 'Avventura'?**

**X'rabta tara bejn iż-żewġ kelmiet?**

Immarka ✓ ħdejn il-kliem li taħseb li taf sew xi jfisser:

- ☐ bidla
- ☐ żvilupp
- ☐ għażla
- ☐ pellegrinaġġ
- ☐ Lhud
- ☐ Insara
- ☐ Musulmani
- ☐ l-Istorja tas-Salvazzjoni
- ☐ Ġerusalemm









F'dan il-kapitlu se naħsbu fuq ħajjitna bħala vjaġġ. Se naraw ir-rabta bejn il-vjaġġ personali tagħna u dak ta' oħrajn. Sejrin ukoll infittxu li nagħrfu x'inhi d-dimensjoni spiritwali tal-avventura ta' ħajjitna.

# Il-vjaġġ tiegħi






### Il-mixja ta' ħajti
Se nibdew billi nagħtu ħarsa lejn il-bidliet li għaddejjin minnhom aħna u nikbru. Hekk nindunaw kemm dawn huma parti importanti mill-vjaġġ ta' ħajjitna.

### Mixja mimlija għażliet
Imbagħad se naħsbu ftit fuq l-għażliet li nagħmlu fil-ħajja tagħna u nqisu kemm kull għażla għandha l-effett tagħha fuq il-mixja ta' ħajjitna.

### Għal għonq it-triq
Fil-lezzjoni ta' wara se nitgħallmu dwar il-pellegrinaġġ. Dan hu tip ta' vjaġġ importanti f'ħafna reliġjonijiet differenti.

### Alla jimxi magħna
Wara dan, se nħarsu lejn l-istorja li nsibu fil-Bibbja bħala l-mixja ta' Alla ma' poplu. Din il-mixja sabet il-qofol tagħha f'Ġesù Kristu.

### L-avventura ta' Abraham jew ta' Rut
Niffukaw imbagħad fuq il-ħajja ta' wieħed jew waħda mill-persunaġġi tat-Testment il-Qadim u naraw kif ħajjithom kienet ukoll mixja ma' Alla.

### Il-vjaġġ ta' Ġesù
Fil-lezzjoni li jkun imiss inħarsu lejn il-ħajja ta' Ġesù u naraw li din kienet f'sens speċjali mixja lejn Ġerusalemm, lejn it-twettiq tar-rieda ta' Alla l-Missier bil-mewt u l-qawmien tiegħu.

### L-avventura ta' Marija jew ta' Pawlu
Fit-Testment il-Ġdid insibu l-istorja ta' persunaġġi importanti oħra bħal Marija omm Ġesù u San Pawl. Se nagħtu ħarsa lejn il-ħajja ta' xi ħadd minnhom bħala vjaġġ-avventura ma' Alla.

### ... u l-mixja tiegħi?
Fl-aħħar tal-kapitlu se nirriflettu fuq kemm aħna lesti li nħallu lil Alla jimxi magħna f'dan il-vjaġġ – l-avventura ta' ħajjitna.

# Il-mixja

## Idħol fil-fond

Min jaf kemm-il darba smajt lil xi zija jew xi ħbieb tal-mamà jgħidulek, "Alla jbierek kemm qed titwal!" Int qed tinbidel. Għalissa, meta tħares lejn l-istudenti li waslu fil-Form 5, forsi tħossok żgħir jew żgħira. Imma int dalwaqt tkun bħalhom u għalkemm għalik jidher li baqa' ħafna żmien għad tinduna kemm iż-żmien jgħaddi malajr. Il-ġisem jagħtik l-ewwel sinjali li int qed tikber. La għandek tibża' u lanqas tistħi. Il-bidla li qed tara hija mixja sabiħa li ġejja bħala rigal mingħand Alla.

Il-ħajja hija avventura li bdiet xi disa' xhur qabel ma twelidt. Żgur li t-twelid tiegħek kien ġurnata importanti ferm f'ħajtek; il-ġurnata li fiha int bdejt tieħu n-nifs billi timla l-pulmuni bl-arja u bdejt tiskopri d-dinja ta' madwarek. Mill-ewwel bdejt tfittex l-imħabba u l-protezzjoni ta' min jieħu ħsiebek. Sibt lil min ikellmek u jilgħab miegħek.

Wara ftit ġimgħat, il-ġenituri tiegħek riedu jaqsmu miegħek ir-rigal tal-fidi u ħaduk biex titgħammed. Int u tikber sibt persuni li kienu jkellmuk fuq kemm Alla jħobbok – kemm tak ħwejjeġ sbieħ u kemm jieħu ħsiebek.

Ftit snin wara ħaduk l-ewwel darba fi skola biex tibda tidra tilgħab ma' tfal oħra, titkellem magħhom u tagħmel il-ħbieb.

Komplejt tikber u bdejt titgħallem tpinġi, tkanta, tirreċta, tagħraf l-ittri u n-numri u ħafna affarijiet oħra li għenuk tiskopri t-talenti tiegħek.

Bdejt tmur għall-katekeżi u meta kellek madwar seba' snin irċevejt l-Ewwel Tqarbina. Din kienet okkażjoni importanti li kompliet turik kemm Alla jħobbok u li jrid li int u hu tkunu ħaġa waħda.









## Din kont tafha?

F'pajjiżi Asjatiċi bħaċ-Ċina u l-Korea hemm tradizzjoni li tqis tarbija tat-twelid bħala diġà għandha sena.

# ta' ħajti

Mill-Evanġelju skont San Luqa

Imbagħad Ġesù niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. (Lq 2, 51-52)

Kif nistgħu naraw mis-silta t'hawn fuq, Ġesù wkoll, bħalek u bħal sħabek, inbidel u kiber. Jekk titgħallem tfittex fil-Bibbja tkun tista' taqra l-kuntest tas-silta u tiskopri xi kemm kellu żmien Ġesù fil-ġrajja li tissemma.

Int u tikber aktarx li tħajjart tiżviluppa xi talent partikulari bħal xi sport, żfin, kant jew mużika. Jekk għamilt dan żgur li llum tħoss li tgħallimt ħafna u probabbli tixtieq tkompli ssaħħaħ dan it-talent fik.

Tul dan iż-żmien kollu kbirt mhux biss fit-tagħlim u t-talenti. Kbirt ukoll fiżikament. Illum int ħafna akbar milli kont meta għamilt l-Ewwel Tqarbina!

Żgur li mhux kollox kien ward u żahar. Kien hemm ġranet li kienu koroh u mumenti li forsi ħallew marka inqas sabiħa minn oħrajn.

Imma dawn ukoll huma parti mill-mixja tagħna l-bnedmin u jistgħu jgħinuna nikbru.

## Issa bdejt l-iskola sekondarja ...

## Probabbli trid tagħmel ħbieb ġodda ...

### Dan hu żmien li fih se tkompli tikber u tiżviluppa fiżikament ukoll ...

### Trid tkompli titgħallem affarijiet ġodda u ssaħħaħ it-talenti li għandek ...

## Il-vjaġġ ikompli ...

## Din hi l-avventura ta' ħajtek ...



# Mixja mimlija għażliet



Il-ħajja mimlija għażliet. Minn x'ħin tiftaħ għajnejk filgħodu sakemm torqod billejl, tagħżel x'se tagħmel. Jekk f'ħin l-ikel tagħżel li ma tikolx, wara ftit se jaqbdek il-ġuħ. Jekk tagħżel li tiekol iżżejjed, wara ftit se jaqbdek uġigħ ta' żaqq. Jekk kważi dejjem tagħżel ikel li mhux daqstant tajjeb għas-saħħa, għada pitgħada jkollok issofri l-konsegwenzi għax jiżdied bil-kbir iċ-ċans li jkollok ċertu mard. Jekk, min-naħa l-oħra, b'mod regolari tippreferi ikel tajjeb għas-saħħa, tkun qiegħed tagħmel ħafna ġid lilek innifsek, ħaġa li tgawdi minnha issa u fil-futur.

Jekk tħares lura lejn il-vjaġġ ta' ħajtek s'issa, tinduna li diġà għamilt ħafna għażliet. Veru li

## Minn dawn, liema tagħżel?

### U jekk dejjem tagħżel hekk, x'se jkunu l-konsegwenzi fil-futur?





## Mill-Evanġelju skont San Luqa

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha. (Lq 1, 38)

Jekk tfittex is-silta t'hawn fuq tinduna li Marija kellha tieħu deċiżjoni diffiċli ħafna. Staqsiet, ħasbitha sew u mbagħad iddeċidiet. Għażlet li tagħti l-ewwel post f'ħajjitha lil Alla u r-rieda tiegħu. X'konsegwenzi kellha l-'iva' ta' Marija?

wħud mill-għażliet tiegħek kienu influwenzati minn dak li riedu l-ġenituri, imma ħafna drabi kien jiddependi wkoll minn kemm int qbilt u ħadt l-affarijiet bis-serjetà.

Aktar ma tikber aktar tibda taħseb qabel ma tagħżel. Hawn jibda jidħol il-proċess li jwassal għal deċiżjoni.

Tibda tinduna, pereżempju, kemm hu importanti li qabel tiddeċiedi tara sew x'se jkunu l-konsegwenzi, sew jekk tagħżel mod u sew jekk tagħżel ieħor. Il-qawl Malti jgħidilna: "Qis mitt darba u aqta' darba." Biex nagħmlu għażla tajba rridu naħsbuha sew.

Għalkemm fil-ħajja hemm xi affarijiet li 'jiġrulna', il-parti l-kbira ta' dak li jiġri f'ħajtek hu marbut ma' dak li tiddeċiedi int. Ir-responsabbiltà ta' ħajtek hi f'idejk.

**Lest tagħti post lil Alla fid-deċiżjonijiet li tieħu?**



## Int x'kont tagħmel?

Immaġina li meta kellek sitt snin bdejt turi interess f'xi sport bħall-ġinnastika, il-futbol jew l-għawm. Il-ġenituri bdew jibagħtuk għal sessjonijiet ta' taħriġ darba fil-ġimgħa. Meta għalaqt xi tmien snin il-kowċ tiegħek beda jara kemm kont qed issir kapaċi. Riedek tibda tmur għat-taħriġ aktar spiss.

Tmur aktar spiss? **Mur paġna 117**
Tibqa' tmur darba fil-ġimgħa biss? **Mur paġna 31**



## Fittex

Jekk trid tista' tagħmel riċerka dwar il-mard li jista' jġib miegħu zokkor żejjed, xaħam żejjed, jew melħ żejjed. Ara tagħmilx poster dwar l-importanza ta' ikel bilanċjat.

## Din kont tafha?

Il-verb 'iddeċieda' ġej mil-Latin '*decaedere*' li tfisser 'li taqta' barra, telimina'. Meta tiddeċiedi tkun qiegħed tagħżel li twarrab ċerti possibbiltajiet għax temmen li hemm xi ħaġa aħjar.

# Għal għonq it-triq

Qatt mort xi mkien fejn qatt ma kont mort qabel?

## Qatt sifirt lejn xi pajjiż ieħor?

### Ħassejt l-entużjażmu u s-sens ta' avventura int u tiskopri affarijiet ġodda?

huma ħafna dawk in-nies li jħobbu jivvjaġġaw. Hemm min jivvjaġġa biex jistrieħ u oħrajn biex jitgħallmu, jew sempliċiment għas-sens tal-avventura. Hemm ukoll min jagħmel vjaġġ bi skop reliġjuż u spiritwali. Vjaġġi bħal dawn insejħulhom pellegrinaġġi. Il-pellegrinaġġ mhuwiex biss vjaġġ lejn xi post qaddis. Huwa wkoll vjaġġ spiritwali li jgħin lil min jagħmlu jikber fil-fidi. Ħafna reliġjonijiet differenti jagħtu importanza lill-pellegrinaġġ.



**Għixha!**
Ipproponi lill-ġenituri jew lil min jieħu ħsiebek li tmorru ħarġa lejn post ta' pellegrinaġġ f'Malta jew Għawdex. Itlob lill-għalliem jagħtik xi informazzjoni dwar fejn tistgħu tmorru u x'tistgħu tagħmlu hemm jew intom u sejrin.



Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu

Sakemm kien għad hemm it-Tempju, l-irġiel Lhud kienu obbligati jmorru Ġerusalemm ta' kull sena għat-tliet festi l-kbar – l-Għid, Għid il-Ħamsin u l-Festa tat-Tined. Spiss dawn kienu jmorru bil-familja b'kollox. Ġesù wkoll kien jieħu sehem f'dawn il-pellegrinaġġi. Dawn kienu jkunu għalihom bħall-għejxien mill-ġdid tal-ġrajjiet il-kbar li minnhom għaddew missirijiethom.

Il-pellegrinaġġ lejn il-Mekka huwa wieħed mill-ħames pilastri tal-Iżlam. Il-Musulmani kollha li jistgħu, nisa u rġiel, huma obbligati li darba f'ħajjithom jagħmlu dan il-vjaġġ.

Għalkemm għall-Insara l-pellegrinaġġ mhux obbligu, huma ħafna li jagħmlu vjaġġi ta' dan it-tip lejn postijiet differenti b'rabta reliġjuża. Isiru pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, il-pajjiż fejn twieled, għex u miet Ġesù; u lejn Ruma, minn fejn sa minn żmien San Pietru l-Papa jmexxi l-Knisja. Isiru wkoll bosta pellegrinaġġi lejn postijiet oħra bħal Lourdes u Fatima.

F'Malta u Għawdex ukoll għandna diversi postijiet 'il fejn ħafna nies imorru b'sens ta' pellegrinaġġ. Fost dawn insemmu l-Grotta ta' San Pawl (ir-Rabat, Malta), is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu (Għawdex).



**Ġerusalemm hi meqjusa bħala post qaddis mil-Lhud, mill-Insara, kif ukoll mill-Musulmani.**

**Il-Kumpless Al-Aqsa:**
Għall-Musulmani, Ġerusalemm hija t-tielet belt l-aktar importanti wara Mekka u Medina. Huma jemmnu li minn fejn illum hemm il-kumpless Al-Aqsa, fl-istess inħawi fejn dari kien hemm it-Tempju, Muħammed kellu esperjenza speċjali ħafna. F'lejl wieħed huwa ttieħed minn Mekka għal Ġerusalemm u minn hemm ittella' s-sema fejn kellmu Alla qabel reġa' lura lejn Mekka.

**Il-Knisja tal-Qabar Imqaddes:**
L-Insara jżuru Ġerusalemm biex jgħixu mill-ġdid l-aħħar ġranet tal-ħajja ta' Ġesù, il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. L-aktar post importanti huwa l-Knisja tal-Qabar Imqaddes, magħrufa wkoll bħala l-Knisja tal-Qawmien, mibnija fuq il-post fejn miet Ġesù u fuq il-qabar viċin li fih indifen u li minnu qam mill-mewt.

**Il-Ħajt tal-Punent:**
Ġerusalemm ilha fiċ-ċentru tar-reliġjon Lhudija minn żmien is-Sultan David. Ibnu Salamun kien bena hemm l-ewwel Tempju. Illum il-Lhud imorru Ġerusalemm biex jitolbu quddiem l-unika ħaġa li għad fadal wara li t-tieni Tempju kien inqered mir-Rumani fis-sena 70 w.K. – il-Ħajt tal-Punent.

## Din kont tafha?

Il-Kavallieri ta' San Ġwann li mexxew lil Malta bejn l-1530 u l-1798 kienu oriġinarjament Ospitalieri bl-iskop li jagħtu kura lill-pellegrini li kienu jivvjaġġaw lejn l-Art Imqaddsa.

## Agħmel!

Segwi l-istruzzjonijiet tal-għalliem ħalli tuża l-internet biex issib ritratti u informazzjoni dwar postijiet li lejhom isiru pellegrinaġġi mil-Lhud, mill-Insara u mill-Musulmani.

# Alla jimxi magħna



Fil-Bibbja nsibu ħafna ġrajjiet li flimkien jiffurmaw dik li tissejjaħ "L-Istorja tas-Salvazzjoni". Meta Alla ħalaq il-bniedem huwa ħalqu fuq is-sura u x-xbieha tiegħu. Minħabba dan, il-bniedem imsejjaħ jgħix f'rabta ta' ħbiberija intima ma' Alla. Fl-istorja ta' Adam u Eva nsibu li Alla kien jinżel jippassiġġa fil-ġnien mal-bnedmin – simbolu tar-relazzjoni sabiħa li kellu jkun hemm bejn il-bniedem u Alla.

Minkejja li l-bniedem iddeċieda li ma jagħtix kas ta' Alla u għażel li jagħmel fattih, Alla baqa' dejjem lest biex joffrilu l-ħbiberija tiegħu u ħejja pjan li permezz tiegħu l-bniedem kellu jerġa' jikseb il-possibbiltà li jidħol f'rabta sħiħa u dejjiema ma' Alla.

Meta Alla sejjaħ lil Abram huwa talbu biex iħalli artu u jmur fejn imexxih hu. Abram hekk għamel. Minkejja li kemm hu kif ukoll martu Saraj kienu kbar fl-età u qatt ma kellhom tfal, Abram emmen il-kliem ta' Alla li hu għad ikun missier ta' poplu kbir. Abram laqa' lil Alla f'ħajtu u sar 'Abraham', 'missier ta' ħafna ġnus'. Saraj saret 'Sara', mill-prinċipessa ta' wieħed saret 'il-prinċipessa'. Twieled Iżakk u l-wegħda ta' Alla bdiet titwettaq.

Iżakk kellu lil Ġakobb u dan wiled 12-il iben, fosthom Ġużeppi li kien inbiegħ minn ħutu u spiċċa l-Eġittu. Minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom fl-Eġittu, Ġużeppi għaraf kemm Alla kien miegħu u li qatt ma telqu. Ġużeppi spiċċa biex sar viċirè fl-Eġittu u meta l-għaks ħakem ukoll l-art ta' Kangħan fejn kienu jinsabu niesu, missieru Ġakobb u l-familja kollha emigraw lejn l-Eġittu fejn kienu milqugħin tajjeb ħafna. Hawn huma reġgħu raw il-kobor tal-imħabba ta' Alla li kien qiegħed imexxihom f'din l-istorja ta' ħajjithom.





Għaddew ħafna u ħafna snin u laħaq Fargħun ġdid li beda jibża' li l-Lhud kienu qed jikbru wisq fin-numru u setgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà tal-pajjiż. Għalhekk huwa beda jgħakkishom tant li spiċċaw ilsiera. Hawn ukoll Alla wera li kien għadu mal-poplu Lhudi u bagħat lil Mosè biex joħroġhom mill-Eġittu.

Il-mixja tal-poplu Lhudi ma' Alla kompliet fis-snin li għamlu fid-deżert. Hemmhekk Alla tahom x'jieklu u x'jixorbu u, fuq kollox, għamel Patt magħhom li hu u huma jkunu ta' xulxin. Meta daħlu fl-Art Imwiegħda, Alla baqa' magħhom permezz ta' persuni bħal Sansun u Debora li baqgħu magħrufa bħala l-Imħallfin.

Għadda ż-żmien u l-poplu Lhudi xtaq Sultan. Alla, permezz ta' Samwel, tahom lil Sawl u, meta dan tbiegħed minnu, għażel lil David. Alla kien jibgħat ukoll il-profeti tiegħu, bħal Natan fi żmien David, biex jgħinu lis-Slaten imexxu l-poplu fit-triq it-tajba u jwissu u jikkoreġu lilhom u lill-poplu meta jitbiegħdu minnu.

Ukoll meta l-poplu safa maħkum minn qawwiet barranin bħalma kienu l-Assiri u l-Babiloniżi, Alla kien juri li ma nsihomx. Hu għenhom biex mit-tbatija tal-eżilju 'l bogħod minn arthom jieħdu esperjenza ta' bidla li permezz tagħha kibru u fehmu aktar Alla min hu u xi jrid mill-bniedem.

Il-mixja ta' Alla mal-poplu Lhudi laħqet il-qofol tagħha meta l-wegħdiet li huwa għamlilhom permezz ta' Abraham, ta' Mosè, ta' David u oħrajn seħħew fl-Iben ta' Alla li sar bniedem u ta ħajtu għalina. Permezz tal-qawmien tiegħu u l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, kull bniedem, bla ebda distinzjoni, jista' jsir ħaġa waħda ma' Alla li ħalaqna.







# Il-pellegrina

## Qaddis Pellegrin

Ħares sew lejn din l-istatwa ta' Santu Rokku. Liema taħseb li huma s-simboli li jistgħu jgħinuk tagħraf ta' min hi l-istatwa? Qiegħed tinnota x'għandu mwaħħla ma' ħwejġu? Taf għaliex din qiegħda hemm? Dak x'inhu li għandu f'idu?



## Santiago de Compostela

Wara l-Art Imqaddsa fejn twieled Ġesù u Ruma fejn hemm il-Papa, l-aktar post li matul is-sekli kien magħruf għall-pellegrinaġġi Nsara huwa Santiago de Compostela fi Spanja. Hemmhekk jingħad li hemm il-fdalijiet tal-appostlu San Ġakbu l-Kbir, l-ewwel martri fost l-appostli. Fil-fatt, il-pellegrini kienu u għadhom jaqbdu dik li tissejjaħ It-Triq ta' San Ġakbu, jew *El Camino de Santiago*, minn postijiet differenti fl-Ewropa u jimxu sa ma jaslu f'Santiago de Compostela.

Il-Katidral ta' San Ġakbu ta' Compostela



ġġ





L-arzella hija simbolu importanti ta' dan il-pellegrinaġġ. Il-linji tal-arzella li jiltaqgħu flimkien f'post wieħed ifakkru fit-toroq differenti li minnhom kienu jgħaddu l-pellegrini Ewropej biex jaslu fl-istess post: fuq il-qabar ta' San Ġakbu. Il-pellegrini kienu jwaħħlu l-arzell mal-kpiepel u l-ilbiesi tagħhom bħala sinjal li kienu qegħdin jagħmlu l-mixja. L-arzella kellha wkoll funzjoni prattika għall-pellegrini: meta jkun hemm bżonn kienu jittalbu ikel b'kemm tasa' l-arzella; biha kienu jiġbru l-ilma għax-xorb u kienu jużawha wkoll bħala mgħarfa biex jieklu.

Ħaġa oħra marbuta mal-pellegrinaġġ lejn Santiago de Compostela huwa l-ħatar tal-pellegrin. Ġeneralment dan ikun bastun li fit-tarf ta' fuq ikollu ganċ li miegħu wieħed ikun jista' jdendel xi ħaġa. Santu Rokku, bħala qaddis pellegrin, għalhekk jintgħaraf ukoll mill-arzella fuq ħwejġu u mill-ħatar f'idejh.

Illum ukoll huma eluf in-nies li jimxu t-Triq ta' San Ġakbu. Uħud jagħmlu hekk b'sens ta' avventura jew inkella bħala esperjenza kulturali. Oħrajn iżda, bħall-Insara tal-passat, jagħmlu din il-mixja fis-sens ta' pellegrinaġġ. F'din il-mixja huma jgħixu b'mod aktar qawwi r-realtà ta' ħajjithom bħala vjaġġ lejn Alla u l-ħajja miegħu għal dejjem fil-Ġenna.



# L-avventura ta' Abraham

**ABRAHAM jirrakkonta**

Twelidt f'Ur tal-Kaldin u missieri kien semmieni Abram. F'żgħożiti żżewwiġt lil Saraj, imma bqajna bla tfal. Konna noqogħdu Ħaran u kellna ħafna qaddejja u ġid. Wara li miet missieri għaraft li Alla riedni naqbad it-triq u mmur fejn jurini hu. Ma kinitx deċiżjoni faċli għalija. Kelli nħalli l-kumdità u s-sigurtà ta' dari u mmur f'art barranija. Alla wegħedni li minni kellu joħroġ poplu kbir u li bija kellhom jitbierku l-ġnus kollha tal-art. Ngħid is-sew, jien ma fhimtx, iżda ddeċidejt li nafda kliemu u nħallih imexxini. Tlaqna għal għonq it-triq li wasslitna Kangħan.

Il-ħajja f'Kangħan ma kinitx faċli. Ġieli batejna l-għaks u l-ġuħ. In-nies tal-inħawi mhux dejjem laqgħuna. Imma Alla baqa' dejjem viċin tiegħi u, għalkemm kollox kien jindika bil-maqlub, hu ssokta jwegħedni li għad ikolli iben.

Marti Saraj qatgħet qalbha li xi darba kien se jkollha t-tfal. Għalhekk, ippruvat issib soluzzjoni. Għamlet kif kienet id-drawwa dak iż-żmien u tatni lill-qaddejja tagħha Ħagar. Minn Ħagar twelidli iben – Ismagħel. Imma Alla wrieni biċ-ċar li mhux din kienet ir-rieda tiegħu. Il-wegħda li jkolli iben



kien se jwettaqha hu bil-mod tiegħu. L-iben tal-wegħda kellu jkun bin Saraj. Tant hu hekk li lili issa sejjaħli 'Abraham', 'missier ta' ħafna ġnus', u lil Saraj sejħilha 'Sara', 'il-prinċipessa'.

Darba żaruna tlett irġiel li jien ħadt ħsieb u lqajt tajjeb ħafna. Kienu qaluli li fi żmien sena marti Sara kellha tiled iben. Sara ma riditx temmen u daħket. Minkejja li għalija wkoll din dehret ħaġa impossibbli, stajt nagħraf li dan kien messaġġ minn Alla. Wara sena, Sara wildet lil Iżakk – li bil-Malti tiġi 'Jidħak' – għax bih Alla ġabilna l-ferħ f'ħajjitna.

Imma l-kbir kien għadu ġej. Wara xi żmien, Alla talabni noffrilu lil Iżakk b'sagrifiċċju tal-ħruq. Erġajt ma stajt nifhem xejn. Kif seta' jkun li Alla li tani lil Iżakk, il-mimmi ta' għajnejja u l-iben tal-wegħda, issa kien qed jitlobni noqtlu?

Minkejja kollox, emmint li Alla li dejjem kien miegħi fil-mixja ta' ħajti kien jaf x'qiegħed jagħmel. Afdajt fih u ħadt lil Iżakk fejn qalli hu. Imma hekk kif erfajt idi biex noqtol lil ibni, anġlu tal-Mulej waqqafni milli nagħmel dan. Hekk saħħaħt il-fidi tiegħi li Alla kien dejjem miegħi u hu ġedded il-wegħda li kien għamilli li b'nisli għad jitbierku l-ġnus kollha tal-art.

Tista' ssir taf aktar dwar din l-avventura ta' ħajti jekk taqra dwarha fil-Bibbja – Ġenesi 11, 27 sa 25, 11.



Isem: **Abram/ Abraham**

Post fejn twieled: **Ur**

Stat: **Miżżewweġ** (lil Saraj/Sara)

Ulied: **Iżakk u Ismagħel**

Karatteristika prinċipali: **Dejjem afda f'Alla anki meta kollox deher kontra**

## Din kont tafha?

Abraham għandu post importanti ferm fi tliet reliġjonijiet kbar: ir-reliġjon Lhudija, dik Nisranija, u l-Iżlam. Minn ibnu Iżakk ħareġ il-poplu Lhudi. Aħna l-Insara nemmnu li l-wegħda li b'nislu jitbierku l-ġnus kollha seħħet fi Kristu Ġesù. Il-Musulmani jqisuh bħala profeta tal-Iżlam u xi wħud jemmnu li hu antenat tal-profeta Muħammed, minn ibnu Ismagħel.



## Idħol fil-fond

Fir-reliġjonijiet pagani tal-inħawi u ż-żminijiet li għex fihom Abraham ma kinitx ħaġa rari li n-nies joffru bnedmin oħra bħala sagrifiċċju tal-ħruq lill-allat tagħhom bil-ħsieb li jogħġbuhom. Għorrief Lhud jinsistu li permezz ta' dak li ġara meta Alla talab lil Abraham joffri lil Iżakk u mbagħad waqqfu, hu kien qed jurih li żgur ma riedx li min jemmen fih iwettaq att bħal dan. Is-sagrifiċċju uman hu xi ħaġa li żgur Alla ma jridx.

# L-avventura ta' Rut

**RUT tirrakkonta**



Twelidt fl-art ta' Mowab, illum parti mill-Ġordan. Kont sirt inħobb ġuvni minn Betlehem ta' Ġuda jismu Kiljon. Kien ġie Mowab ma' ħuh Maħlon u l-ġenituri tagħhom minħabba l-ġuħ li kien hemm f'pajjiżhom.

Lil missieru ma lħaqtux għax miet xi żmien qabel ma sirt naf lil Kiljon. Tgħarrasna u żżewwiġna. Għal għaxar snin għexna ħajja kuntenta flimkien, avolja t-tfal li tant xtaqna baqgħu ma waslux. Imma mbagħad Kiljon marad u miet f'qasir żmien. Ħuh Maħlon ukoll ma damx ma marad u bħalu miet f'qasir il-għomor. Martu Għorfa u jien spiċċajna romol, it-tnejn bla wlied.

Nagħomi, omm żewġi, riedet tmur lura lejn Betlehem. Kienet tħobbna daqslikieku konna wliedha. Kien għalhekk li qaltilna biex immorru lura lejn dar il-ġenituri tagħna bit-tama li nsibu futur ġdid għalina t-tnejn. Insistiet ħafna li nħalluha u nitilquha. Għorfa fl-aħħar ċediet imma jien ma stajtx nitlaqha waħedha. Kont inħobbha daqs ommi l-għażiża, u filwaqt li ommi kellha 'l missieri u 'l ħuti, Nagħomi kienet waħedha.



**X'se tagħżel?**

(Tkompli minn paġna 89)
Żidt fil-lezzjonijiet tal-kant. Wara ftit żmien dħalt f'festival nazzjonali għal kantanti tal-età tiegħek. Tant mort tajjeb li ġejt mal-ewwel tlieta. Issa li dhert fuq it-televiżjoni diġà kellek xi nies imdaħħla sew fix-xena mużikali li avviċinawk u offrewlek l-għajnuna tagħhom biex tkompli timxi 'l quddiem fil-karriera tal-kant. Jidher li hemm għalik futur sabiħ ħafna.
**TMIEM**



### Din kont tafha?

Skont il-Liġi ta' Mosè, meta l-Lhud kienu jaħsdu l-qamħ u meta jaqtgħu ż-żebbuġ jew l-għeneb, huma kellhom iħallu dak li jaqgħalhom jew jinsew jiġbru warajhom u ma jmorrux lura għalih. Dan kellhom jagħmluh ħalli jkunu jistgħu jiġbruh il-fqar, partikularment il-barranin, l-iltiema u r-romol, biex b'hekk dawn ikollhom x'jieklu.

Kif stajt inħalliha? Fuq kollox, Nagħomi kienet l-unika persuna li magħha stajt naqsam il-fidi tiegħi f'Alla li laqqagħni miegħu Kiljon.

Għalhekk tlaqt minn art twelidi u magħha mxejt lejn artha. Kont konvinta li Alla hekk ried minni.

Meta wasalna Betlehem, ta' fuqna senduqna, tlabt lil Nagħomi tħallini mmur niġbor is-sbul minn wara l-ħassada. Kemm ħassejtni xxurtjata meta ġie sid il-għalqa, sejjaħli u qalli biex ma niddejjaq xejn u nibqa' mmur kemm irrid. Minn kif tkellem, mill-ewwel indunajt li kien bniedem ta' fidi kbira f'Alla. Bogħaż, għax hekk kien jismu, offrieli saħansitra niekol man-nisa qaddejja tiegħu li kienu qegħdin jaħdmu fl-għalqa.

Malajr skoprejt kemm kien verament Alla li qiegħed jurini t-triq. Bogħaż ma damx ma wrieni li ħa grazzja miegħi u wara ftit tażżmien iżżewwiġna. Kellna tifel u semmejnieh Għobed. Illum naf li ibni kellu jkun in-nannu tas-Sultan David li minn nislu kellu jitwieled il-Messija mwiegħed.

Tista' tkun taf aktar dwar l-avventura ta' Ħajti billi taqra taqra mill-Bibbja l-Ktieb ta' Rut.





# Il-vjaġġ ta' Ġesù

## Meta Ġesù kellu madwar tletin sena huwa ħareġ jgħallem u jfejjaq in-nies fl-ibliet u l-irħula tal-Galilija.

Diġà sa minn qabel inbidel fuq il-muntanja quddiem Pietru, Ġwanni u Ġakbu, Ġesù kien tkellem dwar it-tbatija kbira li kellu jgħaddi minnha, il-mewt kiefra, u l-qawmien fit-tielet jum. Ftit wara t-trasfigurazzjoni, imbagħad, Ġesù "b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm" (Lq 9, 51). Jidher ċar li hawnhekk Ġesù beda l-vjaġġ lejn il-post li fih kellu jwettaq dak li ġie għalih fid-dinja: li jagħti ħajtu għalina u jqum rebbieħ fuq il-mewt u l-ħażen biex permezz ta' dan aħna niksbu s-salvazzjoni. Fl-Evanġelju skont San Luqa, il-mixja ta' Ġesù lejn Ġerusalemm tieħu kważi għaxar kapitli – minn ftit wara t-trasfigurazzjoni sa ma Ġesù daħal f'din il-belt riekeb fuq felu.






F'Kana tal-Galilija Ġesù għamel l-ewwel miraklu tiegħu, meta bidel l-ilma fl-inbid.

Meta Ġesù kellu madwar tletin sena huwa ħareġ jgħallem u jfejjaq in-nies fl-ibliet u l-irħula tal-Galilija, fosthom Kafarnahum. Kien minn hawn li Ġesù għażel l-ewwel appostli – Pietru, Indrì, Ġakbu u Ġwanni.

Aktarx hawn seħħet it-trasfigurazzjoni ta' Ġesù. Minn hawn beda l-aħħar vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġerusalemm.

Hawn Ġesù trabba u għex il-parti l-kbira ta' ħajtu ma' Marija u Ġużeppi.

F'Najn Ġesù qajjem mill-mewt lil bin armla.

Wieħed mill-irħula tas-Samarija. In-nies ta' raħal bħal dan fis-Samarija saru jafu li Ġesù kien sejjer Ġerusalemm u allura ma laqgħuhx. Ftit wara, iżda, Ġesù rrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb li fiha wieħed Samaritan jagħti eżempju ta' kif għandna nuru mħabba lejn il-proxxmu fil-bżonn.

Huwa u sejjer Ġeriko, Ġesù fejjaq raġel agħma. Fil-belt, imbagħad, lemaħ lil Żakkew fuq siġra u mar qagħad għandu.

Nafu li qabel mar Ġerusalemm, Ġesù żar lill-ħbieb tiegħu Marta u Marija, ħut Lazzru, li kienu joqogħdu Betanja.

Il-post fejn twieled Ġesù.

Żgur li Ġesù, bħalma kienu jagħmlu l-Lhud fil-festi l-kbar tagħhom, kien imur pjuttost spiss Ġerusalemm. Meta Ġesù għamel l-aħħar vjaġġ lejn Ġerusalemm, huwa kien jaf li kien se jmur biex iwettaq dak li ġie għalih fid-dinja – li jagħti ħajtu u jqum rebbieħ għall-fidwa tagħna lkoll.

## Din kont tafha?

Is-Samaritani għadhom jeżistu sal-lum. Il-parti l-kbira tagħhom joqogħdu fl-inħawi tal-muntanja Garizim fejn darba huma kellhom tempju rivali għal dak ta' Ġerusalemm.

Il-ħajja ta' Ġesù nistgħu ngħidu li kienet mixja, mhux sempliċiment fis-sens ta' vjaġġ minn post għal ieħor iżda, fuq kollox, fis-sens ta' mixja spiritwali. Fiha hu fittex li jwettaq ir-rieda ta' Alla l-Missier, ukoll meta kien jidher ċar li dan kien se jinvolvi tbatija kbira, saħansitra li jagħti l-istess ħajtu.

**Inti lest li timxi fit-triq li jurik Alla anke meta din titlob minnek li tbati biex tagħmel it-tajjeb?**

## X'ser tagħżel?

(Tkompli minn paġna 126)
Stinkajt u wara ftit xhur irnexxielek tirkupra sew tant li l-ġenituri ddeċidew li jħalluk, jekk trid, terġa' tibda t-taħriġ fl-isport. Illum tinsab kuntent għax tħossok qed tirnexxi kemm fl-iskola kif ukoll fl-isport.
TMIEM

# L-avventura ta' Marija

**Fl-evanġelju tiegħu San Luqa jitkellem ħafna fuq Marija, speċjalment fil-ġrajjiet marbuta mat-twelid ta' Ġesù. Hawn se nimmaġinaw lil Luqa jintervista lil Marija.**



**Luqa: Allura kif bdiet din l-avventura tiegħek bħala omm il-Messija?**

Marija: Kont għadni għarusa lil Ġużeppi meta deherli anġlu li sellimli u sejjaħli "mimlija bil-grazzja". Tħawwadt ħafna għax ma stajtx nifhem x'ried jgħidli b'dan il-kliem.

**Luqa: Imbagħad?**

Marija: Imbagħad qalli li kien se jkolli iben u nsemmih Ġesù. Qalli li kellu jissejjaħ Bin il-Għoli u li kellu jsaltan għal dejjem. Jien aktar tfixkilt. Biss biss, kif seta' jkolli iben jekk lanqas kont għadni żżewwiġt?

**Luqa: Għandek raġun! U l-anġlu x'qallek?**

Marija: Qalli li kellu jkun l-Ispirtu s-Santu li jaħdem fija. Jien xorta ma tantx fhimt, imma billi rajt li dan kien li ried Alla, jien għedtlu "Ħa jsir minni skont kelmtek."

**Luqa: Liema huma l-ġrajjiet li l-aktar tibqa' tiftakar bħala omm Ġesù?**

Marija: Bħal kull omm, qatt ma ninsa dakinhar li twieled. Kellna bilfors immorru Betlehem minħabba ċ-ċensiment. Ftit wara li wasalna hemm, indunajt li kien sar il-waqt li Ġesù jitwieled. Post fil-lukandi ma kienx hemm u spiċċajt wellidtu fi stalla tal-annimali. Iddispjaċieni ħafna li ma kellix aħjar minn maxtura fejn inqiegħdu jistrieħ imma malajr indunajt li dan ukoll kien fil-pjan ta' Alla. Ma damux ma bdew ġejjin xi rgħajja li wara li dehrulhom l-anġli ġew jagħtu qima lil Ġesù.

**Luqa: Jidher li sa mill-bidu ma kinitx avventura faċli għalik.**

Marija: Hekk hu. Fil-fatt, meta morna biex nippreżentawh fit-Tempju, kien hemm




**Fittex**

Marija u Ġużeppi kellhom imorru Betlehem minħabba ċensiment. Tista' tagħmel riċerka dwar x'inhu ċensiment u meta sar l-aħħar wieħed f'Malta.

## Din kont tafha?

L-ewwel iben f'kull familja Lhudija kellu jkun ta' Alla. Il-ġenituri tiegħu kienu jmorru t-Tempju biex jippreżentawh u hekk juru li qed jaċċettaw li hu ta' Alla. Imbagħad kienu bħal iħallsu biex jeħduh lura billi joffru ħaruf b'sagrifiċċju. Min ma kellux biżżejjed flus seta' joffri par gamiem jew żewġ bċieċen, bħalma għamlu Marija u Ġużeppi.

profeta bl-isem ta' Xmun li ħabbarli li sejf kellu jinfidli ruħi. Fi kliem ieħor, qalli li kont se nbati ħafna minħabba f'ibni. Ma ninsa qatt kemm inkwetajt meta Ġesù kellu tnax-il sena u tlifnieh Ġerusalemm fejn konna morna għall-festa tal-Għid. Iżda ma rridekx taħseb li ħajti kienet biss niket u dwejjaq, tafx! Ma nistax nispjega l-ferħ li kont inħoss meta kont nara lil Ġesù jikber u jsir tfajjel li tant jaf iħobb. Kien dejjem attent li jara li ma jonqosna f'xejn u qatt ma naf li għednielu xi ħaġa u ma obdiex.

**Luqa:** **U meta kiber?**

Marija: Meta kiber baqa' d-dar sa ma kellu xi tletin sena. Imbagħad kellu jħallini biex jagħmel dak li Alla Missieru bagħtu jagħmel. Issa, sa ċertu punt, ma baqax tiegħi imma sar ta' kulħadd.

Darba mort infittxu. Meta qalulu bija ma ġiex mal-ewwel. Kien qal li ommu u ħutu kienu dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jwettquha. Ma nistax ngħid li kien mument faċli imma żgur li għeni nkompli nifhem kemm kont ixxurtjata li dan ibni ma kienx tiegħi biss imma r-rigal ta' Alla stess lill-bnedmin kollha.

**Luqa:** **X'tiftakar mill-aħħar sigħat tal-ħajja ta' Ġesù?**

Marija: Jien kont hemm ħdejh taħt is-salib. Kieku staqsejtni dakinhar ma nafx x'kont ngħidlek ... qalbi kienet maqsuma ... ħassejtni se mmut bil-għali. Imma d-dwejjaq kbir tiegħi ma damx. Ġesù qam rebbieħ fuq il-mewt. U kull ħin u kull mument ruħi tfaħħar il-kobor ta' Alla għax hu għamel miegħi ħwejjeġ kbar. Fejn qatt bsart x'kellu jiġri meta aċċettajt din l-avventura li sejjaħli għaliha!

### Mill-Evanġelju skont San Luqa

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla
s-Salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh fuq
iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani
għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
(Lq 1, 46-49)

Fittex fl-Evanġelju biex tara fejn u ma' min kienet Marija meta qalet din it-talba.





# L-avventura ta' Pawlu

**San Luqa kiteb ukoll l-Atti tal-Appostli, ktieb li fih insibu l-ġrajja tal-bidu tal-Knisja. Luqa kiteb b'mod speċjali dwar il-ħidma ta' San Pietru u dik ta' San Pawl. Hawnhekk se nistħajlu lil Luqa jintervista lil Pawlu fuq il-ġrajjiet il-kbar ta' ħajtu.**

**Luqa: Nixtieq inkun naf aktar fuq ħajtek qabel ma skoprejt lil Ġesù.**

Pawlu: Jien ċittadin Ruman, twelidt f'Tarsu – illum belt fit-Turkija. Meta kont żagħżugħ mort nistudja Ġerusalemm għand l-aqwa fost l-għalliema ta' dak iż-żmien, Gamaljel. Xtaqt inkun Fariżew tassew imħeġġeġ għal-Liġi ta' Alla.

**Luqa: Kien f'Ġerusalemm li smajt b'Ġesù l-ewwel darba?**

Pawlu: Iva. Il-kbarat tal-Lhud kienu inkwetati ħafna għax ftit wara li Ġesù kien inqatel fuq is-salib, id-dixxipli tiegħu kienu ħarġu b'qawwa kbira jħabbru li qam mill-mewt. Ħafna kienu dawk li bdew jissieħbu magħhom. Jien imtlejt b'rabja u mibegħda kbira għal dawk li kienu qegħdin jheddu l-fidi tagħna l-Lhud. Meta ħaġġru lil ċertu Stiefnu, wieħed mid-dixxipli, jien kont hemm, nieħu ħsieb ħwejjiġhom.

**Luqa: Imbagħad x'ġara? Ġieli smajtek tgħid li kont anki tfittex lill-Insara u tixħethom il-ħabs.**

Pawlu: Hekk hu. Saħansitra, tlabt il-permess li mmur infittixhom fil-belt ta' Damasku fejn diversi minnhom kienu marru biex



jaħarbu mill-qilla tiegħi u ta' sħabi. Kien propju fi triqti lejn din il-belt li ltqajt ma' Ġesù. Rajt dawl mis-sema u waqajt fl-art. Smajt leħen li qalli li hu kien Ġesù ta' Nazaret, dak li jien kont qed nippersegwita. Qalli nqum u mmur Damasku fejn kelli niltaqa' ma' min jurini x'għandi nagħmel. Id-dija tad-dawl li kont rajt għamietni u kellhom imexxuni lejn Damasku sħabi li kienu miegħi.

**Luqa: Kemm domt bla dawl?**

Pawlu: Għamilt tlett ijiem la nara, la niekol u lanqas nixrob. Imbagħad ġie raġel mibgħut minn Alla jismu Ħananija li tani lura d-dawl ta' għajnejja u għammidni. Issa kont sirt ta' Ġesù u ngħatajt b'ruħi u ġismi biex inwasslu lil kulħadd. Il-konverżjoni tiegħi kienet bidla fid-direzzjoni tal-vjaġġ ta' ħajti. Għalija Alla dejjem kellu l-ewwel post, imma qabel ma għaraft lil Ġesù ma kontx għadni fhimtu sewwa. Issa li sibt lil Ġesù indunajt li Alla mhux xi ħadd li jħobb skont kemm tħobbu jew skont kemm timxi mal-Liġi tiegħu. Għaraft li Alla hu dak li ħabbni qabel biss kont nafu u qabel għamilt xi ħaġa biex inħobbu. Anzi ħabbni filwaqt li jien kont qed nippersegwita l-Knisja tiegħu.

**Luqa: Naf li minbarra dan il-vjaġġ spiritwali, inti għamilt bosta vjaġġi minn pajjiż għal ieħor u minn belt għal oħra.**

Pawlu: Sewwa qed tgħid. Naħseb li nista' ngħid li ħajti saret vjaġġ wieħed bla waqfien. Mort kemm flaħt postijiet differenti, ġieli b'mod ippjanat u ġieli le. Fl-aħħar vjaġġ tiegħi fi triqti għal din il-belt ta' Ruma, kif taf, ma kien hemm ebda ħsieb li nżuru l-gżira ta' Malta. Imma hekk ġara ... il-Mulej ried li naħbtu ma' dik il-gżira. Ħajti nista' ngħid li kienet avventura waħda. Illum naf fejn qiegħed u għada ma nafx. Ġieli qattajt ix-xhur f'post; ġieli tkeċċejt kważi mal-ewwel. Ma nafx kemm-il darba doqt il-ħabs, qlajt is-swat, ħaġġruni, rajt l-għarqa, jew b'xi mod ieħor sofrejt tul din l-avventura. Imma xejn ma jiddispjaċini! Ġesù tani f'qalbi paċi u ferħ kbir. Imlieni b'ħeġġa li ma nistax niddeskrivi. Bih miegħi, minn xiex għandi nibża'?



## Idħol fil-fond

San Pawl, bħal Ġesù, kien Lhudi. Ħafna mill-ewwel Insara kienu Lhud ukoll. Iżda l-parti l-kbira tal-Lhud ta' dak iż-żmien m'emmnux f'Ġesù. Dawn kienu jqisu lil-Lhud li saru Nsara bħala setta li ċaħdu r-reliġjon Lhudija. L-Insara, min-naħa l-oħra, kienu dejjem konvinti li f'Ġesù seħħew il-wegħdiet kollha tat-Testment il-Qadim u li allura kienu fis-sew. Għalkemm bejn l-Insara u l-Lhud tal-lum hemm differenzi li ma nistgħux ninjoraw, hemm ukoll ħafna affarijiet komuni u l-Knisja tgħallimna biex inħarsu lejn il-Lhud b'rispett kbir u nqisuhom bħala aħwa.

**Luqa: U issa?**

Pawlu: Issa qiegħed hawn, Ruma, f'din id-dar bl-għassa miegħi. Ma nistax immur fejn irrid. Imma ma jimpurtax. Kif taf, huma bosta dawk li qegħdin jiġu għandi. Ukoll, m'iniex noqgħod lura milli nkompli nxandar lil Ġesù permezz tal-ittri li qed nibgħat lill-komunitajiet li ffurmajt meta kont nivvjaġġa. Il-Mulej li mexxieni tul din it-triq iwassalni biex intemmha. Żmien it-tluq tiegħi għoddu wasal u issa qisni dak l-atleta li wasal biex itemm it-tellieqa.

## Din kont tafha?

Il-partit tal-Fariżej, li minnu kien ġej Pawlu, kien grupp ta' nies devoti li riedu jħarsu l-Liġi tal-Lhud kelma b'kelma. Il-Fariżej ma kinux jitħalltu ma' nies meqjusa mniġġsa – nies bħar-Rumani (għax dawn kienu pagani), il-pubblikani (għax kienu jiġbru t-taxxi għar-Rumani), u l-midinbin (għax ikunu kisru l-Liġi bid-dnub tagħhom).

# ... u l-mixja tiegħi?

## Għixha!

Biex tgħix aħjar din il-mixja tiegħek ma' Alla, ibda żomm djarju personali. Fih ikteb dak li ġralek matul il-ġurnata u kif tħossok. Fl-aħħar tkellem ukoll ma' Alla dwar dan kollu. Dan hu mod ta' kif titgħallem tafda aktar lil Alla bil-vjaġġ ta' ħajtek.

bħal fi żmien il-persunaġġi bibliċi li semmejna, illum ukoll ħafna huma dawk in-nies li jagħżlu li jimxu l-mixja ta' ħajjithom flimkien ma' Alla. Oħrajn moħħhom biss fl-affarijiet materjali u fil-gost tal-mument. Lanqas biss jieqfu jirriflettu fuq il-ħajja tagħhom, aħseb u ara kemm jaħsbu fuq il-post ta' Alla f'dan il-vjaġġ. Inti x'se tagħmel?

Filwaqt li Alla qiegħed dejjem hemm lest biex jimxi din it-triq miegħek, l-għażla tħallihx jidħol f'ħajtek hi f'idejk. Dan ma jfissirx li tagħżel x'tagħżel xorta. Kif rajna fit-tieni lezzjoni, kull għażla li aħna nagħmlu għandha l-konsegwenzi tagħha. Qatt ħsibt x'inhuma l-konsegwenzi tal-għażla ta' Alla? X'jiġri jekk tagħżel li tħallih imexxik? X'jiġri jekk twarrbu minn ħajtek?



## Agħmel

Ikteb ittra, imejl, jew poeżija indirizzata lil Alla u li fiha turih x'qed tħoss dwar l-offerta li hu qiegħed jagħmillek li jkun miegħek u jmexxik fit-triq tal-ħajja.

## Mis-Salmi

Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi,
xejn ma jonqosni;
f'mergħat kollha ħdura
jqegħedni.

Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ,
jeħodni;
hemm hu jrejjaqni.
Imexxini fit-triq tas-sewwa
minħabba l-isem tiegħu.
Imqar jekk nimxi
f'wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara,
għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek
u l-għasluġ tiegħek,
huma jwennsuni.

Int tħejji mejda għalija
quddiem l-għedewwa tiegħi.
Biż-żejt tidlikli rasi,
u l-kalċi tiegħi tfawwarli.

Miegħi, iva,
jimxu t-tjieba u l-ħniena
il-jiem kollha ta' ħajti.
U ngħammar f'dar il-Mulej
sakemm indum ħaj!

(Salm 23)

### Din kont tafha?

Il-ħatar kien bastun twil li kien ikollu t-tarf ta' fuq bl-għonq imdawwar sabiex jintuża ħalli jżomm in-nagħaġ miġbura flimkien. Bih ir-ragħaj kien jiġbed lil dawk li jkunu se jinqatgħu minn mal-bqija. L-għasluġ kien bastun oħxon li bih ir-ragħaj kien jiddefendi n-nagħaġ minn annimali selvaġġi.

## Il-Passi fuq ir-Ramel

Darba ħlomt li rajt il-mixja ta' ħajti fuq ramla kbira f'xatt il-baħar. F'kull xena ta' ħajti kien hemm fuq ir-ramel il-marki tal-passi ta' tnejn min-nies. Indunajt li kienu l-passi tiegħi u l-passi tal-Mulej.

Iżda meta bdejt għaddej minn xena għal oħra, bdejt nara li f'xi wħud minnhom kien hemm par wieħed biss ta' passi. Skantajt meta għaraft li dawn kienu l-waqtiet l-aktar tqal u diffiċli ta' ħajti. Bdejt nhewden kif seta' jkun li l-Mulej iħallini waħdi propju meta l-aktar kelli bżonn. Għamilt kuraġġ u staqsejtu: "Għaliex meta t-triq issir diffiċli u perikuluża jidhru biss il-passi tiegħi?"

Il-Mulej ħares lejja u qalli bil-ħlewwa: "Ibni, inħobbok wisq biex inħallik waħdek fil-mumenti tqal u diffiċli tal-ħajja. Jekk tħares sewwa lejn ir-ramel, tara li dawk il-passi mhumiex tiegħek, imma tiegħi. Meta ma stajtx timxi waħdek, erfajtek jien."

**Inti temmen li, jekk trid, lilek ukoll Alla lest jimxi miegħek din il-mixja ta' ħajtek?**

**Temmen li hu lest jerfgħek fil-waqtiet diffiċli li tgħaddi minnhom?**



# Il-vjaġġ tiegħi

## Naraw x'tgħallimna

**A Kliem importanti**

Ikteb sentenza li tispjega fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Pellegrinaġġ
- L-Istorja tas-Salvazzjoni

**B Ideat prinċipali**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Spjega għaliex nistgħu nħarsu lejn ħajjitna bħala mixja.
- Fisser sew għaliex huwa importanti li nagħmlu għażliet tajbin fil-ħajja ta' kuljum.
- Ikteb dwar l-importanza tal-pellegrinaġġ f'reliġjonijiet differenti.
- Agħżel persunaġġ jew perijodu mill-Istorja tas-Salvazzjoni biex turi l-preżenza ta' Alla fil-mixja tal-poplu tiegħu.

**Ċ Aħseb b'moħħok**

Uża dak li tgħallimt f'dan il-kapitlu biex twieġeb:

- B'liema mod Alla għadu jimxi mal-bniedem illum l-istess bħalma mexa mal-poplu tiegħu fl-Istorja tas-Salvazzjoni?
- Minn dak li tgħallimt dwar il-persunaġġi mill-Bibbja f'dan il-kapitlu, x'taħseb li għandhom ikunu l-kwalitajiet li jgħinuk tħalli lil Alla jmexxik fit-triq tal-ħajja?

**D Iddiskuti d-dar**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar:

- Kemm qed nagħtu post lil Alla fil-familja tagħna? Nitolbu flimkien? Naħsbu fuq xi jrid Alla qabel ma nieħdu xi deċiżjoni li taffettwa l-familja?



# Il-qawwa ta' ġo fija

**ĦEJJI RUĦEK:**

**Ġieli staqsejt lilek innifsek x'inhu dak li hu l-aktar importanti għalina bħala bnedmin?**

**X'inhu dak li jagħmilna verament kuntenti?**

**X'inhu dak li aħna maħluqin għalih?**

Immarka ✓ ħdejn il-kliem li taħseb li taf sew xi jfisser:

- [ ] milja
- [ ] xbieha
- [ ] Pentekoste
- [ ] l-Ispirtu s-Santu
- [ ] tempju
- [ ] Magħmudija
- [ ] Konfermazzjoni
- [ ] eroj

2






F'dan il-kapitlu se naħsbu fuq x'inhu dak li fih il-bniedem isib il-milja tiegħu. Se niddiskutu s-sejħa li hemm fil-qalb ta' kull bniedem li jkun ħaġa waħda ma' Alla l-Ħallieq. Se naraw kif dan hu possibbli jekk inkunu verament tempji ħajjin tal-Ispirtu s-Santu.

# Il-qawwa ta' ġo fija




**X'jonqosni biex inkun veru kuntent?**
Se nibdew billi naħsbu ftit dwar dak li nħossu li jonqosna bħala bnedmin biex inkunu verament kuntenti, aħna lkoll li qed infittxu li nkunu bnedmin sħaħ.

**Tgħid Alla għandu x'jaqsam?**
Imbagħad se naraw x'jgħidilna Alla fil-Bibbja dwar min aħna u x'inhu dak li jagħmilna bnedmin sħaħ.

**Konfużjoni vs Armonija**
Wara dan se jkollna l-opportunità nirriflettu dwar id-differenzi kbar li hemm bejn meta nagħżlu li nħallu lil Alla jaħdem fina u meta nwarrbuh.

**L-Ispirtu s-Santu f'ħajti**
F'din il-lezzjoni se naraw x'inhu s-sehem tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna – aħna li fil-Magħmudija sirna tempji tiegħu.

**Nikbru u nissaħħu**
Il-Griżma tal-Isqof, jew Konfermazzjoni, huwa l-pass li jmissna niddeċiedu dwaru fil-mixja tagħna bħala Nsara. F'din il-lezzjoni se naraw xi jfisser għall-ħajja tagħna dan is-sagrament.

**Mill-ħajja ta' San Ġorġ Preca**
Imbagħad se nħarsu lejn il-frott tal-qawwa tal-Ispirtu fil-ħajja ta' San Ġorġ Preca li b'hekk irnexxielu jirbaħ it-tfixkil li ltaqa' miegħu f'ħajtu.

**Eroj ta' veru**
Fl-aħħar tal-kapitlu se nikkunsidraw x'għamlu diversi Nsara mqawwija mill-Ispirtu ta' Alla fihom u nikkonkludu fuq min huma l-veri eroj tal-Istorja.

2.1

# X'jonqosni biex inkun veru kuntent?



qatt kont qed tilgħab xi logħba fuq il-kompjuter u weħilt? Tkun taf li hemm xi ħaġa li suppost tagħmel biex tkompli miexi 'l quddiem imma ma jkollok l-ebda idea din x'tista' tkun. Ikollok tistaqsi lil xi ħadd minn sħabek li jkun diġà lagħab il-logħba u għadda minn dak il-livell. Inkella tfittex xi *walkthrough* tal-logħba fuq l-internet ħalli tara x'suppost tagħmel.

L-istess fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Jista' jiġri li nkunu għaddejjin bil-ħajja tagħna meta nsibu xi ntopp ... bħal neħlu u ma nkunux nafu x'għandna nagħżlu, jew x'għandna nagħmlu. U hawn, bħal fil-logħba, inħossu l-bżonn li nfittxu l-għajnuna. Inħossu l-ħtieġa li nistaqsu lil xi ħadd akbar minna jew lil xi ħadd li nafu li diġà għadda mill-istess esperjenza jew iffaċċja l-istess problema.

L-ebda bniedem fid-dinja ma jaf kollox dwar kull ħaġa. Ebda persuna mhi kapaċi tieħu ħsieb waħedha kull ħaġa f'ħajjitha. Aħna l-bnedmin ilkoll għandna l-limitazzjonijiet tagħna. Anki l-aktar bniedem għaref li jista' jkun hawn fid-dinja, kuljum jiġi bżonn nies oħra biex jgħinuh jgħix ħajja komda u sabiħa. Żgur li għaref kemm hu għaref ma jafx jagħmel kollox, u lanqas li kieku, żgur li m'għandux il-ħin biex jieħu ħsieb kollox hu.

## Aqra dawn il-fatti dwar persuna partikulari li f'ħajjitha fittxet il-ferħ u l-kuntentizza imma għall-ewwel ma sabithomx:

Wiret ħafna flus mingħand il-ġenituri tiegħu li mietu meta kien għadu tifel. Bħala żagħżugħ ipprova juża flusu biex ikun ferħan iżda ma tantx irnexxielu.

Kien iħobb ix-xorb u l-ikel fin u kien ifittex il-kuntentizza fid-divertiment mal-ħbieb. Imma l-vera kuntentizza ma sabhiex f'dawn.

Kellu ħabiba jisimha Mimi li magħha kien jgħix daqslikieku martu. Xorta waħda kien iħoss li ħajtu baqgħet vojta u bla skop.

Fittex is-suċċess fil-karriera militari. Issospendewh minħabba Mimi u meta reġgħu aċċettawh ma damx ma telaq hu stess.

Sar esploratur u fittex il-kuntentizza fix-xogħol u fl-avventura. Imma lanqas hawn ma sabha.

**Biex tkun taf min kienet din il-persuna u tara rnexxilhiex issib il-paċi u l-ferħ veru tal-qalb, ara l-lezzjoni li jmiss.**

Minbarra dan, hija esperjenza komuni ħafna li wieħed iħoss li sabiex ikun verament kuntent jonqsu xi ħaġa li mhux dejjem ikun jaf x'inhi. Ġieli forsi jaħseb li se ikun kuntent jekk jakkwista xi oġġett sabiħ li s'issa ma kellux. Inkella jimmaġina li dak li jonqsu jkun li jsir ħabib ma' xi ħadd li jkun jammira jew lejn min iħossu miġbud.

Forsi anki int ġieli ħsibt dan. Qatt xtaqt xi rigal sabiħ, ngħidu aħna xi kompjuter ġdid jew xi lbies sabiħ u ħsibt li jekk din ix-xewqa sseħħ kont se tilħaq is-seba' sema? Inkella, qatt ħsibt li jekk tagħmel ħbieb ma' xi ħadd partikulari kont se tkun tant kuntent li xejn ma jkun jista' jdejqek? X'ġara fil-fatt meta l-kompjuter inxtara, jew meta l-ilbies sar tiegħek, jew għamilt ħbieb ma' dik il-persuna? Għall-ewwel ħassejtek se ttir bil-ferħ, imma ma domtx ma rġajt lura għall-ħajja tas-soltu u forsi bdejt tixtieq oġġetti jew ħbieb differenti biex forsi tkun aktar ferħan.

L-esperjenza tal-ħajja turina li l-bniedem f'ħajtu jfittex u jibqa' jfittex il-veru ferħ u ma jħossx li laħaq il-milja tiegħu sa ma jsibu. Imma possibbli nsibu dak li jagħmilna tassew kuntenti? Jew din hi biss ħolma, frott tal-fantasija? Taħseb li Alla għandu post f'din it-tfittxija?





### Idħol fil-fond

Qatt indunajt li kważi r-reklami kollha tal-arloġġi bil-minutieri juru l-ħin tal-għaxra u għaxra? Qatt staqsejt għaliex? Waħda mir-raġunijiet hija li f'dik il-pożizzjoni l-arloġġ ikun qisu qed jitbissem (bħal *smiley face*). Indirettament inti tkun qed tieħu l-messaġġ "Ixtrini biex tkun kuntent." Tista' tgħid li kull reklam li jsir jipprova jikkonvinċina li jonqosna l-oġġett imsemmi fir-reklam biex inkunu tassew kuntenti. Filwaqt li r-reklami huma importanti biex inkunu nafu xi prodotti hawn għall-bejgħ u jkollna għażla ikbar, ma rridux inħalluhom ibellgħulna kulma jridu. Uża moħħok!

### X'ser tagħżel?

(Tkompli minn paġna 7)

Bdejt turi interess fil-kant. Sirt taf li żewġt itfal mill-klassi tiegħek kienu qegħdin imorru jitgħallmu għand xi ħadd f'raħal ieħor. Tgħid kont tibda tmur magħhom int ukoll?

**Iva Mur paġna 89**
**Le Mur paġna 105**



# Tgħid Alla għandu x'jaqsam?

Kif rajna fil-lezzjoni ta' qabel din, fil-ħajja nħossu l-bżonn tal-għajnuna ta' ħaddieħor. Rajna wkoll li ta' bnedmin li aħna lkoll qed infittxu dak li jagħmilna tassew kuntenti. Tgħid Alla għandu x'jaqsam?

Fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, il-Ġenesi, insibu żewġ stejjer li jgħallmu dwar il-ħolqien tal-bniedem u dak kollu li naraw madwarna. Huma żewġ stejjer differenti ħafna, kemm fl-istil kif ukoll f'dak li jirrakkuntaw. Madanakollu t-tnejn li huma għandhom l-istess messaġġ dwar Alla u dwar il-bnedmin. It-tnejn iwasslulna l-messaġġ li Alla waħdu ħalaq kollox u għamel kollox tajjeb. Dwarna l-bnedmin juruna li nħlaqna minn Alla u għal Alla. L-ewwel storja tgħidilna ċar li "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom" (Ġenesi 1, 27). It-tieni storja twassal l-istess messaġġ meta tgħidilna li Alla għamel il-bniedem u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja (ara Ġenesi 2, 7). Alla tant iħobb lill-bnedmin li għamilhom speċjali, jixbhu lilu, bl-istess nifs tiegħu fihom. Alla li hu mħabba ħalaqna għax iħobbna u biex inħobbu bħalu.

Il-bniedem għalhekk iħoss il-bżonn tal-oħrajn: għax hu maħluq biex jgħix ma' ħaddieħor, l-ewwel u qabel kollox ma' Alla. Ix-xewqa li hemm ġewwa fina li nkunu ma' Alla toħroġ meta nħossu l-bżonn għall-ħbiberija mal-oħrajn.

L-istess, meta nfittxu l-ferħ u l-kuntentizza fil-ħajja, dak li propjament inkunu qed infittxu huwa lil Alla. Hekk kif tgħallimna l-Knisja fil-Katekiżmu, "f'Alla biss il-bniedem isib il-verità u l-hena li qatt ma jieqaf ifittex" (KKK n.27).

L-eżistenza ta' reliġjonijiet differenti fi nħawi differenti tad-dinja u fi żminijiet diversi tikkonferma kemm il-bniedem fil-fatt għandu fih din ix-xewqa għal Alla tant li jipprova jiskopri min hu u x'tip ta' relazzjoni għandu jkollu miegħu. Meta l-Maltin tal-qedem bnew it-tempji megalitiċi eluf ta' snin ilu, huma wkoll kienu qegħdin jesprimu din ix-xewqa għal Alla u jagħmlu ħilithom biex jikkomunikaw miegħu.



## Agħmel

Fittex dwar it-tempji preistoriċi f'Malta u Għawdex. Agħmel lista ta' ħamsa minnhom u ikteb ħdejn kull wieħed għal ħabta ta' meta nbena. Pinġi l-forma ta' wieħed minn dawn it-tempji. Ara jirnexxilekx issib tempju f'Malta li kien inbena b'mod biex jimmarka l-bidu tal-istaġuni tas-sena.

## Itlob

Oqgħod ftit għall-kwiet u irrifletti fuq il-kliem ta' Santu Wistin ta' Ippona. Irrepeti dan il-kliem għal għaxar darbiet, b'pawsa qasira bejn darba u oħra u tkellem ma' Alla fuq dak li tħoss.

> Inti ħlaqtna għalik Mulej, u qalbna ma ssib qatt kwiet jekk ma tistrieħx fik.




## Din kont tafha?

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1992. Fih insibu ġabra tat-tagħlim tal-Knisja dwar dak li nemmnu aħna l-Insara Kattoliċi fuq Alla u dwar dak li għandna nagħmlu biex infittxuh, insibuh u nsiru ħbieb tiegħu.



# Konfużjoni vs Armonija

### L-istorja tat-Torri ta' Babel

Fil-Ġenesi hemm storja magħrufa bħala t-Torri ta' Babel. Fiha jingħad li l-bnedmin ftiehmu li jibnu torri li jilħaq sas-sema. Dan ifisser li riedu juru li xejn ma jista' għalihom. Riedu juru li waħedhom kienu kapaċi biżżejjed – ma kellhomx bżonn lil Alla f'ħajjithom. Ġara, iżda, li huma u jibnu dan it-torri bdew jitkellmu b'ilsna differenti b'mod li ma baqgħux jiftiehmu bejniethom u hekk infirdu u xterdu mal-erbat irjieħ.

### Il-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin mill-Atti tal-Appostli

"Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont mal-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu. F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstama' dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu. Miblugħin u mistagħġbin, bdew jgħidu: 'Dawn li qegħdin jitkellmu mhumiex ilkoll mill-Galilija? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu? Partin, Medin u Għelamin, nies mill-Mesopotamja, mil-Lhudija, mill-Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja, mill-Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni, nies li ġew minn Ruma, kemm Lhud u kemm prosèliti, oħrajn minn Kreta u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla.' U lkoll, mitlufa bl-għaġeb, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: 'Dan xi jkun?'" (Atti 2, 1-12)





## Din kont tafha?

Għall-poplu Lhudi Għid il-Ħamsin kien it-tiġdid tal-Patt li Alla għamel miegħu permezz ta' Mosè fuq is-Sinaj. Hekk huma kienu bħal jgħixu mill-ġdid dik il-ġrajja li fiha Alla tahom il-Liġi tiegħu. Drawwa li għadha teżisti sal-lum il-ġurnata fost il-Lhud hija li jgħaddu l-lejl li jagħti bidu għal din il-festa jaqraw u jistudjaw il-Liġi ta' Alla.

### Babel u Ġerusalemm

Ħares sew lejn is-silta mill-Atti tal-Appostli u qabbilha mal-istorja tat-Torri ta' Babel. Tara xi xebh u fl-istess ħin differenzi bejniethom?

Fl-istorja tat-Torri ta' Babel naraw lill-bniedem jipprova jieħu post Alla. Għalkemm id-dettalji – bħal li bdew jitkellmu b'ilsna differenti u li xterdu mad-dinja – mhumiex fatti storiċi, il-messaġġ ewlieni huwa veru. Il-messaġġ li ried iwassal min kiteb din l-istorja huwa li meta l-bniedem iwarrab lil Alla jispiċċa jitlef il-kapaċità li jikkomunika ma' sħabu.

Min-naħa l-oħra, fil-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin (jew Pentekoste) l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli u dawn setgħu jinftiehmu min-nies li kienu jitkellmu lingwi differenti. Hekk naraw li meta l-bniedem jilqa' lil Alla u jħallih jaħdem fih jikseb il-kapaċità li jidħol f'relazzjoni tajba mal-oħrajn biex flimkien jibnu komunità. L-Atti tal-Appostli, fil-fatt, jgħidilna li dakinhar tal-Pentekoste ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlitt elef ruħ.

Għalhekk, f'Għid il-Ħamsin ġara bil-maqlub ta' dak li tgħidilna l-istorja tat-Torri ta' Babel. Jidher ċar li biex niftiehmu tassew bejnietna u ngħixu fil-paċi u l-armonija rridu l-ewwel inħallu lil Alla jgħix fina.



# L-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tiegħi

## Min hu l-Ispirtu s-Santu?

### X'post għandu fil-ħajja tiegħek?

Fil-Kredu li nistqarru fil-quddiesa tal-Ħadd ngħidu li nemmnu "fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja." L-Ispirtu s-Santu huwa l-preżenza ta' Alla fik. Bħalma n-nifs huwa meħtieġ biex tgħix f'din id-dinja, hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu hu meħtieġ biex tgħix bħala iben jew bint Alla. Ħafna drabi lanqas biss tinduna li qed tieħu n-nifs, għax tant hi ħaġa bażika tal-ħajja. L-istess, forsi ftit li xejn qatt ħsibt dwar in-nifs ta' Alla fik, dwar dak li jagħmel fik l-Ispirtu s-Santu.

Inti rċevejt l-ewwel darba l-Ispirtu s-Santu ġewwa fik dakinhar li tgħammidt. L-Ispirtu s-Santu ġie jgħammar fik u hekk inti sirt bħal dar għal Alla, it-tempju tiegħu.

Ġieli ħsibt fuq għaliex ħafna mill-knejjes tagħna huma mżejna b'tant tiżjin sabiħ u prezzjuż? Missirijietna dejjem riedu li lil Alla jagħtuh l-aħjar. Aħna wkoll nieħdu ħsieb u nżommu sabiħa u nadifa l-knisja għax hi t-tempju ta' Alla. Kemm aktar għandna nieħdu ħsieb tal-ġisem tagħna li fih jgħammar Alla nnifsu! Jekk għandna nuru rispett meta nidħlu fi knisja, kemm aktar għandu jkollna rispett lejn il-persuna tagħna u dik ta' ħaddieħor li hu wkoll tempju ta' Alla!



## X'inhi d-differenza li jagħmel fik l-Ispirtu s-Santu?

L-Ispirtu s-Santu jagħtik karattru li ma jitħassar qatt – jagħmlek tixbah lil Kristu, jagħmlek Kristu ieħor.

Huwa dak li f'ħajtek ta' kuljum ifakkrek fi Kristu u jmexxik fit-tagħlim tiegħu. Huwa jgħallmek ukoll tikkomunika ma' Alla l-Missier permezz tat-talb bħalma kien jikkomunika miegħu Ġesù fil-ħajja tiegħu f'din id-dinja. Fuq kollox, l-Ispirtu s-Santu jagħtik il-kuraġġ tgħix tabilħaqq ta' dixxiplu ta' Kristu.

L-Ispirtu s-Santu jsejjaħlek ukoll biex tuża d-doni li jagħtik ħalli tkompli tinbena l-komunità li hi l-Knisja.

### Idħol fil-fond

Fil-Magħmudija s-simbolu prinċipali li nużaw huwa l-ilma. Bħalma aħna kbirna f'ġuf ommna mdawrin bl-ilma sabiex nitwieldu għall-ħajja naturali, hekk fl-ilma tal-Magħmudija l-Ispirtu s-Santu jagħtina ħajja ġdida spiritwali.



### Din kont tafha?

Filwaqt li normalment huwa l-isqof, is-saċerdot jew id-djaknu li jista' jgħammed, f'każ ta' ħtieġa jista' jgħammed kulħadd. Il-Magħmudija sseħħ meta bl-intenzjoni propja jingħad il-kliem "[Isem] jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" waqt li jissawwab għal tliet darbiet l-ilma fuq ras dak li jitgħammed.



### X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 126)
Webbist rasek u ma ridtx taf bi skola. Fl-aħħar tas-sena kien ċar li ma kontx ilħaqt il-livelli mistennija għas-sena tiegħek, mhux għax ma kontx kapaċi, imma għax ma ridtx taħdem. Issa l-ġenituri tiegħek għandhom jiddeċiedu jekk jitolbux li tirrepeti s-sena.
**TMIEM**

### Għixha!

Meta ma tkunx ċert dak li se tgħid jew tagħmel hux ħaġa xierqa jew le, staqsi lilek innifsek "Jixraq li jien bħala post li fih jgħammar l-Ispirtu ta' Alla ngħid jew nagħmel din il-ħaġa?"

is-seba' doni

# TAL-ISPIRTU

## Xi jkunu dawn id-doni?

## X'differenza jagħmlu fija?



### L-GĦERF

Bis-saħħa tad-don tal-għerf, ***aħna nagħrfu l-ħidma ta' Alla fina u madwarna.***

Bih, anki xi ħadd li qatt ma mar skola kapaċi jersaq lejn Alla u jħares lejn kollox – ferħ u niket, gost u tbatija, suċċess u falliment – mill-għajnejn ta' Alla u jara skop u valur f'kull ħaġa li tiġri.

### ID-DEHEN

Bid-don tad-dehen aħna naraw ***kif irridu ngħixu biex inkunu tabilħaqq dixxipli ta' Ġesù.*** Min għandu dan id-don ma jitfixkilx meta jiltaqa' ma' ideat li ma jaqblux mal-Evanġelju.

### L-GĦAQAL

Dan id-don jgħinna fil-ħajja ta' kuljum ħalli ***nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin u nagħżlu li nagħmlu dak li hu tajjeb.*** Persuna li għandha d-don tal-għaqal tevita d-dnub u tgħix il-valuri li għallem Ġesù.

# U S-SANTU



Meta fil-Magħmudija nirċievu fina l-Ispirtu s-Santu huwa jagħtina ħafna rigali sbieħ li jgħinuna ngħixu tajjeb skont dak li jrid minna Alla l-Missier, fuq il-passi ta' Ġesù. Fil-Konfermazzjoni huwa jsaħħaħ fina dan kollu. Il-lista ta' dawn ir-rigali jew doni li jagħtina l-Ispirtu s-Santu hija bbażata fuq dak li nsibu f'Isaija 11, 1-3.

## IL-QAWWA

Il-qawwa tgħinna ma nibżgħux nirriskjaw għal Ġesù u ***naħdmu għal dak li hu tajjeb quddiem Alla***, anki jekk ikun ifisser li jwarrbuna, jgħajruna, jew iweġġgħuna b'xi mod ieħor.

## IX-XJENZA

Dan id-don ma jirreferix għat-tagħrif u l-informazzjoni fuq dak li hu materjali, bħal fix-Xjenza li nitgħallmu l-iskola.

Id-don tax-xjenza ***jgħinna nifhmu min hu Alla***. Hekk ma nagħtux l-importanza li tixraq lilu lil ħwejjeġ oħra.

## IL-PJETÀ

Id-don tal-pjetà ***jagħtina sens qawwi ta' rispett u qima lejn Alla.*** Il-pjetà tgħinna nħarsu lejn Alla bħala l-Missier li jħobbna u lejn xulxin bħala aħwa, ulied l-istess Missier. Dan id-don jgħinna nagħmlu dak li hu tajjeb mill-qalb u bl-imħabba.

## IL-BIŻA' TA' ALLA

Bis-saħħa ta' dan id-don nistgħu ***nagħrfu kemm Alla huwa kbir u jista' kollox.*** Bil-Malti ngħidu "Nibża' għalik għax int importanti."
Il-biża' ta' Alla mhuwiex li tibża' minnu imma li tibża' għar-relazzjoni li għandek miegħu. Tibża' li tonqos mill-imħabba lejn Alla u tinfired minnu.

# Nikbru u nissaħħu

Fost is-seba' sagramenti, tlieta jissejħu s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija. Dawn huma l-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof u l-Ewkaristija. Fil-ħajja naturali tagħna aħna twelidna, qegħdin nikbru, u għandna bżonn l-ikel li jgħinna nżommu f'saħħitna. L-istess, fil-ħajja Nisranija twelidna bil-Magħmudija. Il-Griżma tal-Isqof, li nsibuha wkoll bħala l-Konfermazzjoni, tgħinna nikbru f'din il-ħajja. L-Ewkaristija, imbagħad, hi għalina l-ħobż tal-ħajja ta' dejjem.

L-isem 'Konfermazzjoni' jgħinna nifhmu aktar x'inhi l-Griżma tal-Isqof. F'dan is-sagrament l-Ispirtu s-Santu jikkonferma l-preżenza tiegħu fina. Hu jagħtina qawwa speċjali ħalli nkunu nistgħu nikbru bħala Nsara. Ir-rabta tagħna mal-Knisja ssir aktar sħiħa. L-Ispirtu s-Santu jdaħħalna wkoll f'impenn akbar għall-missjoni li nwasslu lil Kristu kull fejn inkunu, kemm bil-kliem kif ukoll bl-għemil. Hu jgħinna, pereżempju, biex meta xi ħadd iħajjarna nagħmlu xi ħaġa ħażina nkunu nafu ngħidulu le. Jagħtina l-qawwa biex meta naraw lil xi ħadd fil-bżonn ngħinuh. Fil-Griżma, aħna wkoll inkunu qed nikkonfermaw li rridu nkunu Nsara bis-serjetà. L-għażla li għamlu għalina l-ġenituri meta konna għadna trabi, issa nagħmluha aħna għax irridu.

L-isem 'Griżma' wkoll jgħinna nifhmu x'jiġri f'dan is-sagrament. Dan l-isem ġej minn kelma bil-Grieg li tfisser dilka u tirreferi għad-dilka biż-żejt li ssir meta xi ħadd jingħażel għal missjoni importanti. Infatti, il-Griżma sseħħ permezz tad-dlik biż-żejt fuq il-ġbin, flimkien mat-tqegħid tal-idejn, waqt li jingħad il-kliem: "Ħu s-siġill tal-Ispirtu s-Santu." Hekk l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna b'mod aktar sħiħ ma' Kristu, il-Midluk ta' Alla, il-magħżul tiegħu.

Biex nifhmu aħjar il-qawwa li jagħtina l-Ispirtu s-Santu fil-Konfermazzjoni tajjeb nikkunsidraw xi simboli marbuta mat-tielet Persuna tat-Trinità Qaddisa:

## Din kont tafha?

Iż-żejt tal-Griżma għad-djoċesi kollha jiġi kkonsagrat mill-Isqof nhar Ħamis ix-Xirka fil-Quddiesa tal-Griżma.



### IR-RIĦ



Meta f'nhar Għid il-Ħamsin l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi. L-istess kelma 'spirtu' hi traduzzjoni tal-kelma Lhudija '*ruah*' li tfisser ukoll riħ. Anki fil-Malti, 'riħ' u 'ruħ' għandhom l-istess għerq. Ir-riħ ma narawhx, imma nistgħu naraw l-effetti tiegħu. Bl-istess mod, għalkemm l-Ispirtu s-Santu ma narawhx, naraw l-effetti tal-ħidma tiegħu fina u f'dawk ta' madwarna.

### IN-NAR



Kien f'sura ta' ilsna qishom tan-nar li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli. In-nar għandu l-qawwa li jibdel. Aħseb ftit, pereżempju, meta jissajjar xi kejk – kejk misjur hu ferm differenti fil-forma u fit-togħma mit-taħlita li tiddaħħal fil-forn. L-istess meta jinħema t-tafal, il-fuħħar li jinħareġ mill-forn ikollu kwalitajiet differenti ħafna minn dawk tat-tafal li jiddaħħal. In-nar jista' wkoll isaffi xi metall prezzjuż bħad-deheb u l-fidda. Hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu għandu l-qawwa li jnaddafna mid-dnubiet u d-difetti tagħna. Għandu l-qawwa jagħtina kwalitajiet ġodda u jibdilna f'persuni isbaħ u aħjar.

### ĦAMIEMA

Meta Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista, l-Ispirtu s-Santu niżel fuqu qisu ħamiema. Il-ħamiema hi simbolu tal-paċi għax kif insibu fil-Ġenesi hija ħamiema li turi lil Noè li reġgħet bdiet issaltan il-paċi bejn Alla u l-bniedem. L-Ispirtu s-Santu huwa Alla fina li jagħtina l-vera paċi tal-qalb u l-kwalitajiet li neħtieġu sabiex ngħixu fil-paċi mal-oħrajn.



## Agħmel

Fittex x'għallem San Pawl dwar il-frott tal-Ispirtu fina f'Galatin 5, 22-23. Liema minn dan il-frott juri li l-Ispirtu s-Santu jagħtina l-vera paċi tal-qalb? Liema huma meħtieġa biex ngħixu fil-paċi u l-imħabba mal-oħrajn? Ikteb paragrafu li fih tiddeskrivi kif taħseb li tkun persuna li għandha fiha l-Ispirtu s-Santu.

## Għixha!

Matul din il-ġimgħa li ġejja oqgħod attent aktar għall-bżonnijiet tal-oħrajn u ara kif tista' tgħinhom. Pereżempju, jekk tinduna li xi ħadd mill-klassi nesa l-ikel agħtih ftit minn tiegħek. Jekk tkun fuq il-karozza tal-linja u jitla' xi ħadd anzjan ċedilu postok. Jekk tara lil xi ħadd għalih waħdu mur kellmu u ara tilagħbux flimkien. Ħalli l-Ispirtu s-Santu jagħmel minnek Kristu ieħor!

# Mill-Ħajja ta' San Ġorġ



Illum lil San Ġorġ Preca lkoll nafuh bħala l-ewwel Malti li ġie ddikjarat qaddis mill-Knisja. Ilkoll nafu bis-soċjetà li waqqaf ta' nisa u rġiel li jiddedikaw ħajjithom għat-tixrid tal-Evanġelju u l-formazzjoni speċjalment tat-tfal u ż-żgħażagħ. Forsi ftit jafu, iżda, li San Ġorġ f'ħajtu għadda minn bosta sitwazzjonijiet diffiċli.

Inti ġieli ħassejtek imweġġa' għax sħabek warrbuk u ma ridukx tilgħab jew toħroġ magħhom? It-tfajjel Ġorġ Preca kien spiss jgħaddi minn din l-esperjenza. Meta t-tfal kienu jaqtgħu bix-xorti biex jinqasmu fi gruppi għal xi logħba, lilu kienu dejjem iħalluh għall-aħħar. Anzi, x'ħin kienu jintgħażlu t-tfal kollha, min kien imissu jagħżel kien idur fuq l-oħrajn u jgħidilhom, "Lil Ġorġ ħuduh b'xejn!" Min jaf kemm kien iweġġa' meta kienu jgħidu hekk! Ġorġ anki ġieli kien ibbuljat minn tfal oħra. Min jaf kif kien iħossu f'dawk l-okkażjonijiet!

Meta kiber Ġorġ ukoll sab ħafna xi jfixklu. Meta kien wasal biex jiġi ordnat saċerdot marad sew tant li t-tabib tiegħu kien qatagħha li Ġorġ ma kienx fadallu wisq ħajja. Fil-fatt, iżda, Ġorġ irkupra, sar saċerdot, u ma damx ma kompla jlaqqa' grupp ta' żgħażagħ li kellhom ikunu l-bidu tas-soċjetà li llum ilkoll nafu bħala l-MUSEUM. Ma għaddiex wisq żmien li tfaċċa inkwiet ieħor. Mhux kulħadd fehem dak li kien qed jagħmel Dun Ġorġ. Bdew jinkitbu ittri kontra tiegħu fil-gazzetti. Saħansitra l-kapijiet tal-Knisja spiċċaw bagħtu għalih u qalulu jagħlaq iċ-ċentri kollha li kien fetaħ. Hu kien qed jiddedika tant ħin u enerġija biex bi mħabba kbira jxerred il-messaġġ tal-Evanġelju ma' Malta kollha u minn fuq kien qed isib tant tfixkil u bsaten fir-roti. Min jaf int kif kont tħossok u x'kont tagħmel kieku kont minfloku? Taf hu x'għamel?



Meta kienu jiktbu kontrih fil-gazzetti Dun Ġorġ qatt ma naqas milli jaħfer lil min ma fehmux u lill-membri tal-MUSEUM kien jgħidilhom biex ma jweġbux għall-ittri li kienu jinkitbu kontra s-soċjetà tagħhom. Quddiem il-kapijiet tal-Knisja, Dun Ġorġ baxxa rasu u qalilhom li la huma kienu superjuri tiegħu hu kien se jobdihom u jagħlaq iċ-ċentri kollha

# Preca

## Din kont tafha?

L-akronimu 'MUSEUM' jirrappreżenta l-kliem *Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus* li jfisser 'Mgħallem mhux li kien id-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek!' Kien ċertu Salvu Muscat li ħareġ bl-idea tal-isem għax deherlu li Mużew kien isem tajjeb għax fih jinżammu ħwejjeġ prezzjużi u ta' valur bħalma hu ta' valur ferm kbir it-tagħlim spiritwali. San Ġorġ, imbagħad, sab motto li joqgħod mal-ittri tal-kelma.









li kien fetaħ. Dan ma seħħx mhux għax Dun Ġorġ reġa' bdielu jew webbes rasu iżda għax tkellmu numru ta' kappillani dwar il-ġid li kien qed isir bil-ħidma tal-MUSEUM.

X'inhu li żamm lil San Ġorġ qawwi fil-fidi u l-valuri li kien iħaddan anki fil-waqtiet l-aktar diffiċli ta' ħajtu? X'inhu li jista' jżomm lilek ukoll sod fil-fehma li tagħżel u tagħmel it-tajjeb?



Huwa ta' importanza kbira li jkollna nies li jgħinuna u jagħmlulna kuraġġ – Alla jħobbna u jsostnina permezz ta' dawn in-nies. San Ġorġ, pereżempju, meta kellu sbatax-il sena sab ħafna għajnuna fil-kliem li kien qallu l-għalliem tiegħu tat-Taljan u l-Latin, Dun Erkole Mompalao: "Preca, int għad tikber u nies li jirrispettaw 'l Alla jidħlu fil-familjarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek."

Fuq kollox, iżda, huwa l-Ispirtu ta' Alla li jaħdem fina li jagħtina l-qawwa li niffaċċjaw u nirbħu fuq it-tfixkil, kemm dak li ġej mid-difetti tagħna kif ukoll dak li ġej mill-persuni ta' madwarna. Kien għax San Ġorġ kellu fih il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li seta' jrażżan lilu nnifsu milli jwieġeb lil dawk li kitbu kontrih fil-gazzetti. Kienet il-qawwa ta' Alla fih li għenitu jobdi s-superjuri tiegħu u jgħidilhom li hu kien se jagħlaq iċ-ċentri



tat-tagħlim hekk kif qalulu jagħmel.

Inti kemm qed tħalli lill-Ispirtu s-Santu jaħdem fik u jibdlek f'persuna ta' qawwa u kuraġġ li tkun kapaċi tagħżel u tagħmel it-tajjeb?

# Eroj ta' veru

Min jaf kemm rajt films jew forsi qrajt kotba li fihom il-karattru prinċipali jġib ruħu b'mod li jagħmlu l-eroj ta' dik il-ġrajja! Għandek xi eroj favorit? Liema kwalitajiet jagħmlu lil xi ħadd eroj?

Dak li jagħmel persuna eroj huwa l-kuraġġ quddiem il-kuntrarju u l-periklu. L-eroj fl-istejjer spiss isibu ruħhom f'diffikultajiet kbar. Minkejja dan ma jaqtgħux qalbhom. Anzi jkunu lesti jissugraw kollox għall-ġid tal-oħrajn.

F'din il-lezzjoni se nħarsu lejn dak li għamlu numru ta' rġiel u nisa mimlija bl-Ispirtu ta' Alla, għemil li jagħmilhom il-veri eroj tal-Istorja.



## Santa Perpetwa martri

Perpetwa kienet mara żagħżugħa ta' tnejn u għoxrin, miżżewġa raġel imlaħħaq u ġejja minn familja tat-tajjeb. Għal mara tal-età tagħha, f'Kartaġni fis-sena 203 w.K., x'seta' kien jonqosha?

Kien hemm ħaġa waħda li Perpetwa xtaqet b'qalbha kollha – li titgħammed u hekk issir Nisranija. Ommha u wieħed minn ħutha kienu tgħammdu xi żmien qabel. Hi kienet katekumena, jiġifieri persuna li qiegħda tipprepara ruħha għall-Magħmudija.

Skont digriet tal-Imperatur ta' dak iż-żmien, iżda, ħadd fl-Imperu Ruman ma seta' jsir Nisrani. Perpetwa u erba' katekumeni oħra, fosthom mara jisimha Feliċita, sfaw arrestati. Magħhom ma damx ma ssieħeb minn jeddu l-katekist li kien qed jippreparahom għall-Magħmudija. Għal ftit żmien inżammu arrestati fi djarhom u kien f'dawn il-jiem li Perpetwa tgħammdet. Missierha, li kien pagan, ipprova minn kollox biex jikkonvinċiha tiċħad il-fidi. Għalkemm Perpetwa ddispjaċieha ħafna għalih, ma rnexxilux.

Meta ħaduhom il-ħabs Perpetwa tkexkxet bil-kruha, id-dlam u l-iffullar li kien hemm. Barra minn dan, is-suldati trattawhom mill-agħar.

Wasal il-jum meta Perpetwa u sħabha tressqu quddiem il-prokuratur li talabhom joffru sagrifiċċju f'ġieħ l-Imperatur. Huma ċaħdu li jagħmlu dan u ammettew li kienu Nsara. Il-kundanna kienet ħarxa: li jitniżżlu fl-arena flimkien mal-bhejjem selvaġġi. Fi kliem Perpetwa, marru lura lejn il-ħabs mimlijin bil-ferħ.

Il-ferħ ta' dawn l-Insara fil-ħabs u l-kuraġġ li wrew wasslu lil wieħed mill-gwardji u wħud mill-ħabsin għall-konverżjoni. Fis-7 ta' Marzu tniżżlu fl-arena mal-bhejjem selvaġġi. Għalkemm feruta, Perpetwa ma mititx u allura spiċċat inqatlet bix-xabla tal-gladjaturi.

**"Demm il-martri hu ż-żerriegħa tar-reliġjon Nisranija."**

**Għaliex taħseb li aktar ma kienu jmutu Nsara martri aktar kien ikun hemm konverżjonijiet?**

**X'taħseb li kien jagħti l-qawwa lil nies bħal Perpetwa biex ma jibżgħux mit-tbatija u l-mewt?**

# SAN LAWRENZ

## DJAKNU U MARTRI

L-10 ta' Awwissu 258 w.K.
Il-ħames sena mir-renju tal-Imperatur Valerjanu.

L-Insara ta' Ruma reġgħu sfaw vittma ta' persekuzzjoni oħra, waħda mill-iżjed ħorox. Minn xi sena ilu ma jistgħux jinġabru iżjed flimkien. Lanqas ma jistgħu jibqgħu jmorru jitolbu għall-mejtin tagħhom fil-katakombi. Issa ġie deċiż li kull isqof, saċerdot u djaknu tal-Knisja għandu jinqatel bla dewmien. Insara mlaħħqin se jitilfu l-grad tagħhom, jitteħdilhom il-ġid kollu, u jittieħdu għall-mewt jekk jibqgħu ma joffrux is-sagrifiċċju lill-allat tal-poplu Ruman.

Ftit jiem ilu nqabad il-mexxej tal-Insara, il-Papa Sistu II, u flimkien ma' sitta mid-djakni tiegħu nqatlu mis-suldati tal-Imperatur. L-għada kien imiss lill-aħħar wieħed mid-djakni, raġel bl-isem ta' Lawrenz. Skont xi għajdut, il-Prefett ta' Ruma sar jaf li Lawrenz kien dak responsabbli mill-ġid tal-Knisja u ordnalu jġib quddiemu r-rikkezzi kollha tagħha. Uħud ħasbu li dan kien l-uniku ċans għal Lawrenz sabiex isalva ġildu.
Lawrenz deher li se jikkopera u talab lill-Prefett jagħtih tlett ijiem ċans.



Iżda, milli sirna nafu, Lawrenz malajr qassam kulma seta' lill-fqar tal-belt u lbieraħ resaq kif miftiehem għand il-Prefett. Meta dan qallu biex jippreżentalu t-teżori tal-Knisja, Lawrenz ressaqlu l-fqar, l-għomja u morda oħra filwaqt li qallu li għall-Knisja kienu dawn il-veru teżor. Ħadd ma kien jobsor li dan id-djaknu kellu l-ħila jasal s'hawn. Il-Prefett ma kienx kuntent li Lawrenz jinqatel bħal sħabu billi tinqatagħlu rasu u ordna minflok li jmut aktar tard illum mixwi fuq gradilja.

### Din kont tafha?

L-ewwel djakni tal-Knisja kienu għażluhom l-Appostli. Huma għażlu sebat irġiel, fosthom lil San Stiefnu, sabiex jgħinuhom fil-ħidma tagħhom, speċjalment ma' dawk fil-bżonn. Dan ix-xogħol ta' karità huwa llum ukoll parti importanti ħafna mill-ħidma tad-djakni.

## X'inhu li jagħmel lil Lawrenz l-eroj ta' din l-istorja?

### X'kien li lil Lawrenz tah il-qawwa biex ikun veru eroj?

## X'kiseb għalih innifsu Lawrenz bl-għażliet tiegħu?

### U lilna x'jgħallimna?

# Eroj ta' veru

M'hemmx għalfejn immorru lura għall-bidu tal-Knisja biex insibu eżempji ta' nies li kienu lesti jagħtu kollox għal Ġesù. Infatti hemm studji li juru li matul is-seklu għoxrin mietu martri għall-fidi Nisranija aktar milli fis-sekli l-oħra kollha f'daqqha! Diversi sfaw vittma ta' persekuzzjoni minn gvernijiet komunisti u mhux ftit mietu għall-fidi minħabba l-fundamentaliżmu reliġjuż f'pajjiżi fejn l-Insara huma minoranza żgħira. Dan għadu jiġri sal-lum il-ġurnata.

Probabbli, iżda, l-akbar theddida għall-valuri u l-ħajja Nisranija fis-seklu għoxrin kien in-Nażiżmu. Adolf Hitler ried jeqred lil-Lhud minn wiċċ id-dinja. Fil-fatt, sal-aħħar tat-Tieni Gwerra Dinjija nqatlu madwar 6 miljun Lhudi. Il-mibegħda u l-vjolenza kontra dawn l-innoċenti kienu qed ikissru l-valuri Nsara tas-soċjetà Ġermaniża. Sfortunatament kienu ħafna dawk l-Insara Ġermaniżi li kkoperaw man-Nażi u aċċettaw dak li kienu qed jagħmlu. Kien hemm ukoll, iżda, Insara kuraġġużi kemm fil-Ġermanja stess kif ukoll fil-pajjiżi l-oħra mirbuħa min-Nażi li raw li biex ikunu tabilħaqq Insara riedu jagħmlu minn kollox kontra dan il-ħażen. San Massimiljanu Kolbe kien wieħed minnhom. Bħalu kien hemm ħafna oħrajn. Biss biss nafu li fil-kamp ta' konċentrament ta' Dachau kien hemm 2,579 saċerdot Kattoliku, b'aktar minn elf minnhom jitilfu ħajjithom f'dan il-post ta' tbatija kiefra u mewt. Hawnhekk se naqraw dwar tnejn mill-eroj Insara ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.


Dietrich Bonhoeffer

# Irena Sendler

Twieldet fl-1910. Lejn il-bidu tal-1944 isimha kien imniżżel ma' lista ta' nies li nqatlu min-Nażi fil-Polonja. Irena, iżda, fil-fatt mietet fl-2008, meta kellha tmienja u disgħin sena. Għaliex suppost kellha tinqatel? Kif ħelsitha minn ħalq il-mewt?



Xena mill-film *The Courageous Heart of Irena Sendler*

Meta n-Nażi okkupaw il-Polonja, Irena kienet *social worker* Kattolika fil-belt kapitali Varsavja. Minkejja li kien hemm il-kundanna tal-mewt kontra kull min b'xi mod jassisti lil-Lhud, Irena kienet taħdem bla hedu biex tgħinhom: tqassam l-ikel, issibilhom kenn, u tipprovdilhom dokumenti foloz biex ma jinqabdux li huma Lhud. Meta madwar 450,000 Lhudi ġew imġiegħla joqogħdu flimkien fi kwartieri għalihom (*ghetto*) f'Varsavja, Irena ppruvat tħarrab kemm tiflaħ nies. Meta tidħol fil-kwartieri kienet tilbes l-istilla ta' David, l-istess stilla li n-Nażi kienu jġiegħlu lil-Lhud kollha jilbsu, biex turi s-solidarjetà tagħha magħhom.

Billi kienet taf x'kien hemm jistenniehom fil-kampijiet tal-konċentrament, kienet tipprova tikkonvinċi lill-ġenituri u lin-nanniet iħalluha tieħu magħha t-tfal. Xejn ma kienet biċċa xogħol faċli u ħafna minnhom ma ħallewx lil uliedhom jitilqu. Fl-aħħar mill-aħħar Sendler irnexxielha tħarrab u tieħu ħsieb issib kenn għal madwar 2,500 tifel u tifla Lhud. Kienet toħroġhom mill-kwartieri bil-moħbi fi xkejjer, bagalji, kaxxi u saħansitra twiebet. Ġieli kienet tidħol b'ambulanza liebsa ta' infermiera u toħroġ fiha t-tfal taparsi morda. Imbagħad kienet tara fejn tista' ssibilhom kenn ma' familji ġenerużi, f'xi dar għall-iltiema jew f'kunventi tas-sorijiet.

Il-ħsieb ta' Irena kien li wara l-gwerra terġa' tgħaqqad it-tfal li ħarrbet mal-qraba tagħhom. Għalhekk kienet iżżomm rendikont tal-ismijiet propja tat-tfal u dawk ġodda li ngħatawlhom. Il-listi bl-ismijiet, imbagħad, kienet tagħlaqhom ġo vażetti tal-ħġieġ u tidfinhom fil-ħamrija.

Iżda mbagħad Irena nqabdet min-Nażi. Minkejja li ttorturawha u beżżgħuha bil-mewt, baqgħet ma tathom ebda informazzjoni, la dwar it-tfal Lhud u lanqas dwar sħabha li kienu jgħinuha. Għalhekk inqatgħetilha s-sentenza tal-mewt. Kienu biss il-flus li ħallsu sħabha lil xi ħadd minn dawk li kellhom joqtluha li salvawlha ħajjitha. Sħabha sabuha f'foresta mitlufa minn sensiha, imsawta u bi ksur f'idejha u riġlejha. Minn dakinhar sa tmiem il-gwerra Irena kellha tgħix fil-moħbi, l-istess bħal-Lhud li kienet salvat.

Wara l-gwerra Irena ppruvat terġa' tlaqqa' t-tfal li salvat mal-ġenituri tagħhom. Iżda kważi l-ġenituri kollha kienu għebu, il-parti l-kbira maqtula fil-kamp tal-konċentrament ta' Treblinka.

Fl-2003, il-papa ta' dak iż-żmien, Ġwanni Pawlu II, kien bagħat ittra lil Irena Sendler fejn faħħar is-sehem qalbieni tagħha fiż-żminijiet iebsa tat-Tieni Gwerra Dinjija.





# Il-qawwa ta'ġo fija

## Naraw x'tgħallimna

**A Kliem importanti**

Ikteb sentenza li tispjega fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Il-milja tal-bniedem
- Griżma
- Konfermazzjoni

**B Ideat prinċipali**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Fisser għaliex huwa Alla li jista' jagħmel lill-bniedem verament kuntent u sħiħ.
- Spjega għaliex f'Babel kien hemm konfużjoni u nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-bnedmin filwaqt li f'Pentekoste kien hemm il-ftehim u l-għaqda.
- Xi nfissru meta ngħidu li l-Magħmudija tagħmilna tempji tal-Ispirtu s-Santu?
- Agħżel wieħed mis-simboli prinċipali tal-Ispirtu s-Santu u spjega sew it-tifsira tiegħu.

**Ċ Aħseb b'moħħok**

Uża dak li tgħallimt f'dan il-kapitlu biex twieġeb:

- Kif tista' tinbidel il-ħajja tiegħek jekk tgħix verament ta' tempju tal-Ispirtu s-Santu u tirrispetta lil ħaddieħor bl-istess mod?
- F'liema sitwazzjonijiet taħseb li int ikollok l-aktar bżonn tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu ġewwa fik?
- L-eroj ta' veru huma dawk li ma jibżgħux jieqfu għall-ħażen u jkunu lesti jissagrifikaw irwieħhom għas-sewwa. Aħseb ftit f'sitwazzjonijiet madwarna fejn naraw il-ħażen. X'nistgħu nagħmlu biex niqfulu?

**D Iddiskuti d-dar**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar:

- Kemm qegħdin nirrispettaw lil xulxin u nieħdu ħsieb xulxin bħala tempji fejn jgħammar Alla?



# Liema triq se nagħżel?

**ĦEJJI RUĦEK:**

Ġieli ħsibt dwar l-effett li qed iħallu fuqek il-ħbieb u persuni oħra li tagħmilha magħhom?

**Qatt għaddielek minn moħħok kemm dawn jistgħu jinfluwenzaw l-għażliet li tagħmel?**

Trid ikollok ħabiba jew ħabib li dejjem jgħinek biex tieħu l-aħjar deċiżjonijiet?

Immarka ✓ ħdejn il-kliem li taħseb li taf sew xi jfisser:

- [ ] ħbiberija
- [ ] influwenza pożittiva
- [ ] influwenza negattiva
- [ ] prijoritajiet
- [ ] dixxiplu
- [ ] midneb
- [ ] konverżjoni
- [ ] għalliem
- [ ] parabbola
- [ ] xhud

3





F'dan il-kapitlu se nħarsu lejn l-offerta ta' Ġesù li jkun hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja tagħna. Se nirriflettu fuq kemm hi importanti l-ħbiberija tagħna ma' Ġesù biex f'ħajjitna nagħmlu deċiżjonijiet tajbin għall-ġid veru tagħna u tal-oħrajn.





# Liema triq se nagħżel?




### Ma' min se nagħmilha?
L-ewwel se nħarsu lejn l-influwenza li jkollhom fuqna dawk il-persuni li magħhom nirrelataw. Se naħsbu dwar l-importanza li, sa fejn nistgħu nagħżlu aħna, noqogħdu attenti ma' min nagħmluha.

### Ma' min irrid nagħmel ħbieb?
Se naraw imbagħad l-opportunità li jagħtina Ġesù li jkun hu l-ħabib ta' veru tagħna. Se nqisu wkoll jekk irridux inkunu ħbieb tiegħu u għaliex. Irridu naħsbu dwar x'post lesti li nagħtuh f'ħajjitna.

### Dixxipli ta' Ġesù
Fil-lezzjoni li jmiss se nitgħallmu dwar l-influwenza ta' Ġesù fuq id-dixxipli tiegħu. Dan se nagħmluh billi naraw kemm inbidlet il-ħajja ta' Marija oħt Marta jew dik ta' Pietru meta dawn iltaqgħu ma' Ġesù u ħallewh ikun l-ewwel u l-akbar ħabib tagħhom.

### Żakkew – midneb li nbidel
Wara dan se nanalizzaw il-bidla li ġab Ġesù f'Żakkew, raġel li, bħala pubblikan, kellu l-fama ta' ħalliel.

### Ġesù l-aqwa għalliem
Ikun imiss imbagħad li niflu l-kobor ta' Ġesù bħala għalliem u naraw kif hu għex tabilħaqq dak li għallem.

### Dixxipli ta' Ġesù llum
F'din il-lezzjoni ħa naraw kif Ġesù, anki llum, elfejn sena wara li għallem fid-dinja, ħafna għadhom jagħżlu li jimxu warajh u jkunu dixxipli tiegħu.

### It-Triq, il-Verità, il-Ħajja
Fl-aħħar tal-kapitlu se naħsbu dwar il-kliem ta' Ġesù meta qalilna li hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Se nirriflettu fuq dan xi jfisser fil-ħajja tagħna jekk naċċettaw li nkunu aħna wkoll dixxipli ta' Ġesù.

# Ma' min se nagħmilha?

Agħlaq ftit għajnejk u aħseb. Min huma n-nies l-aktar importanti f'ħajtek? Għaliex huma importanti għalik? L-ewwel kuntatt tiegħek mad-dinja kienet ommok. Minnha kont tiddependi għal kull bżonn tiegħek.

Ftit ftit bdejt tibni rabtiet ma' persuni oħra. Nistgħu ngħidu li f'ħafna aspetti inti sirt dak li int minħabba n-nies li ltqajt magħhom. Pereżempju, titkellem bil-Malti għax kellmuk bil-Malti.

Inti bħall-bnedmin kollha nħlaqt biex tgħix f'relazzjoni ma' ħaddieħor. Il-persuni ta' madwarek bilfors li influwenzawk fil-mod kif taħseb, iġġib ruħek, titkellem, tilbes, tiċċajta u f'tant affarijiet oħra.





Mod ġdid kif ħafna qed jikkomunikaw mal-oħrajn hu dak magħruf bħala s-*social networking*. Hawn int tista' tuża l-internet biex tikkomunika ma' persuni li fil-verità mhumiex qegħdin ħdejk. Minkejja dan, xorta waħda jinfluwenzawk fil-valuri u fl-imġiba tiegħek.

Fil-vjaġġ tal-ħajja tiegħek issir taf ħafna nies differenti. Uħud tagħżilhom int, oħrajn ma jkollokx għażla, bħal fil-każ tal-membri tal-familja li minnha ġej. Il-ħbieb tagħżilhom int, speċjalment dawk li huma għalik il-ħbieb tal-qalb. Għalhekk tajjeb li tagħżel ħbieb li jistgħu jgħinuk issir persuna aħjar u tagħmel għażliet tajba f'ħajtek.

## Din kont tafha?

Hemm adulti li fuq l-internet jippretendu li huma tfal jew żgħażagħ tamparek ħalli b'hekk ikun eħfef għalihom li jagħmlu ħbieb ma' min hu tal-età tiegħek. Qatt m'għandek tgħaddi permezz tal-internet informazzjoni personali dwarek innifsek bħalma huma l-indirizz, in-numru tat-telefon u fejn tmur skola, mingħajr il-permess tal-ġenituri tiegħek.

## Agħmel!

Immarka kemm jagħmel sens għalik kull wieħed minn dawn il-proverbji

**(1 = xejn / 5 = ħafna)**

**Ma' min rajtek xebbahtek.**
PROVERBJU MALTI

**Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int.**
PROVERBJU MALTI

**Meta hemm xi ħadd li tkun taf lil sieħbu, tkun taf hu min hu.**
PROVERBJU AFRIKAN

**Meta tikseb ħabib, iksbu wara li tkun ippruvajtu.**
BIN SIRAK 6, 7

**Kenn sod il-ħabib ta' min jafda fih u min isib wieħed ikun sab teżor.**
BIN SIRAK 6, 14

## X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 105)
Isseħibt fil-kor u billi raw it-talent tiegħek tawk parti biex tkantaha waħdek. Dakinhar tal-quddiesa tgħidx kemm ħadt gost tkanta. Kulħadd feraħlek għas-sehem li tajt. Illum għandek memorji tassew sbieħ ta' dik il-lejla.
**TMIEM**

# Ma' min irrid nagħmel ħbieb?

Tħobb tisma' l-istejjer? Din li ġejja hi storja antika b'messaġġ sabiħ li għadu u jibqa' jgħodd.
Darba waħda kien hemm sultan li kellu ħafna qaddejja. Hu ried jagħżel wieħed minnhom biex ikun iktar viċin tiegħu. Allura qal lill-qaddejja kollha biex imorru miegħu għal vjaġġ. Rikeb ġemel u poġġa żewġ xkejjer fuq kull ġenb tal-annimal. Fl-ixkejjer poġġa deheb u ġojjelli u għamel toqba żgħira f'kull xkora. Hu u għaddej riekeb bil-qaddejja mexjin warajh, beda jaqa' t-teżor mill-ixkejjer imma s-sultan baqa' sejjer mingħajr ma ħares lura. Il-qaddejja bdew jiġbru dak li kien qed jaqa' u jaħarbu bih inkiss inkiss minn wara s-sultan. Wara li mxew biċċa sew u l-ixkejjer kienu tbattlu, is-sultan dar lura u hemm miexi warajh ra li kien għad baqa' biss qaddej wieħed. Is-sultan staqsieh: "Kif bqajt miexi warajja u ma tlaqtx int ukoll?" Il-qaddej wieġeb: "Għax għalija, sultan, mhux it-teżori tas-sultan huma l-aktar importanti imma s-sultan innifsu."



Inti kif tagħżilhom il-ħbieb?

## Tara l-ewwel x'se tieħu minnhom?

Tara kemm huma popolari, biex bis-saħħa tagħhom ikollok inti wkoll ħafna ħbieb?

## Tara kemm huma b'saħħithom biex ikunu jistgħu jaqbżu għalik?



Elfejn sena ilu ħafna nies marru wara Ġesù għax kienu mistagħġba bit-tagħlim tiegħu u bil-mirakli li kien jagħmel. Ħafna kienu qed imorru għandu għax riedu jieħdu xi ħaġa mingħandu. Kien hemm min xtaq xi miraklu. Kien hemm min ried xi parir biex isolvi xi problema. Kien hemm oħrajn, iżda li, bħal fl-istorja li qrajna, riedu lilu, riedu jkunu miegħu. Dawn kienu d-dixxipli tiegħu. Lilhom Ġesù kien isejħilhom ħbieb, kien jagħmilha magħhom, kien iħobbhom, jgħallimhom, u ried li huma wkoll iwasslu l-Aħbar it-Tajba.

L-istedina biex inkunu dixxipli tiegħu Ġesù jagħmilha lil kulħadd. Mhux kulħadd, iżda, jaċċetta l-istedina ta' Ġesù li jkun ħabib tiegħu. Fl-Evanġelju, fost dawk li aċċettaw insibu lil Pietru u 'l Marija ta' Magdala. Min-naħa l-oħra, iż-żagħżugħ għani huwa eżempju ta' xi ħadd li m'aċċettax li jibni ħbiberija ma' Ġesù. Dan iż-żagħżugħ mar jistaqsi lil Ġesù xi jrid jagħmel biex jikseb is-Saltna ta' Alla. Kulma ried kien li jikseb xi ħaġa, ma kienx jimpurtah minn Ġesù. Ġesù min-naħa tiegħu qallu biex jitlaq il-ġid li kellu u jmur warajh. Il-Bibbja tgħidilna li ż-żagħżugħ m'aċċettax l-istedina ta' Ġesù u telaq b'qalbu sewda.

Int x'se tagħmel? Se tagħżel, bħal ħafna mill-qaddejja tal-istorja, it-teżori tas-sultan? Se tagħżel, bħaż-żagħżugħ għani, dak li Ġesù jista' jagħtik? Jew se tagħżel, bħal dak il-qaddej wieħed, li jkollok is-sultan ħabib tiegħek u allura tagħmel bħalma għamlu d-dixxipli veri ta' Ġesù? Jekk l-għażla tiegħek tkun li taċċetta lil Ġesù bħala l-ħabib tiegħek, allura hu żgur li se jgħinek tikber tajjeb u tagħmel l-għażliet it-tajba f'ħajtek.

Jekk tagħżel li tħalli lil Ġesù jkun ħabib tiegħek, ikollok gwida u kenn fil-mumenti diffiċli ta' ħajtek. Min-naħa l-oħra jekk tagħżel li tagħmel il-vjaġġ tal-ħajja waħdek m'għandekx garanzija li se tasal għall-ferħ veru. Jista' jkollok ħafna ġid bħalma kellu ż-żagħżugħ għani, imma x'jiswa dan jekk imbagħad ma jkollokx il-ferħ u bħaż-żagħżugħ tibqa' mdejjaq?

## Din kont tafha?

Fi żmien Ġesù, li tkun dixxiplu kien ifisser li tkun student li tfittex Rabbi, jiġifieri mgħallem, biex jgħallmek dwar kif għandek tgħix. Id-dixxiplu kien joqgħod mal-imgħallem tiegħu, jaqdih u jisimgħu, sakemm hu stess jasal li jsir mgħallem. Iżda Ġesù ma xtaqx li d-dixxipli meta jkun għallimhom kollox jitilqu għal rashom. Hu ried li huma jibqgħu ħbieb miegħu għal dejjem.

3.3 A

# Dixxipli ta' Ġesù

**MARIJA OĦT MARTA tirrakkonta**

Jien, ħija Lazzru u oħti Marta kellna dar f'Betanja. Peress li Betanja qrib Ġerusalemm, meta Ġesù kien ikun sejjer Ġerusalemm mal-appostli, spiss kien jieqaf għandna jistrieħ u jieħu xi ħaġa tal-ikel, hu u kull min ikun miegħu. Tista' taħseb kemm kien ikollna nies! Oħti Marta kien jaqbadha xi ftit paniku għax dik kienet tkun trid tittrattahom sew u tlestilhom platt tajjeb. Billi dak iż-żmien la kien hemm telefon u inqas u inqas mowbajl, ma kinux javżawna minn qabel li ġejjin, imma konna nsibuhom ma' wiċċna! Tifhimnix ħażin, il-paniku ta' oħti kont nifhmu; kellha raġun, imma jien tant kont inkun ferħana x'ħin nerġa' nara lil Ġesù li kont ninsa kollox.

Ġesù kien sar għalija l-akbar ħabib. Kont nieħu gost bil-preżenza tiegħu. Kont noqgħod f'riġlejh biex nisimgħu. Issa dak iż-żmien, kienu biss l-irġiel li setgħu joqogħdu jisimgħu lil xi Rabbi, biex jitgħallmu minnu. Imma lili Ġesù qatt ma keċċieni.





## Idħol fil-fond

X'hemm fl-esperjenza li rrakkuntat Marija oħt Marta li juri kemm Ġesù kellu influwenza kbira fuq ħajjitha? B'liema mod, bis-saħħa tal-ħbiberija tagħha ma' Ġesù, Marija saret persuna isbaħ u aħjar?

Kliemu kien jagħmel sens għalija, u lili kien imissli qalbi. Kien jitkellem fuq l-imħabba vera, dik l-imħabba ta' min lest imut għall-oħrajn. Kien jgħallem fuq il-maħfra anki lejn l-għedewwa, fuq l-umiltà, u ħafna affarijiet oħra. Ħdejh kont niskot u nisma'. Ma kont ngħid xejn; kont nippreferi nisimgħu. Kliemu kien jinżel f'qalbi. Minn darba għall-oħra sakemm nerġa' narah, kont insibni naħseb fuq kliemu u nagħmel ħilti kollha biex kull għażla tiegħi tkun tirrifletti dak li għallimni hu.

Marta ma tantx kienet tifhem l-imġiba tiegħi. Għaliha li jien noqgħod nisimgħu ma kienx jagħmel sens. Kienet tqis ħafna iktar importanti li naħdmu biex nagħtu lilu u lill-appostli xi ħaġa x'jieklu. Għalija dan kien importanti wkoll, imma ma stajtx ma nfittixx il-kumpanija tal-akbar ħabib tiegħi meta kien fid-dar tagħna! Marta tant ma setgħetx tifhem li darba qabżitilha bl-ikrah. Daret fuq Ġesù u qaltlu jgħidli xi ħaġa biex inqum ngħinha. Jien żammejt ħalqi magħluq. Dak il-ħin kisritni. Madanakollu għażilt li niskot għax Ġesù għallimni nifhem lill-oħrajn u nagħdirhom. Żammejt il-kalma u ħallejt lil Ġesù jitkellem hu. Lil Marta qalilha: "Marta, Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma ħaġa waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

Kliem Ġesù ħassejtu mimli mħabba kemm għalija u kemm għal oħti. Lil oħti ħadha bil-ħlewwa, filwaqt li lili wrieni li jifhem sew il-bżonn tiegħi li nkun miegħu. Ġesù kien jaħsibha bħali! Ma jagħmilx sens li toqgħod tinkwieta fuq ħafna affarijiet; l-importanti hu li tgħożż il-ħbiberija ta' Ġesù, li ssib ħin biex tisimgħu u li tfittex li tagħmel għażliet li jaqblu ma' dak li tkun smajt mingħandu. Dan li jfisser li tkun dixxiplu ta' Ġesù, dan li jfisser li tħalli lil Ġesù jkun ħabib tiegħek. Ħabib tajjeb hu teżor għax dak li jgħidlek, jgħidhulek għall-ġid tiegħek, u jekk tisma' minnu, żgur li ma jiddispjaċikx. Jien għażilt li fost il-ħbieb tiegħi, anzi bħala l-ikbar ħabib tiegħi, ikolli lil Ġesù, u l-ferħ li tagħtini din il-ħbiberija, ħadd ma jista' jeħodhuli. Ġesù hu t-teżor tiegħi.

### U int qed tħalli post għal Ġesù f'ħajtek?

### Tixtieq tkun dixxiplu ta' Ġesù?

### Trid tibda tqatta' ftit ħin miegħu, tisimgħu jkellmek f'qalbek, u tħallih jgħinek fid-deċiżjonijiet tiegħek?

### Trid li inti wkoll f'ħajtek ssib l-istess teżor li sabet Marija oħt Marta?

## Fittex

Fil-mappa tal-Palestina li hemm fl-ewwel kapitlu, fittex biex tara sew fejn kienet Betanja. Uża l-internet biex tfittex b'liema isem hu magħruf illum dan ir-raħal fost l-Għarab li joqogħdu hemm. Għaliex taħseb li ħa dan l-isem? Il-ġrajja li nsibu fi Ġwanni 11, 1-44 tista' tgħinek twieġeb.

# Dixxipli ta' Ġesù

**XMUN PIETRU jirrakkonta**

Ħajti qabel iltqajt ma' Ġesù kienet bħal ta' ħafna sajjieda oħra ta' Kafarnahum fil-Galilija. Daqqa tiġik tajba u jirnexxilek taqbad biżżejjed ħut u taqla' biżżejjed flus biex tgħajjex il-familja. Drabi oħra tispiċċa ma taqbad xejn. Ma' sħabi spiss kont ingerger għar-Rumani li kienu jkomplu jagħmlulna ħajjitna diffiċli bit-taxxi esaġerati li kienu jitolbu minna. Konna nistennew il-jum li fih pajjiżna jeħles mir-Rumani. Konna nistennew il-miġja tal-Messija magħżul minn Alla biex isalvana.

Darba minnhom għaddejna lejl sħiħ nitħabtu forsi naqbdu xi ħaġa. Bqajna ma qbadna xejn. Tista' taħseb x'nervi tlajt bihom fuq ix-xatt! Ma kelli aptit ħadd u qbadt naħsel ix-xbiek ħalli ma ndumx ma mmur lejn id-dar biex nistrieħ. F'daqqa waħda nġabret folla nies. F'nofshom kien hemm ċertu wieħed jismu Ġesù, mill-Galilija bħalna. Kont smajt xi ħaġa fuqu. Skont jien kellu ħafna ħolm u kliem, imma xejn iktar. Kliemu ma kienx se jitma' l-familja tiegħi meta ma mmurx tajjeb f'xogħli!

Bdejt inħares, nipprova narah, filwaqt li bqajt għaddej b'li kont qed nagħmel. Ma kellix aptit tpaċpiċ. Kont għajjien. Imma f'daqqa waħda resaq lejja u b'ħarsa li nifditni, talabni jitla' fid-dgħajsa tiegħi biex jipprietka



minn fuqha. Dak il-ħin ħasadni. Xtaqt neħles minnu u nitlaq lejn id-dar, imma f'qalbi ħassejt li ma stajtx ngħidlu 'le'. Wara li lesta li kellu jgħid lin-nies, qalli biex nerġa' naqdef 'il barra u nitfa' x-xbiek għall-ħut. Dak il-ħin kienet se taqbiżli. Dan min hu biex lili sajjied bħali, jiġi jgħidli x'għandi nagħmel? Imma ngħidlek il-verità, il-ħarsa tiegħu kkonvinċietni li kien jaf x'inhu jgħid. Għamilt kif qalli. Dak il-jum ma ninsieh qatt! Kif tellajna x-xbiek, għoddu nqasam bit-toqol tal-ħut! Mill-ewwel laqgħa tiegħi ma' Ġesù, għaraft li nagħmel tajjeb jekk nisma' minnu! L-attitudni tiegħu ... kliemu ... saħħruni. Ridt insir nafu; insiru ħbieb. Dakinhar tlaqt kollox u mort warajh għax għaraft li biex Ġesù jista' jkun ħabib għalija, irrid nitgħallem nafdah, u ħabib tajjeb ħaqqu l-fiduċja kollha tiegħi.

Din kienet biss l-ewwel esperjenza tiegħi ma' Ġesù. Ġesù wera fiduċja kbira fija, u jien afdajtu wkoll. Lili u tnejn oħra minn sħabi, Ġwanni u Ġakbu, kien jeħodna kullimkien miegħu. Beda jsejjaħli 'Pietru', li tfisser 'blata', u xtaq li meta hu jħallina biex jerġa' jmur ħdejn il-Missier, jien nieħu ħsieb sħabi u flimkien inkunu nistgħu nkomplu dak li beda hu. Min-naħa tiegħi jien tant kont nafdah, li ma kontx nibża' ngħidlu kulma kont inkun qed naħseb jew inħoss. Fil-fatt, spiss kont nitkellem f'isem sħabi wkoll. Kultant kont naqla' xi waħda, għax dak li kont inkun qed naħseb, mhux dejjem kien skont il-ħsieb ta' Ġesù. F'okkażjonijiet bħal dawn, Ġesù kien jurini li għadni m'iniex nara l-affarijiet kif jarahom hu, li qed naħseb wisq fija nnifsi u hemm bżonn nimmatura. Minkejja li ħadd ma jieħu gost meta juruh dan, jien kont napprezza ħafna li Ġesù kien jgħidli l-verità. Tgħallimt li ħabib ta' veru, li jixtieqlek il-ġid, jgħidlek il-verità biex tkompli tikber, u mhux joqgħod iżiegħel bik bil-konsegwenza li tibqa' ġġib ruħek ħażin.

Iktar ma kelli esperjenzi tiegħu, iktar bdejt nagħraf li dan Ġesù, li kien sar għalija l-akbar ħabib, huwa l-Messija li tant konna ilna nistennew. Indunajt li kien dak li seta' jsalvani, mhux billi jqallagħni aktar flus, imma billi jagħtini dak li ebda flus ma jistgħu jixtru: fiduċja fija nnifsi, fiduċja fl-oħrajn, imħabba lejn kulħadd, paċi u ferħ veru.

Madanakollu, illum naf li lil Ġesù lanqas dak iż-żmien ma kont għadni fhimtu sew. Tant hu hekk li meta ġejna għall-iktar mument diffiċli,

## Din kont tafha?



Fi żmien Ġesù, il-Palestina kienet maħkuma mir-Rumani. Kien il-ġeneral Pompej li ħataf il-Palestina taħt idejh fis-sena 63 q.K. Ħafna mil-Lhud kienu jistennew b'ħerqa kbira li Alla jibgħat il-Messija sabiex jeħlishom mill-ħakma ta' dawn in-nies li ma kinux jemmnu f'Alla l-veru.

jien, wieħed mill-ikbar ħbieb tiegħu, tlaqtu waħdu. Kont ħsibt li lil Ġesù u lid-dixxipli tiegħu jiġihom kollox tajjeb, li ma jiġrilhom xejn ħażin. Kont għadni egoist u fil-mument tal-prova, meta Ġesù ġie arrestat, l-għażla tiegħi kienet waħda ħażina; ċħadt li nafu għal tliet darbiet.

Meta ġejt f'tiegħi, bkejt ħafna. Għalija Ġesù kien għażiż ħafna u l-ħsieb li ċħadtu u ħallejtu waħdu qasamli qalbi. Ħsibt li issa stajt ninsa l-ħbiberija tiegħu. Imma hu ħafirli u bil-mod f'qalbi ħassejt il-paċi li tiġi mill-maħfra tiegħu. Indunajt li d-dixxiplu mhuwiex dak li ma jiżbaljax, imma huwa dak li kapaċi jdur lura biex għal darb'oħra jagħmel ħiltu biex jisma' minn Ġesù.

Meta rajna b'għajnejna lil Ġesù wara li qam rebbieħ fuq il-mewt, fhimna sew min hu. Fhimna li Ġesù mhux biss il-Messija imma l-Iben ta' Alla l-ħaj innifsu. Il-ħbiberija tagħna kibret. Issa li Ġesù bagħat fina l-Ispirtu tiegħu, jien bdejt inħossni iktar viċin tiegħu minn qatt qabel u għamilt ħilti kollha biex inħallih imexxini f'kull għażla li nagħmel.




## Fittex

Fil-mappa tal-Palestina li hemm fl-ewwel kapitlu; fittex biex tara sew fejn kienet Kafarnahum. Uża l-internet biex tfittex ritratti ta' fdalijiet arkeoloġiċi li nstabu fl-inħawi.




## Idħol fil-fond

X'hemm fl-esperjenza li rrakkonta Xmun Pietru li juri kemm Ġesù kellu influwenza kbira fuq ħajtu? B'liema mod, bis-saħħa tal-ħbiberija tiegħu ma' Ġesù, Xmun Pietru sar persuna differenti?

# It-tnax-il ap



**PIETRU**
Propjament, ismu kien Xmun. Kien Ġesù li sejjaħlu *Kefa*, jiġifieri 'blata', li bil-Grieg tiġi *Petros*. Fuqu Ġesù ried jibni l-Knisja tiegħu u għalhekk ħatru bħala l-ewwel mexxej tagħha. Pietru xandar il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù fil-Palestina u nħawi oħra sakemm imbagħad mar fil-belt imperjali ta' Ruma. Ħallielna wkoll żewġ ittri li llum huma parti mit-Testment il-Ġdid.

**INDRÌ**
Dan kien ħu Pietru, akbar minnu fl-età. Indrì huwa magħruf bħala l-ewwel mill-appostli li wieġbu għas-sejħa ta' Ġesù u marru warajh. Bħal ħuh Pietru huwa kien sajjied imwieled Betsajda u jaħdem f'Kafarnahum. Wara l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù huwa mar iwassal l-Evanġelju fl-inħawi tat-tramuntana tal-Greċja u l-artijiet qrib il-Baħar l-Iswed sakemm irċieva l-martirju fuq is-salib f'forma ta' X.





**ĠAKBU L-KBIR**
Dan kien sajjied minn Kafarnahum. Flimkien ma' ħuh Ġwanni, kien wieħed mill-ewwel dixxipli ta' Ġesù. Iż-żewġt aħwa, flimkien ma' Pietru, esperjenzaw direttament ġrajjiet importanti bħall-qawmien mill-mewt ta' bint Ġajru u t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù. Huwa kien l-ewwel Appostlu li miet martri taħt l-ordni ta' Erodi Agrippa f'Ġerusalemm.

**ĠWANNI**
Ġwanni kien ħu Ġakbu u fl-evanġelji nsibuhom it-tnejn bħala wlied Żebedew. Huma msejħa wkoll "ulied ir-ragħad." Ġwanni jispikka fost l-appostli bħala dak li baqa' ma' Ġesù sal-aħħar – l-uniku Appostlu li kien taħt is-salib ta' Ġesù fuq il-Kalvarju. Isem Ġwanni huwa marbut mar-raba' evanġelju, tlieta mill-Ittri, u l-Apokalissi. Huwa l-aħħar wieħed li miet fost l-appostli u miet mewta naturali.





**FILIPPU**
Bħal Pietru u Indrì, Filippu kien minn Betsajda. Meta Ġesù sejjaħ lil Filippu, dan ma kienx kuntent iżomm dan għalih u mar iħaffef jgħid lil Bartilmew biex imur jiltaqa' ma' Ġesù hu wkoll. Jingħad li kien ma' oħtu Marjamne u ma' Bartilmew li huwa xandar il-Bxara t-Tajba f'artijiet barranin, fosthom is-Sirja.

**BARTILMEW**
Bartilmew kien minn Kana, il-post fejn Ġesù wettaq l-ewwel miraklu tiegħu. Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibuh bħala Natanjel. Meta Filippu mar jgħidlu li sab il-Messija, Bartilmew stagħġeb kif dan kien ġej minn Nazaret imma xorta mar ma' Filippu. Meta ltaqa' ma' Ġesù, Bartilmew ma damx ma għaraf lil Ġesù bħala l-Iben ta' Alla.



# postlu



**MATTEW**
Mattew kien magħruf ukoll bħala Levi. Qabel ma sejjaħlu Ġesù biex jiltaq kollox u jimxi warajh, Mattew kien pubblikan, jiġbor it-taxxi għar-Rumani. Huwa l-awtur ta' wieħed mill-evanġelji. Hemm tradizzjoni li tgħid li San Mattew wettaq il-missjoni tiegħu f'diversi artijiet, fosthom l-Etjopja.

**TUMAS**
Tumas it-tewmi huwa magħruf l-aktar bħala dak li ma riedx jemmen li Ġesù qam mill-mewt u deher lil sħabu l-appostli qabel ma jara b'għajnejh u jmiss b'idejh il-pjagi ta' Ġesù. Ta' Tumas ukoll hija l-istqarrija ta' fidi meta fil-fatt ra lil Kristu Rxoxt: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi." Jingħad li San Tumas ivvjaġġa saħansitra sal-Indja fejn sal-lum għad hemm Insara li huma magħrufa bħala l-Insara ta' San Tumas.





**ĠAKBU TA' ALFEW**
Ftit nafu dwar l-appostlu Ġakbu ta' Alfew jew Ġakbu ż-Żgħir. Hemm min jaħseb li dan kien jiġi minn Ġesù u li huwa l-istess wieħed li jissemma fl-Atti tal-Appostli bħala l-ewwel mexxej tal-Knisja f'Ġerusalemm, l-awtur ta' waħda mill-ittri li nsibu fit-Testment il-Ġdid. Mhux kulħadd, iżda, jaqbel dwar dan.

**XMUN L-IMĦEĠĠEĠ**
Dwar dan Xmun ukoll nafu ftit li xejn. Hu probabbli li l-laqam tiegħu "l-Imħeġġeġ" ġej mill-ħeġġa li kellu għal-Liġi ta' Alla sa minn qabel Ġesù sejjaħlu biex ikun wieħed mit-tnax-il appostlu.





**ĠUDA TA' ĠAKBU**
Aktarx huwa l-awtur ta' waħda oħra mill-Ittri tal-Appostli u allura hu ħu Ġakbu u qarib ta' Ġesù. Hu magħruf ukoll bħala Ġuda Taddew. Bosta drabi jiġi mpitter bil-fjamma tan-nar fuq rasu, simbolu li jfakkar li hu wkoll kien ma' dawk li rċevew l-Ispirtu s-Santu f'jum il-Pentekoste. Bħal Sant'Antnin ta' Padova u Santa Rita ta' Cascia, hu magħruf bħala "qaddis tal-impossibbli".

**ĠUDA L-ISKARJOTA**
Fost l-appostli ta' Ġesù dan kien li ttradieh. Huwa kien ftiehem mal-kbarat tal-Lhud li jagħtihom lil Ġesù. Meta ra r-riżultat tat-tradiment tiegħu, Ġuda minflok ma dar lejn Alla u talab maħfra, iddispra u qatel ruħu b'idejh. L-Evanġelju jgħidilna wkoll li Ġuda kien il-kaxxier fost l-appostli. Wara l-Qawmien tal-Mulej, minfloku ntgħażel Mattija biex jingħaqad mal-Ħdax l-oħra.



# Żakkew midneb li nbidel

## Ġesù ma kienx ifittex biss li jkun il-ħabib ta' dawk li kienu jkunu lesti jilqgħuh

## Kien ifittex li joffri l-ħbiberija tiegħu lil kulħadd anki lil midinbin kbar






Kieku kont Żakkew u Ġesù waqaf taħt is-sigra u għajjatlek b'ismek, int kif kont tħossok? Forsi imbeżża', jew mistħi; forsi kont tkun sorpriż li jafek b'ismek, jew forsi kont tħossok speċjali.

Żgur li għal Żakkew l-ewwel laqgħa tiegħu ma' Ġesù kienet laqgħa speċjali ħafna. Żakkew kien meqjus minn kulħadd bħala raġel ħażin. Hu kien jaf li Ġesù kien meqjus bħala raġel tajjeb ħafna – raġel qaddis. Żgur li ma stenniex li Ġesù jkellmu, aħseb u ara li jagħżel li jmur fid-dar tiegħu! Żgur li għal Żakkew din kienet sorpriża kbira, tant kbira li bidlitlu l-mod ta' kif jaħseb, bidlitlu x'kien iqis bħala l-iktar importanti f'ħajtu. Żakkew, li qabel kien lest li jisraq lil min hu fqir biex jakkwista aktar flus, issa jagħżel li jagħti erba' darbiet iktar milli seraq u nofs ġidu lill-fqar. Il-ħbiberija ta' Ġesù għamlet bidla kbira fil-ħajja ta' Żakkew.

Anki lilek, Ġesù jista' jibdlek. M'hemmx għalfejn tkun midneb jew midinba kbira biex ikollok bżonn tinbidel. Ilkoll kemm aħna għandna x'nibdlu fina. Ilkoll niżbaljaw u nidinbu. Hija l-imħabba ta' Ġesù li tagħmilhielna possibbli nagħżlu l-imħabba fuq id-dnub.

## Agħmel

Fittex Lq 5, 27-32. Qabbel din il-ġrajja ma' dik ta' Żakkew. X'hemm jixxiebah fiż-żewġ stejjer? X'hemm differenti bejniethom?

## Din kont tafha?

Il-pubblikani kienu dawk li jiġbru t-taxxi f'isem ir-Rumani. Il-Lhud kienu jqisuhom bħala tradituri għax kienu qed jaħdmu għar-Rumani. Kienu jqisuhom ukoll bħala ħallelin bla qalb għax il-pubblikani kienu jiġbru aktar milli jmisshom u jisolħu n-nies.

# Ġesù l-aqwa għalliem

Mill-għalliema kollha li għallmuk s'issa, liema minnhom tħoss li kienet l-aħjar? Liema waħda influwenzatek l-aktar? Għaliex? X'kellha din l-għalliema li ma kellhomx l-oħrajn?

Għalliema tkun tajba mhux biss għax tkun taf sew dak li qed tgħallem, imma wkoll jekk tkun taf sew lil min qed tgħallem. Għalliema tajba tkun taf tadatta dak li tgħallem skont il-bżonnijiet tal-istudenti tagħha.

Għad-dixxipli bħal Pietru u Marija oħt Marta u għan-nies l-oħra ta' żmienu, Ġesù kien l-aqwa għalliem li qatt iltaqgħu miegħu. Għalina l-Insara, u anki għal ħafna li mhumiex, Ġesù huwa l-aqwa għalliem li qatt eżista. Għaliex?

Ġesù kien jaf sew fuqiex kien qed jitkellem u jgħallem. Huwa tkellem b'awtorità fuq min hu Alla u xi jrid, għax hu stess hu Alla nnifsu li sar bniedem. Huwa kien jaf tajjeb ħafna wkoll il-bniedem min hu u x'jeħtieġ biex isib il-ferħ veru.

Għalliem tajjeb jgħallem kull fejn ikun. Ġesù ma kienx joqgħod jistenna li jasal is-Sibt biex jgħallem fis-sinagoga fejn kienu jinġabru l-Lhud ta' żmienu biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla u lil xi ħadd li jispjegaha. Ġesù kien jgħallem f'kull post u f'kull ħin tajjeb. Ġesù għallem fit-Tempju u fis-sinagogi, imma wkoll fuq l-għoljiet, fid-djar, f'xatt il-baħar, fil-kampanja, u saħansitra minn fuq xi dgħajsa.

Waħda mill-affarijiet li juruna kemm Ġesù kien għalliem kbir hija l-użu



## Agħmel

Ikkopja dawn il-versi mill-Evanġelju li fihom Ġesù jagħtina tagħlim importanti ħafna: Luqa 6, 27-28; Mattew 6, 6; Luqa 12, 33; Mattew 23, 11; Ġwanni 15, 13.

Għal kull waħda mill-kwotazzjonijiet, semmi xi ħaġa li għamel Ġesù f'ħajtu li turi li Ġesù wettaq fil-prattika dak li għallem bil-kliem.

li kien jagħmel mill-parabboli. Żgur li xi darba jew oħra smajt xi parabbola ta' Ġesù. Taf tirrakkonta xi waħda minnhom? Ġesù kien jirrakkonta l-parabboli għax kien jaf kemm l-istejjer jieħu gost jismagħhom kulħadd. Kien jaf ukoll li bi storja tista' twassal messaġġ ċar lill-qalb tal-bniedem ħafna aħjar milli bi kliem ieħor, li spiss minn widna jidħol u mill-oħra joħroġ.

Ħaġa oħra li tispikka f'Ġesù bħala għalliem hija l-mod kif kien jgħix dak li jgħallem. Il-Malti jgħid: "Il-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar." Bil-kliem l-għalliem jasal sa ċertu punt. Huwa meta tara l-għalliem jipprattika dak li jgħallem li inti tikkonvinċi ruħek li dak li qallek huwa tajjeb u ta' min jagħmlu. Żgur li fil-każ ta' Ġesù ħadd ma seta' jakkużah li kien jgħid ħaġa u mbagħad jagħmel oħra. Dak li Ġesù kien jgħallem huwa kien jgħixu u għamel dan saħansitra sal-mewt. Hu li għallem li "Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu," għex dak li għallem u ta ħajtu għalina.

## Mill-Evanġelju skont San Luqa

Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija ... Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!"... Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom ... U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu." (Lq 9, 28-30.33-35)

**Alla l-Missier qiegħed hawn juri ċar li Ġesù huwa Ibnu u li lilu għandna nisimgħu. Inti trid li Ġesù jkun l-għalliem ewlieni tiegħek? Trid tara x'għallem u tfittex li tgħix dak li għallem?**

## Din kont tafha?

Il-parabboli ta' Ġesù kienu stejjer qosra li huma faċli biex tiftakarhom. Fihom jissemmew affarijiet mill-ħajja ta' kuljum ta' dak iż-żmien bħal żerriegħa, xibka bil-ħut, nagħaġ, għalqa bil-qamħ u għaġina tal-ħobż. B'dawn l-istejjer Ġesù ried jgħin lin-nies jifhmu aktar il-messaġġ li ġie jwasslilna.



# Dixxipli ta' Ġesù llum

Kull sentejn jew tlieta mijiet ta' eluf, xi drabi anke miljuni, ta' żgħażagħ minn kulturi u pajjiżi differenti jinġabru flimkien għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Fost il-postijiet fejn saret din iċ-ċelebrazzjoni internazzjonali mill-1985 'il hawn insibu Buenos Aires fl-Arġentina, Toronto fil-Kanada u Sydney fl-Awstralja. Min imur għal din l-attività, iqatta' ġimgħa sħiħa jitgħallem aktar fuq Ġesù, jitlob, u jiddiskuti ma' żgħażagħ oħra fuq il-fidi Nisranija. Ikun hemm quddies u qrar. Jiltaqgħu wkoll mal-Papa.

X'inhu dak li jwassal dawn iż-żgħażagħ kollha jagħmlu vjaġġi bħal dawn biex jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ?

Żgur li l-parti l-kbira ta' dawn iż-żgħażagħ imorru għax għalihom Ġesù hu importanti. Huma jammiraw lil Ġesù u jixtiequ jsiru jafuh aktar ħalli jkunu bħalu u jimxu warajh.

Int min hi dik il-persuna li l-aktar tammira? Għaliex? Fiex tixtieq tkun bħalha?





Fil-ħajja ta' kuljum, meta naħsbu sew fuqna nfusna, nintebħu li aħna nħobbu li jkollna mudelli fuqiex nimxu, tipi ta' nies speċjali li nixtiequ nkunu bħalhom. Insibu stilel taċ-ċinema, tal-mużika jew tal-moda. Insibu stilel tal-isport jew tax-xjenza li nippruvaw inkunu bħalhom.

Qatt ħarist lejn Ġesù bħala xi ħadd li tammira u tixtieq tkun bħalu? Għaliex? Fiex tixtieq tkun bħalu?

Matul dawn l-aħħar elfejn sena ħafna u ħafna dawk li riedu jkunu ta' Alla billi jkunu bħal Ġesù. Mhux ftit minnhom kienu tfal meta ħadu din id-deċiżjoni u żammewha sakemm mietu. Uħud daħlu fid-dinja tal-isport, oħrajn fil-politika ta' pajjiżhom, uħud iżżewġu u oħrajn saru saċerdoti jew membri ta' ordnijiet reliġjużi. Minnhom kien hemm min saħansitra ħalla ħajtu għal Ġesù. Ma tantx nisimgħu bihom għax il-bniedem tajjeb ma jdoqqx trombi.

## Din kont tafha?

Il-problema tax-xogħol furzat tat-tfal għadha teżisti sal-lum. Miljuni ta' tfal-ilsiera, speċjalment fil-Pakistan u fl-Indja, huma mġiegħla jaħdmu fil-fabbriki f'kundizzjonijiet mill-agħar jixbhu lil dawk li sofra Iqbal Masih.



## *Mill-ħajja ta' Iqbal Masih*

(1983 – 1995)

Nhar il-Għid il-Kbir tal-1995 Iqbal Masih, tifel Pakistani ta' 12-il sena, inqatel b'tir ta' arma tan-nar. Tifel Nisrani f'pajjiż fejn l-Insara huma minoranza żgħira, Masih għadda nofs ħajtu jaħdem ġo fabbrika tat-twapet. Meta kellu erba' snin il-familja tiegħu tatu, skont sistema magħrufa bħala l-pexgi, lil sid il-fabbrika sakemm tħallas lura daqs €10 li kellha tissellef. Sa sitt snin wara Iqbal kien għadu jaħdem u l-flus dovuti flok naqsu żdiedu!

Il-kundizzjonijiet fil-fabbrika fejn kien jaħdem Iqbal kienu mill-agħar. It-tfal-ilsiera kienu mġiegħla jaħdmu talanqas 14-il siegħa kuljum fi sħana taqtagħlek nifsek. Waqt ix-xogħol ma setgħux jitkellmu bejniethom. Min ma jobdix jew iħossu ma jiflaħx kien jiġi kkastigat bl-aħrax. Dawn il-kundizzjonijiet lil Iqbal ma ħallewhx jikber kif imiss u ta' għaxar snin ma kienx fih aktar minn tifel ta' sitta.

Propju meta kellu għaxar snin bil-moħbi tas-sid attenda laqgħa fejn sar jaf li l-pexgi kienet saret illegali fil-Pakistan u d-djun marbuta ma' din is-sistema kienu tħassru. Iqbal għaraf li kellu d-dritt għal-libertà. Sab min jgħinu jakkwista d-dokumenti meħtieġa u kiseb il-ħelsien. Hekk kif għallimna Ġesù, "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek," Iqbal ma kienx kuntent li nħeles hu ... ħadem u stinka biex jinħelsu sħabu wkoll.

Beda jmur l-iskola u malajr wera kemm kien intelliġenti. Kien jidher ċar ukoll li kellu sens qawwi ta' tmexxija. Ħa sehem f'diversi attivitajiet kontra l-pexgi u rnexxielu jikseb il-ħelsien ta' aktar minn tlett elef tifel u tifla. Tkellem ukoll ma' nies minn barra l-pajjiż fuq dak li kien jiġri fil-Pakistan. Mar anki l-Istati Uniti biex jirċievi premju għall-ħidma tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem. Kien deċiż li meta jikber isir avukat ħalli jkun jista' jkompli jiddefendi dawn id-drittijiet.

Imma mhux kollox kien ward u żahar. Kien hemm ħafna li kellhom interess qawwi li jbeżżgħu lil Iqbal u jwaqqfu ħidmitu. Kienu ħafna t-theddidiet ta' mewt li rċieva, imma hu qatt ma ta kashom.

Kif u għaliex inqatel Iqbal f'April tal-1995 għadu misteru. Uffiċjalment ingħad li l-qtil kien inċident. Ħafna nies, iżda, jaħsbu li nqatel minn xi ħadd imqabbad mis-sidien tal-fabbriki tat-twapet li riedu jwaqqfuh darba għal dejjem.

# It-Triq il-Verità il-Ħajja

Qatt kont miexi u ġejt f'salib it-toroq? Kellek aktar minn triq waħda quddiemek u ma kontx taf liema trid tieħu biex tasal fil-post fejn ippjanajt li tmur. Meta jiġri hekk, bir-raġun tinfixel. Tħossok tassew ixxurtjat jekk ikun għaddej xi ħadd u tkun tista' tistaqsih minn fejn trid tgħaddi. Kemm tħossok aħjar meta tisimgħu jgħidlek: "Din hi t-triq!" Hekk tkun tista tkompli miexi b'moħħok mistrieħ li żgur se tasal.

Ġesù qalilna: "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja." Imma xi Triq hu Ġesù? Fejn iwasslek? Temmen li jekk tkun ħabib ta' Ġesù, jekk tħallih ikun it-Triq tiegħek, Ġesù jwasslek għall-ferħ veru li jimla lil qalbek, Ġesù jwasslek għand il-Missier?

Ġesù huwa l-Verità għax kulma jgħidilna huwa veru. Ġesù qatt ma jigdbilna. Mhux ħa jagħmlilna bħalma spiss tagħmlilna l-midja u kultant xi wħud minn dawk li





**Itlob**
Santu Wistin kien iħobb jgħid li min ikanta jkun qed jitlob doppjament! Ara jirnexxilekx titlob b'din il-għanja.

# Għanja lil Kristu

Mużika: Joe Formosa
Kliem: Mons. Carmelo Refalo

Mulej Ġesù li ssejjaħ lill-bnedmin
Li fuq idejk isimna minquxin.
Għax inti lilna tant tħobbna,
Tridilna ħafna ġid,
Għax inti twajjeb, inti tagħna ħabib.

Mulej ħanin li tagħder lill-bnedmin
Jekk mifrudin tixtieqhom magħqudin.
Għax inti lilna tant tħobbna
Isimna miktubin
Fit-triq tal-ħajja, biex ngħixu henjin.

**Għax int it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja,**
**Il-medjatur quddiem Alla l-Missier;**
**U din il-qalb kull ħajr u ġieħ trid troddlok, Mulej,**
**Ħallini nfaħħrek, issa u fiż-żmien li ġej.**

Ħafna bnedmin fl-iżball, fid-dnub mexjin,
Jekk joffenduk b'għajnejhom miftuħin.
Kif jistgħu jagħrfu li tħobbhom?
Li tridilhom ħafna ġid?
Għax inti twajjeb, inti tagħna ħabib.

**Għax int it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja,**
**Il-medjatur quddiem Alla l-Missier;**
**u din il-qalb kull ħajr u ġieħ trid troddlok, Mulej,**
**ħallini nfaħħrek, issa u fiż-żmien li ġej.**

**Għixha!**
Jekk trid li Ġesù jkun verament it-Triq li twasslek għand il-Missier, idra minn issa, qabel tkun se tiddeċiedi x'se tagħmel, tistaqsi lilek innifsek, "Kieku kien Ġesù f'din is-sitwazzjoni, x'kien jagħmel?" Agħmel ħiltek biex dak li tagħmel int ikun bħal dak li kieku kien jagħmel Ġesù.

naħsbuhom ħbieb tagħna. Dawn xi drabi jgħidulna nagħmlu xi ħaġa biex suppost inkunu ferħanin imma fil-verità dik il-ħaġa tkun ħażina għalina. Kif diġà rajna, jekk irridu, Ġesù jista' jkun għalina l-għalliem li b'ħajtu u bi kliemu jurina dak li huwa verament tajjeb għalina.

Ġesù huwa l-Ħajja. Xi ħadd jista' jkun verament ħaj jekk jgħix daqslikieku mejjet? Qatt iltqajt ma' nies li dejjem bil-geddum sal-art jew li ma jafu jieħdu gost b'xejn u dejjem imdejqin u rrabjati għal kulħadd? Dawn in-nies ħajjin kieku, imma ma jafux x'jiġifieri ħajja u sbuħija! Min jagħmilha ma' Ġesù ma jistax ikun hekk. Anki jekk ikollok il-problemi u kultant tħosshom tqal wisq, il-ħbiberija ta' Ġesù tagħtik ferħ li xejn ma jista' jisraqhulek. Il-ħbiberija tiegħu tgħinek tagħraf kemm hi sabiħa l-ħajja. Tgħinek tapprezza kull ħaġa sabiħa fik u madwarek u wkoll l-affarijiet sbieħ li ħaddieħor jagħmel miegħek. Tkun taf tieħu gost, tidħak, tħobb u tħossok maħbub, għax taf li għandek ħabib ta' min jafdah. Tkun sibt l-ikbar teżor li tista' ssib. U min jista' jkun imdejjaq meta jkun sab dan it-teżor?

**X'se tagħżel?**
(Tkompli minn paġna 117)
Naqqast mit-taħriġ. Għaddiet sena oħra. L-iskola kont qed tlaħħaq tajjeb. Tgħid issa l-waqt li terġa' żżid it-taħriġ sportiv?
**Iva Mur paġna 134**
**Le Mur paġna 76**

# Liema triq se nagħżel?



## Naraw x'tgħallimna

**A Kliem importanti**

Ikteb sentenza li tispjega fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Dixxiplu
- Parabbola
- Xhud ta' Kristu

**B Ideat prinċipali**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Spjega għaliex għandna noqogħdu attenti ħafna ma' min nagħmluha.
- Billi tagħti almenu żewġ eżempji mill-Evanġelju, fisser kif Ġesù bidel il-ħajja ta' dawk li ltaqgħu miegħu.
- Liema kwalitajiet li kellu Ġesù jagħmlu minnu l-aqwa għalliem?
- F'liema sens Ġesù huwa t-Triq, il-Verità u l-Ħajja tagħna?

**Ċ Aħseb b'moħħok**

Uża dak li tgħallimt f'dan il-kapitlu biex twieġeb:

- Kif tista' tinduna jekk persuna hix verament ħabiba tiegħek jew le?
- X'jistenna minnek Ġesù llum biex tkun verament dixxiplu tiegħu?
- Kif taħseb li jista' jgħinek Ġesù biex f'ħajtek tieħu l-aħjar deċiżjonijiet? Semmi sitwazzjonijiet partikulari li tista' tiltaqa' magħhom.

**D Iddiskuti d-dar**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar:

- X'tip ta' influwenza qed inħallu fuq xulxin bil-mod kif nitkellmu u nġibu ruħna bejnietna fil-familja? Kemm qed ngħinu lil xulxin insiru persuni isbaħ u aħjar?
- X'post qed nagħtu lil Ġesù fil-familja tagħna? Qatt qrajna flimkien xi silta mill-Evanġelju?



**ĦEJJI RUĦEK:**

Żgur li taf kemm hu importanti li meta tmur xi mixja twila mal-ħbieb tkun qgħadt attenta li tħejji sew il-ħaversakk ħalli ma jonqsok xejn matul it-triq.

## Qatt ħsibt kemm hu importanti li anki għall-ħajja jkollna l-'ħaversakk' imħejji sew?

Immarka ✓ ħdejn il-kliem li taħseb li taf sew xi jfisser:

- [ ] responsabbiltà
- [ ] ktieb-gwida
- [ ] ispirazzjoni
- [ ] it-Testment il-Qadim
- [ ] it-Testment il-Ġdid
- [ ] evanġelju
- [ ] messaġġ
- [ ] kmandamenti
- [ ] Ewkaristija

# Il-ħaversakk

4




F'dan il-kapitlu se naraw x'se nqiegħdu fil-'ħaversakk' tal-ħajja. Se nħarsu lejn l-importanza tal-Bibbja bħala l-messaġġ li għandu Alla għalina. Se naraw ukoll kif f'Ġesù nsibu l-qofol ta' dan il-messaġġ. Dawn huma l-aktar affarijiet importanti fil-'ħaversakk' ta' ħajjitna.



# Il-ħaversakk



### Tgħid x'nieħu miegħi?
Fl-ewwel lezzjoni se nirriflettu fuq ir-responsabiltà tagħna li nagħrfu u nagħżlu dak li jista' jgħinna nimxu tul il-vjaġġ ta' ħajjitna.

### Għandi ktieb-gwida!
Hawn se nikkunsidraw il-Bibbja bħala l-ktieb-gwida għall-ħajja tagħna. Għalhekk se naraw x'nifhmu eżattament fil-Knisja Kattolika meta ngħidu li l-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla.

### Librerija ta' kotba
F'din il-lezzjoni se naraw li l-Bibbja hi bħal librerija ta' kotba. Se nitgħallmu dwar kif inhuma mqassmin u kif jissejħu t-taqsimiet prinċipali tagħha.

### Nitgħallem infittex
Wara dan se nitgħallmu nfittxu riferenzi mill-Bibbja. Dan nistgħu nagħmluh kemm manwalment kif ukoll bl-użu tal-kompjuter.

### Il-messaġġ
Imbagħad se nħarsu lejn ġrajjiet importanti fil-Bibbja li juru kif il-messaġġ bażiku ta' Alla fihom huwa messaġġ ta' mħabba, salvazzjoni u milja.

### Il-Kelma ssir bniedem
F'din il-lezzjoni nidentifikaw lil Ġesù bħala l-persuna li fih jiġbor il-messaġġ ta' mħabba, salvazzjoni u milja li jagħtina Alla.

### Aktar għajnuna!
Hawnhekk se nqisu l-Kmandament il-Kbir ta' Ġesù bħala l-ġabra tal-għaxar kmandamenti. Se naraw kif dan il-Kmandament għandu jkun il-prinċipju ewlieni li jmexxina biex nagħmlu għażliet tajba matul il-vjaġġ ta' ħajjitna.

### Il-ħobż li jagħti l-ħajja
Fl-aħħar tal-kapitlu naraw kemm hi importanti l-Ewkaristija fil-ħajja tagħna bħala Nsara. Il-preżenza reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija hija għalina l-ħobż spiritwali fl-avventura ta' ħajjitna.

# Tgħid x'nieħu miegħi?

Kemm hu importanti li nkunu lesti għal kulma jista' jinqala' waqt il-vjaġġ ta' ħajjitna! Tgħid x'inhuma l-affarijiet li se jkollna bżonn inqiegħdu fil-'ħaversakk' li se nġorru magħna tul dan il-vjaġġ?

Immaġina li se tieħu sehem fi programm televiżiv. Għal ġimgħa sħiħa se jkollok tmur tgħix fuq gżira fejn ma joqgħod ħadd. Għal din l-esperjenza tista' tieħu miegħek ħaversakk mimli b'dak kollu li tixtieq. Tgħid biex se timlieh? X'għandek bżonn l-aktar? X'inhuma dawk l-affarijiet li żgur ma tgħaddix mingħajrhom?

Għalkemm forsi l-preparamenti mhumiex l-aktar ħaġa li tieħu gost tagħmel, żgur li dawn se jaffettwaw ħafna kif se tkun l-avventura tiegħek fuq il-gżira. Għaldaqstant minn jiem qabel tibda l-esperjenza trid tipprepara sew u tagħmel lista ta' dak li verament se tiġi bżonn. Trid tkun kapaċi tħalli warajk dak li tista' tgħaddi mingħajru. Dan kollu jrid isir b'responsabbiltà. Jekk tinsa affarijiet bżonjużi warajk żgur li se jkollok ħafna problemi matul il-ġimgħa tiegħek fuq il-gżira. Barra minn dan, jekk tieħu affarijiet li m'għandekx bżonn tkun qed taħli l-ispazju mill-ħaversakk u fl-istess ħin titgħabba għalxejn.

Qabel tiddeċiedi x'jaqbillek tieħu miegħek jiswa ħafna li tiskopri aktar fuq il-post fejn sejjer. Kemm jiswa kieku jirnexxilek issib xi ktieb-gwida biex jgħinek tkun taf il-post aħjar! Kemm jiswa jekk jirnexxilek issib xi mappa għal ġol-ħaversakk! Jiswielek ħafna wkoll jekk jirnexxilek tistaqsi persuni li



### X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 105)

Iddeċidejt li ma tmurx. Għall-ewwel bdejt tiddieħak bi sħabek li marru u għedtilhom li qed jaħlu l-ħin. Imma meta mort mal-ġenituri għall-quddiesa ta' nofsillejl u smajt il-ġmiel ta' kant li kantaw it-tfal, iddispjaċik li ma kontx magħhom.

**TMIEM**

## Din kont tafha?

Il-motto tal-iskawts huwa "Kun lest!" L-iskawts jemmnu li għandhom ikunu dejjem lesti għal kulma jista' jinqala' billi jaħsbu minn qabel dwar dak li jista' jiġri u fil-każ x'għandhom jagħmlu. Jemmnu li għandhom ikunu lesti wkoll billi jżommu rwieħhom f'saħħithom u attivi ħalli meta jinqala' l-bżonn ikunu kapaċi jagħmlu dak li jmiss f'ħinu u f'waqtu.



marru diġà u allura jistgħu jgħinuk tkun taf aħjar ħwejjeġ bħal x'temp jagħmel fil-post u x'inhu l-aktar meħtieġ biex tgħix hemm.

Ħajjitna wkoll nistgħu nqabbluha ma' din l-esperjenza. Bħalma biex tgħix fuq gżira diżabitata trid il-preparazzjoni għax ma tafx ma' xiex se tiltaqa'; hekk għall-ħajja jeħtieġ nippreparaw il-'ħaversakk'. Irridu nibnu lilna nfusna biex naffaċjaw l-avventura ta' ħajjitna b'mod tajjeb. Jeħtieġ li nippreparaw lilna nfusna sew biex ngħixu din il-ħajja bl-aħjar mod possibbli! Matul dan il-kapitlu se nippruvaw niskopru x'nistgħu nqiegħdu fil-'ħaversakk' tal-ħajja biex din tkun waħda verament bis-sens.

Trid tkun int, iżda, li tagħraf tipprepara l-'ħaversakk' tiegħek sew. Bħalma ma tistax tikber u tibqa' tistrieħ fuq ommok biex tippreparalek il-basket tal-iskola, aktar u aktar ma tistax tikber u tħalli l-'ħaversakk' tal-ħajja f'idejn ħaddieħor. Filwaqt li se ssib l-għajnuna ta' ħafna, ir-responsabbiltà ta' ħajtek hija tiegħek.



## Agħmel!

Agħmel lista ta' ħames affarijiet li kieku żgur tieħu miegħek fuq il-gżira diżabitata. Poġġihom wara xulxin billi tagħti n-numru wieħed lill-aktar importanti u tkompli sakemm tagħti n-numru ħamsa lill-inqas importanti.

Għaliex għażilt dawn l-affarijiet? X'jagħmel ħaġa aktar importanti mill-oħra? Taħseb li kont responsabbli biżżejjed fl-għażliet tiegħek?

# Għandi ktieb-gwida!

minkejja li Malta u Għawdex huma gżejjer pjuttost żgħar, xorta ma nistgħux ngħidu li nafu 'l pajjiżna minn tarf sa tarf. Biex napprezzaw ċerti postijiet aħjar, żgur li nħossu bżonn ta' gwida li jispjegalna xi dettalji li ma nkunux nafu.

Gwida jista' jkun persuna li taf sew dawk l-inħawi li tkun qed turina u tispjegalna dwarhom. Iżda gwida jista' jkun ukoll ktieb miktub apposta biex jgħinek issir taf il-post billi taqra, tara r-ritratti, tuża l-mapep u ħwejjeġ bħal dawn. Bl-istess mod, aħna għandna bżonn ta' gwida għall-vjaġġ tal-ħajja tagħna biex hekk ngħixu bl-aħjar mod possibbli. Min taħseb li tista' tkun dik il-persuna li tagħtina l-aħjar gwida biex nieħdu l-aħjar minn dan il-vjaġġ? Taħseb li hemm ukoll xi ktieb-gwida li nistgħu nużaw?

Qatt ħarist lejn il-Bibbja bħala ktieb-gwida għal ħajjitna? Il-Bibbja tirrakkuntalna l-ġrajja ta' diversi persuni. Tgħidilna dwar nies li kienu kuraġġużi bħal David, b'saħħithom bħal Sansun, jew għaqlija bħal Salamun. Tgħidilna wkoll dwar l-iżbalji li huma stess għamlu. Iżda fuq kollox il-Bibbja turina kif dawn il-persuni skoprew iktar lil Alla f'ħajjithom pass pass, ħafna drabi anki permezz tan-



## X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 69)
Issa li qed tlaħħaq tajjeb max-xogħol tal-iskola qed issib ftit ħin biex tilgħab bil-kompjuter u tara t-TV ukoll. Qed tħossok kuntent li għandek varjetà ta' attivitajiet bejn xogħol tal-iskola, logħob id-dar, TV, laqgħat tal-katekiżmu, u taħriġ sportiv.
**TMIEM**



## Mis-Salmi

Fanal għal riġlejja
l-kelma tiegħek,
u dawl fil-mogħdija tiegħi.
(Salm 119, 105)

**Salm 119 huwa l-itwal salm fil-Bibbja. Fittex dan is-salm. Innota li hu mqassam fuq 22 stanza, waħda għal kull ittra tal-alfabett Lhudi. Sib tliet versi li fihom tissemma l-kelma ta' Alla. Ikkupjahom u żejjinhom.**

nuqqasijiet tagħhom. Il-Bibbja hija rakkont ta' ġrajjiet ta' persuni huma u mexjin f'ħajjithom ma' Alla. Il-Bibbja turina li l-ħajja tal-bniedem hija mixja – mixja li rridu nimxuha ma' Alla.

Minbarra dan, iżda, il-Bibbja hija fuq kollox il-messaġġ ta' Alla għalina. Fiha Alla jkellimna b'mod li aħna nistgħu nifhmuh. Kien Alla li nebbaħ lil bosta persuni biex jiktbu dak li għaddew minnu huma jew ħaddieħor u b'dan il-mod iwasslu l-messaġġ tiegħu lill-bnedmin. Hekk, Alla ried li permezz ta' nies bħalna juri lil kull bniedem l-imħabba li għandu għalih. Alla ma qagħadx jiddetta kulma hemm fil-Bibbja kelma b'kelma. Il-kelma li nużaw biex nirreferu għal din il-ħidma ta' Alla hija 'ispirazzjoni.' B'din nifhmu li l-Ispirtu s-Santu ta l-idea lill-kittieba dwar liema messaġġ kellhom iwasslu.

Trid tfittex li tkun qrib ta' dan il-ktieb li jiggwidak fil-vjaġġ tiegħek lejn Alla? Taħseb li għandek tfittex li tkun taf sew dan il-messaġġ li Alla ħalla għalik?

Min ifittex li jaqra l-Kelma ta' Alla jkun jista' jiskopri aħjar min hu Alla, u kif jista' jersaq aktar lejh. Min jaqra l-Bibbja jrid jiftakar li dak li qed jaqra qed jgħidu Alla lilu llum minkejja li għadda ħafna żmien minn meta nkitbet!

## Din kont tafha?

Il-Bibbja hija l-ktieb l-aktar stampat ta' kull żmien. Wieħed mill-ewwel kotba li ħadem l-ewwel stampatur Ewropew, Johannes Gutenberg, kien propju l-Bibbja. Minn dak iż-żmien, jiġifieri mill-1454 'il hawn, ġew stampati biljuni ta' kopji tal-Bibbja, ħafna aktar minn kull ktieb ieħor.



# Librerija ta' kotba

Taf li l-Bibbja hija l-ktieb li l-aktar ġie tradott f'lingwi differenti? Skont il-*United Bible Societies* saru traduzzjonijiet tal-Bibbja jew ta' partijiet minnha f'aktar minn 2,500 lingwa jew djalett. X'inhi r-raġuni għal dan?

Jista' jkun li wieħed jaħseb f'aktar minn raġuni waħda, iżda huwa żgur li waħda minnhom hi li għal ħafna u ħafna nies il-Bibbja hija l-ktieb-gwida tal-ħajja tagħhom. Billi l-Bibbja nkitbet ħafna snin ilu bl-Ebrajk u bil-Grieg, huma ftit dawk in-nies li jistgħu jaqrawha u jifhmuha bil-lingwi oriġinali. Għalhekk saru u għadhom isiru traduzzjonijiet tal-Bibbja f'kemm jista' jkun lingwi u djaletti. L-ewwel traduzzjoni tal-Bibbja sħiħa mil-lingwi oriġinali għall-Malti saret minn Monsinjur Pietru Pawl Saydon bejn l-1929 u l-1959.

Meta tiġi biex tuża l-Bibbja bħala l-ktieb-gwida ta' ħajtek, tajjeb li minbarra li jkollok traduzzjoni tajba (bħalma hi dik ta' Saydon jew dik tal-Għaqda Biblika Maltija), ikollok ukoll idea ta' kif inhi mqassma l-Bibbja. Il-Bibbja nistgħu nqisuha bħala librerija ta' kotba. Il-Bibbja, fil-fatt hi ġabra ta' 73 ktieb. Dawn il-kotba nkitbu minn awturi differenti fi żminijiet differenti. Iżda, kif diġà rajna, kollha kemm huma nkitbu għax kienet ir-rieda u x-xewqa ta' Alla. Infatti nistgħu ngħidu li huwa Alla l-awtur ewlieni tal-Bibbja għax kien Hu li nebbaħ lil dawn in-nies biex iwasslulna l-messaġġ tiegħu.



## Din kont tafha?

Fid-daħla għall-kotba tal-Bibbja li beda jippubblika fl-1929, il-Professur Saydon kiteb: "Dawn il-kotba jissejħu wkoll 'rabta', 'għaqda', għax fihom Alla, biex ngħid hekk, intrabat mal-bniedem." Fil-fatt, Saydon kien sejjaħ iż-żewġ taqsimiet principali tal-Bibbja l-Għaqda l-Qadima u l-Għaqda l-Ġdida.

## It-Testment il-Qadim

46 KTIEB

### Il-Pentatewku

l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, magħrufin mil-Lhud bħala it-Torah, jiġifieri l-Liġi. 5 KOTBA

### Il-Kotba Storiċi

kotba bil-ġrajjiet tal-poplu ta' Alla mid-dħul fl-Art Imwiegħda sal-Makkabin. 16-IL KTIEB

### Il-Kotba tal-Għerf

kotba ta' talb u tagħlim. 7 KOTBA

### Il-Kotba tal-Profeti

kotba bit-tagħlim tal-profeti. 18-IL KTIEB

## It-Testment il-Ġdid

27 KTIEB

### L-Evanġelji

kotba li jwasslu l-Bxara t-Tajba li l-Iben ta' Alla sar bniedem, ta ħajtu għalina u qam rebbieħ għas-salvazzjoni tagħna l-bnedmin. 4 KOTBA

### L-Atti tal-Appostli

ktieb li jurina kif dak li għamel Ġesù baqa' jsir permezz tal-Knisja. KTIEB WIEĦED

### L-Ittri tal-Appostli

ittri li l-mexxejja tal-Knisja bħal San Pawl kitbu lill-ewwel Insara biex jagħtuhom gwida għal kif għandhom ikunu tassew dixxipli ta' Ġesù. 21 ITTRA

### L-Apokalissi

l-aħħar ktieb tal-Bibbja. KTIEB WIEĦED



# Nitgħallem infittex

Qatt ingħatajt xi proġett tal-iskola u ħassejtek ma taf xejn fuq is-suġġett? Ġieli smajt lil sħabek jitkellmu fuq xi ħaġa li int ma kontx tifhem fiha u għalhekk ma komplejtx magħhom?

Meta nindunaw li ma nafu xejn fuq xi suġġett, malajr inħossu l-bżonn li nfittxu ftit informazzjoni. Illum bit-teknoloġija li għandna, b'mod speċjali permezz tal-internet, kapaċi nsibu ħafna informazzjoni fi ftit ħin. Xi kultant ukoll, ikollna bżonn nżuru xi librerija għal xi ktieb partikulari.



## Agħmel!

Ikteb l-ismijiet ta' dawn il-persunaġġi li jissemmew fil-Bibbja billi ssibhom fis-siltiet imsemmija. L-ewwel ħamsa fittixhom fil-Bibbja stampata u l-oħrajn fittixhom onlajn.

Il-gvernatur Ruman f'**Atti 23, 24**
Il-mara profeta f'**Mħ 4, 4**
Il-kap tas-sinagoga f'**Mk 5, 22**
Is-sultan f'**2 Kron 19, 1**
It-tfajla li ħabb Ġakobb f'**Ġen 29, 18**
Ir-raġel kampjun tal-Filistin f'**1 Sam 17, 4**
Il-mara ta' Ħuża f'**Lq 8, 3**
Is-sultan f'**Dan 2, 46**
Koppja kollegi ta' Pawlu f'**Rum 16, 3**
Il-mara ta' Mosè f'**Eż 2, 21**



Iżda biex issib dak li tixtieq u tapprezzah trid tkun l-ewwel kapaċi tfittex sew. Inutli jkollok l-internet jekk m'għandekx brawżer li tkun taf tuża tajjeb. Għalxejn tmur f'librerija jekk ma tkunx kapaċi tfittex. Anki biex tuża l-Bibbja bħala l-ktieb-gwida ta' ħajtek, trid titgħallem tfittex fiha sew.

Meta nkunu rridu nfittxu silta mill-Bibbja, ħafna drabi jkollna riferenza bħalma hi din: 2Tess 3, 10-13. Xi jfisser dan? Kif se ssib din is-silta fil-Bibbja? Xi trid tagħmel?



Kif rajna fil-lezzjoni ta' qabel, il-Bibbja hi librerija ta' kotba u l-ewwel ħaġa li trid tagħmel huwa li tidra kif inhi mqassma. Trid titgħallem tagħraf ktieb minn ieħor u fejn tista' ssibhom fil-Bibbja. Il-werrej jgħin ħafna għal dan. Mill-werrej tinduna wkoll li ġieli jkun hemm aktar minn ktieb wieħed bl-istess isem. F'dak il-każ in-numru li ssib fil-bidu tar-riferenza jurik tridx tfittex, pereżempju, fl-ewwel jew fit-tieni ktieb.



## Din kont tafha?
Fl-Iżlam il-ktieb qaddis jismu l-Qur'an. Dan ukoll hu mqassam f'kapitli u versi. B'kollox, il-Qur'an fih 114-il sura (kapitlu).





hu wkoll;
ma li tajna, hu
rraq bih innifsu.
widdibhom sewwa
qogħdux jintilfu fi
n li ma jiswa għal
l-ħsara lil min jisim-
jar biex iġġib ruħek
iedem li għadda mill-
li m' għandux mniex
qqa l-kelma tal-verità.
fieragħ u ħażin, għax
k jibqgħu sejrin mill-

f' sensihom,
Xitan li kien qabadhom
jagħmlu r-rieda tiegħu.

In-nies ta' l-aħħar żmien

3 [1]Dan għandek tkun taf: li l-aħħar tad-
dinja jkun żmien iebes. [2]Il-bnedmin
jinghataw għall-imħabba tagħhom infushom
u tal-flus; faħħarin, suppervi, dgħajja, ma
jisimgħux mill-ġenituri; bla gratitudni, bla
tjieba; [3]bla qalb, bla ħniena, lablaba, bla
rażan; kiefra, bla ħsieb, minfuħa bihom in-
[4]tradituri, iħobbu aktar il-pjaċir milli 'l Alla
fushom;

Kważi kull ktieb ikun imqassam f'numru ta' kapitli. Fil-Bibbja wkoll, il-kotba huma mqassma b'dan il-mod. Dan sabiex inkunu nistgħu nsibu silta partikulari aktar malajr. In-numru tal-kapitlu jkun dejjem l-ewwel numru wara l-isem tal-ktieb.



it-tnejn.

L-aħħar twissijiet lil Timotju

[10]Imma inti mxejt warajja fit-tagħlim
tiegħi, fl-imġiba tiegħi, fil-pjan u t-twemmin
tiegħi; fis-sabar, fl-imħabba u fil-
perseveranza tiegħi; [11]fil-persekuzzjonijiet
u t-tbatijiet li ġew fuqi f' Antijokja, f' Ikon-
ju u f'Listra. X' persekuzzjonijiet għaddejt
minnhom! Iżda ħelisni l-Mulej minnhom
kollha. [12]U dawk li jridu jgħixu ħajja tajba
fi Kristu Ġesù lkoll jgħaddu mill-
persekuzzjoni. [13]Imma n-nies il-ħżiena u l-
uċuħ b'oħra jmorru mill-ħażin għall-agħar,
[14]Imma int ibqa' miexi

tiegħu.

Rakkomandazzjo
[9]Fittex ejja ħde
aktar lid-dinja,
Tessalonika; Kre
d-Dalmazja. [11]L
Hu 'l Marku
jiswieli ħafna
bgħattu Efesu.
il-mantar li
pu; ġib ukoll
Alessandru

Il-versi li jkun hemm f'kull kapitlu jgħinuk issib saħansitra s-sentenza jew sentenzi li jkollok bżonn.

Jekk tfittex fuq l-internet żgur issib il-Bibbja hemm ukoll. Jeżistu siti li tista' tuża biex tfittex xi silta partikulari jew biex tfittex x'tgħid il-Bibbja dwar xi suġġett partikulari.

# San Luqa l-evanġelista

San Luqa huwa wieħed mill-erba' evanġelisti. Minbarra l-evanġelju, hu kiteb ukoll l-Atti tal-Appostli. Huwa maħsub li Luqa kien ta' nisel Grieg u qabel sar Nisrani kien pagan.

Skont l-Atti tal-Appostli, San Luqa kien sieħeb San Pawl f'uħud mill-vjaġġi missjunarji tiegħu, fosthom meta ġie Malta. Pawlu, fl-Ittra lill-Kolossin, isejjaħ lil Luqa "it-tabib għażiż." Luqa kellu kwalitajiet ta' kittieb mill-aqwa u l-mod kif kiteb iż-żewġ kotba tiegħu għadu jaffaxxina lil ħafna sal-ġurnata tal-lum.



L-Evanġelju skont San Luqa jagħti importanza kbira lill-fqar u 'l dawk li, speċjalment fis-soċjetà Lhudija, kienu mwarrbin u meqjusa bħala inqas mill-oħrajn. Fil-fatt fih insibu bosta parabboli fuq dawn in-nies bħal ngħidu aħna l-parabbola tal-għani u Lazzru. Insibu wkoll l-innu ta' tifħir lil Alla, magħruf bħala l-Magnificat, li fih Marija tistqarr "Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin. Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn."



F'dan il-evanġelju naraw lil Ġesù juri apprezzament speċjali lejn dawk li ma kinux Lhud. Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb insibuha biss f'San Luqa. Insibu wkoll it-tifħir ta' Ġesù għall-fidi tal-armla ta' Sarefta u Nagħman tas-Sirja, it-tnejn pagani.

San Luqa juri biċ-ċar li Ġesù ġie għall-midinbin, bħal Żakkew, biex ireġġagħhom lura lejn Alla. Huwa juża l-parabboli ta' Ġesù dwar in-nagħġa l-mitlufa, id-drakma l-mitlufa u l-iben il-ħali biex juri l-kobor tal-ħniena u l-maħfra ta' Alla.

In-nisa, li dak iż-żmien ma kinux irrispettati kif imiss, huma mogħtija post speċjali f'San Luqa. Hu jurina biċ-ċar li Ġesù kellu numru ta' nisa, fosthom Marija ta' Magdala, fost id-dixxipli l-aktar qrib tiegħu.

Nistgħu ngħidu wkoll li Luqa jpitter bil-kliem ix-xbieha ta' Marija b'mod li ebda evanġelista ieħor ma għamel. Huwa biss f'dan l-evanġelju li nsibu l-ġrajja tat-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Marija, iż-żjara lil Eliżabetta, il-preżentazzjoni ta' Ġesù tarbija fit-Tempju, u l-istorja ta' meta Marija u Ġużeppi tilfu lil Ġesù meta kellu tnax-il sena. Huwa forsi minn dan li żviluppat it-tradizzjoni li tgħid li San Luqa kien ukoll pittur. Jeżistu bosta ikoni jew xbihat tal-Madonna li t-tradizzjoni tassoċjahom ma' San Luqa, fosthom dik li hemm fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Minħabba din it-tradizzjoni, ħafna mill-pitturi dwar San Luqa juru lil dan il-qaddis ipitter lil Marija. Fil-verità għalkemm forsi qatt ma pitter lil Marija bil-kuluri, żgur li tana pittura mill-isbaħ tagħha bil-kitba.



**Ix-xbieha antika tal-Madonna b'Ġesù tarbija li nsibu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.**

Is-simbolu assoċjat ma' San Luqa huwa l-għoġol. Bħall-iljun għal San Mark, il-bniedem għal San Mattew u l-ajkla għal San Ġwann, dawn huma simboli li nsibu riferenza għalihom fil-Bibbja u li ġew marbuta mal-evanġelji differenti. Fil-każ ta' San Luqa hemm l-għoġol għax l-evanġelju tiegħu jibda b'xena fit-Tempju fejn il-qassisin, bħalma kien Żakkarija missier Ġwanni l-Battista, kienu joffru l-annimali b'sagrifiċċju lil Alla.



**Affresk ta' Giorgio Vasari 1511-1574 (fil-Bażilika tal-Lunzjata, Firenze, l-Italja) li juri lil San Luqa jpitter lill-Madonna. Maġenb San Luqa wieħed jista' jinduna bl-għoġol, is-simbolu marbut mal-evanġelju tiegħu.**

# Il-messaġġ

hawn ħafna nies li meta jmorru ġo librerija jsibu problema xi ktieb jaqbdu jagħżlu. Dan għaliex f'librerija ssib ħafna tipi ta' kotba bħal pereżempju stejjer tad-ditektivs, bijografiji, kotba ta' tagħlim u informazzjoni, rumanzi u ħafna oħrajn. L-aħjar biex f'librerija ma tħossokx mitluf, tara minn qabel x'tip ta' ktieb trid. Kultant tajjeb tkun infurmata wkoll fuq l-awturi. Meta tkun taf it-tip ta' kotba li jikteb awtur partikulari, tkun taf x'tistenna li ssib meta tagħżel ktieb minn tiegħu.

Il-Bibbja hija librerija ta' kotba. Għalkemm il-kotba nkitbu minn diversi awturi, l-awtur ewlieni ta' kull ktieb huwa Alla nnifsu. Allura wkoll fil-każ tal-Bibbja, tajjeb li nkunu nafu x'nistennew minn dan l-awtur. Alla, l-awtur ewlieni tal-Bibbja, ma jridx iwasslilna sempliċi storja jew ħafna stejjer, imma messaġġ. Dan il-messaġġ ta' mħabba, salvazzjoni u milja tal-ħajja nsibuh fl-istejjer kollha tal-Bibbja. Min jagħżel li jaqra l-Bibbja jista' jagħmel dan biex isir jaf l-Istorja tal-poplu Lhudi, jew inkella biex jieħu gost bl-istejjer, imma jekk tagħmel dan biss, ma tkunx sibt it-teżor li l-awtur irid jgħaddilna fil-kitba tiegħu. Meta taqra l-Bibbja fittex li ssib il-messaġġ li jista' jibdillek ħajtek, il-messaġġ li Alla nnifsu jrid iwassal lil kull bniedem.

L-ewwel ktieb li nsibu fil-Bibbja huwa l-ktieb tal-Ġenesi. F'dan il-ktieb naraw biċ-ċar l-imħabba bejn Alla u Abraham. Alla juri mħabbtu lil Abraham billi jipproteġih u jgħinu; saħansitra jagħżlu bħala missier ta' poplu. Abraham jirrispondi għal din l-imħabba, billi jkun lest anki joffri lil ibnu. F'din l-imħabba ta' Alla lejn Abraham, nistgħu naraw l-imħabba ta' Alla għalina, u mir-risposta ta' Abraham nistgħu nitgħallmu kif nilqgħu b'fiduċja din l-imħabba.



**Agħmel!**
Fittex Salm 63.
Sib mod kreattiv kif tippreżenta l-messaġġ ta' dan is-salm.
Tista' tagħmel preżentazzjoni bil-kompjuter, tikkrea ċart, tikteb poeżija, toħloq kanzunetta ...





Jekk inqallbu ftit paġni 'l quddiem, insibu l-ktieb tal-Eżodu. F'dan il-ktieb naraw lil Alla mhux biss bħala dak li jħobb lill-poplu tiegħu, imma dak li joffrilu l-ħelsien u s-salvazzjoni. Alla bi mħabba kbira, meta jara li l-poplu tiegħu qiegħed ibati, iħarrbu mill-Eġittu permezz ta' Mosè. Barra minn hekk, jagħtihom linji gwida (il-kmandamenti) biex jgħixu aħjar flimkien. Hawnhekk ukoll, nistgħu niskopru messaġġ għalina. Fil-mumenti ta' tbatija tagħna Alla jurina mħabbtu permezz ta' persuni li jgħinuna u jiggwidawna. Alla ma jħallina qatt waħedna.

Il-Bibbja tippreżentalna wkoll stejjer ta' persuni oħra li sabu l-milja tagħhom f'Alla. Iż-żewġ kotba ta' Samwel jirrakkuntaw il-ġrajja ta' David, ragħaj sempliċi li jsir l-akbar sultan fl-istorja tal-poplu ta' Iżrael. Iżda, meta l-kotba tal-Bibbja jirrakkuntaw is-suċċess ta' persuni sempliċi juruna li kien Alla dak li wassalhom biex jirnexxu. Huwa għalhekk li David stess fil-ktieb tas-Salmi jistqarr li Alla huwa dak li jista' jaqta' l-għatx tar-ruħ ta' kull persuna! Għalhekk fil-Bibbja, nistgħu nitgħallmu x'inhu l-veru suċċess tal-ħajja u x'jista' jimla l-vojt li kultant inħossu f'qalbna. Il-midja tagħtina ħafna pariri kif nimlew dan il-vojt; l-awtur ewlieni tal-Bibbja għandu sigriet differenti. Int lest li tiskoprih?



**Din kont tafha?**
Fil-Bibbja nsibu 150 salm. Uħud minnhom huma tas-Sultan David. David kien ikanta s-salmi bħala talba lil Alla filwaqt li jdoqq fuq l-arpa.

4.5
B

# Il-messaġġ

**NEĦEMIJA jirrakkonta**

Jien jisimni Neħemija. Għalija l-Kelma ta' Alla hi teżor; hi Kelma ħajja u tgħodd għal kull bniedem f'kull żmien. Jien dan nista' ngħidu mill-esperjenza. Fil-Kotba Mqaddsa jien ma qrajtx biss ġrajjiet li ġraw lil missirijietna u li kitbu xi awturi qabilna, imma fihom skoprejt il-veru teżor, il-messaġġ li Alla jrid jgħaddi lili u lil kull bniedem permezz ta' dawn il-ġrajjiet. Dan il-messaġġ hu wieħed ta' mħabba, ta' salvazzjoni u ta' ħajja mimlija ferħ u paċi. Jien emmint dan il-messaġġ u kif se tara inti stess, kien hu li lili u lill-poplu tiegħi, meta kollox kien jidher li spiċċa, tana l-qawwa u t-tama fi żminijiet aħjar.

Għal żmien twil missirijieti ma tantx kienu qed jgħixu ħajja tajba. Ma baqgħux iħobbu u jobdu lil Alla u kulħadd beda jagħmel dak li jiġih f'rasu. Is-slaten tagħna kienu jieħdu deċiżjonijiet kontra Alla. Ġara mbagħad li s-sultan tal-Babilonja attakka lil Ġerusalemm. It-Tempju u l-ħitan sbieħ tiegħu kollha spiċċaw imkissrin, munzell ġebel. Il-poplu Lhudi ttieħed fil-Babilonja, eżiljat f'art barranija. Xi wħud ħasbu li Alla kien nesa l-poplu tagħna u li ma baqax jieħu ħsiebna. Iżda kif jista' jkun? Alla kien wegħedna li se jkun dejjem magħna!

F'dawn il-mumenti żgur kienu jiftakru fi stejjer mill-Kelma ta' Alla – stejjer bħal dik fil-ktieb ta' Ġob. Ġob ibati ħafna iżda jibqa' ċert li Alla jħobbu. Alla hu dak li tana kulma għandna u jżommna ħajjin. Hu jistenna li f'kull ħaġa li tiġrilna nibqgħu nħobbuh jiġri x'jiġri, bħalma jibqa' jħobbna hu.

### Din kont tafha?

Li xi ħadd jiġi eżiljat tfisser li jkun tkeċċa minn art twelidu u jkollu bilfors joqgħod 'il bogħod minnha.





## Idħol fil-fond

Dan iċ-ċilindru tat-tafal huwa dokument storiku importanti ħafna minn żmien is-Sultan Ċiru l-Kbir. Fih hemm il-konferma ta' dak li nsibu fil-Bibbja dwar id-deċiżjoni tiegħu li jibgħat lura l-Lhud lejn arthom.

It-tama tal-poplu ma kinitx fix-xejn. Wara madwar 70 sena eżiljati fil-Babilonja, is-Sultan Ċiru rebaħ fuq il-Babiloniżi u ma damx ma ta l-permess lil-Lhud jirritornaw lejn l-art maħbuba tagħna. Uħud marru, iżda oħrajn, min għal raġuni u min għal oħra, baqgħu fejn kienu. Familti kienet fost dawn tal-aħħar u hekk jien twelidt f'art barranija.

Iż-żmien baqa' għaddej. Sirt żagħżugħ u kont bdejt naħdem f'dar is-Sultan Artasersi. Qatt ma kont għadni rfist art missirijieti u dejjem xtaqt li xi darba mmur. Meta wasluli aħbarijiet dwar l-istat tal-biki li kienet tinsab fih Ġerusalemm qalbi mtliet bin-niket. Kienet il-Kelma ta' Alla li għamlitli l-qalb. Ftakart fis-sultan tagħna David, li nsibu l-ġrajja tiegħu fil-kotba ta' Samwel. Dan kien biss żagħżugħ bħali meta ġie magħżul sultan. Min jaf, forsi anki lili Alla kien se jagħżilni biex jien ukoll nagħmel xi ħaġa ħalli l-poplu tiegħi jerġa' jieħu r-ruħ u jkun jista' jgħix fis-sliem.

Ix-xogħol li kelli fil-palazz ta' Artasersi wassalni biex insir ukoll ħabib tiegħu. Darba fost l-oħrajn innota li kont imħasseb u mdejjaq, u staqsieni xi ġrali. Bżajt ngħidlu iżda ħassejt li kelli nkun sinċier. Semagħni u aċċetta li jibgħatni nieħu ħsieb il-bini ta' Ġerusalemm. Żgur li kien bil-għajnuna ta' Alla li s-sultan wasal biex jiddeċiedi li jibgħatni. Kien Alla li ppjana li jagħżilni, kif għamel liż-żagħżugħ David, fil-każ tiegħi biex ngħin lil niesi jibnu mill-ġdid is-swar ta' Ġerusalemm. Mingħajr Alla żgur li ma kienx ikolli l-kuraġġ nitlob l-għajnuna. U Artasersi mhux talli bagħatni, talli tani wkoll suldati biex jipproteġuni u l-affarijiet li kellna bżonn biex nibnu! Mill-ġdid ftakart fil-Kelma ta' Alla. Din id-darba fil-ġrajja mill-Ktieb tas-Slaten, fejn Alla jibqa' jipprovdi l-ikel lill-armla ta' Sarefta minħabba li kienet lesta li tgħin lill-profeta tiegħu! Alla ma jinsa qatt lil dawk li jibqgħu jafdaw fih!

Issa li ħafna mix-xogħol huwa lest baqa' l-aktar ħaġa importanti. Jekk irridu nibqgħu ngawdu l-belt tagħna jeħtieġ nżommu lil Alla f'nofsna. Għalhekk ħsibna li ngħallmu lin-nies il-liġijiet li tana Alla permezz ta' Mosè. Kull meta fil-pjazza prinċipali tal-belt qrajna l-liġijiet lill-poplu u spjegajniehom, in-nies semgħu b'attenzjoni u laqgħu l-messaġġ ta' Alla bil-ferħ. Issa lkoll fhimna li Alla huwa verament magħna. Fhimna li dak li wegħedna fil-Kelma tiegħu, verament qed iwettqu għax Alla ma jigdibx. Alla hu kollox għalina, u l-messaġġ tiegħu ngħożżuh u nafdaw fih.

# Il-Kelma ssir bniedem

Immaġina li waqt l-esperjenza tiegħek fuq il-gżira, ikollok l-għażla bejn ktieb-gwida li jurik l-post bl-aħjar mod possibbli u persuna-gwida li tmexxik minn post għal ieħor. Kieku inti x'tagħżel? X'vantaġġi hemm li jkollok persuna miegħek li tiggwidak?

Żgur li l-ktieb-gwida minkejja li jista' jkun eżatt ħafna, ma joffrix il-wens u l-għajnuna li tista' toffri persuna. Ma' persuna tista' taqsam il-biżgħat u l-ferħ tiegħek. Ma' bniedma bħalek tista titkellem u tistaqsi sabiex tifhem aħjar. Il-fatt li taf li m'intix waħdek fil-vjaġġ tiegħek tagħmel differenza kbira. Hemm ċans akbar li tħares lejn l-esperjenza bħala avventura sabiħa għax il-biża' u l-inċertezza jonqsu żgur.

Nistgħu ngħidu li meta l-Iben ta' Alla sar bniedem huwa tana l-opportunità li jkollna din il-persuna-gwida fil-ħajja tagħna. Ried isir bħalna u jgħaddi mill-esperjenzi tagħna. Fuq kollox ried li jitkellem magħna direttament. Ried li narawh wiċċ imb wiċċ u nkellmuh bħalma nkellmu lil xulxin. Ried ukoll li ma jkun hemm ħadd li jista' jgħid li Alla ma jifhmux, tant li esperjenza kollox anki l-ikbar faqar.

Din l-esperjenza għexuha l-ewwel in-nies ta' żmienu. Bħalma jgħid San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu "Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b' għajnejna, li lejh ħarisna u li missew idejna, jiġifieri l-Verb, il-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom." Mela t-Testment il-Ġdid jirrakkuntalna mhux dak li Alla qal permezz ta' ħaddieħor bħal Samwel jew Neħemija iżda dak li Alla stess għamel u qal fostna.



## Għixha!

Illejla qabel ma torqod oqgħod ftit għall-kwiet u aqra silta liema tiġi mill-Evanġelju skont San Luqa. Ara hemmx xi sentenza jew kelma li tolqtok iżjed mill-oħrajn u tħoss li biha Ġesù jrid jgħidlek xi ħaġa. Kellem ftit lil Ġesù dwar dak li qed tħoss.



## X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 31)
Fil-kant bdejt tmur tajjeb u l-għalliema riditek tmur aktar spiss. Biex tagħmel dan kien hemm bżonn tabbanduna għal kollox it-taħriġ fl-isport favorit tiegħek. Ġejt dahrek mal-ħajt u ridt bilfors tagħżel bejn il-kant u l-isport.
**Tieqaf mit-taħriġ fl-isport?**
**Mur paġna 16**
**Tieqaf mill-kant?**
**Mur paġna 111**

Ġesù mhux sempliċiment profeta li ġie jwassal messaġġ minn Alla. Ġesù nnifsu hu l-messaġġ ta' Alla lill-bnedmin. Ġesù ma ġiex biex jgħidilna x'inhi l-imħabba b'xi prietka twila, imma billi wriena kif għandna nħobbu. L-imħabba ta' Ġesù tidher fil-maħfra li ta, fil-ħbiberija tiegħu mal-oħrajn, fil-ħniena li wera kull meta fejjaq lil xi ħadd u fuq kollox fil-mewt tiegħu fuq is-salib. Għax iħobbna, bil-mewt u l-qawmien tiegħu tana l-ħelsien. Din id-darba mhux ħelsien mill-Eġizzjani imma ħelsien minn dak li verament jagħmlilna l-ħsara, mid-dnub.

Ġie biex jurina kif għandna nġibu ruħna quddiem dak kollu li jagħmlilna l-ħsara sabiex kif qal hu stess ikollna l-ħajja u l-ħajja bil-kotra.

L-esperjenza ta' Ġesù li għamlu n-nies ta' elfejn sena ilu tista' tagħmilha int ukoll. Tista' tagħżel li Ġesù jkun il-persuna-gwida ta' ħajtek. Hu jaf b'dak li tgħaddi minnu l-iskola, id-dar, u fil-gruppi li tattendi. Jekk tridu jmexxik, jeħtieġ li ssir tafu sew. Tajjeb allura tkun midħla ta' dak li għallem u għamel. Mela trid tkun midħla sew tal-evanġelji.

## Din kont tafha?

Il-kelma evanġelju tfisser "il-bxara t-tajba", jew "l-aħbar it-tajba." B'kollox għandna erba' evanġelji: skont San Mattew, skont San Mark, skont San Luqa u skont San Ġwann. Dawn l-erba' evanġelji nistgħu nqisuhom bħala erba' ritratti tal-istess persuna – Ġesù – meħudin minn angoli differenti.

# Aktar għajnuna!



**Għixha!**
Aħseb f'xi ħadd li dan l-aħħar ma tantx mort tajjeb miegħu. Matul din il-ġimgħa pprova ara x'tista' tagħmel biex tħobbu kif irid Ġesù. Fl-aħħar tal-ġimgħa, imbagħad, ikteb fid-djarju tiegħek dak li għamilt u kif qed tħossok dwaru.

Erġa' ftakar ftit fil-gżira diżabitata. Immaġina li sirt taf li minflok waħdek se tkun esperjenza fi grupp. Taħseb li se tmur aħjar milli kieku tkun waħdek? Jew tibża' minn dak li jista' jiġri sakemm tidraw sew lil xulxin? X'hemm bżonn isir biex ma tispiċċawx tiġġieldu bejnietkom?

Meta taħdem fi grupp u, aktar u aktar meta tgħix fi grupp, tħoss il-bżonn li jkun hemm ċertu ftehim u ordni. Tħossu l-ħtieġa li tqassmu dak li jrid isir biex ix-xogħol isir kollu u sewwa filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat il-ġlied u l-kompetizzjoni bla bżonn. Biex il-grupp jaħdem sew, tiftiehmu fuq regoli bażiċi li kulħadd irid isegwi.

L-istess esperjenza għaddew minnha l-Lhud meta ħarġu mill-Eġittu u sabu ruħhom jgħixu bejniethom fid-deżert. Kellhom bżonn sett ta' regoli li jgħinuhom biex jgħixu flimkien bl-aħjar mod. Kien għalhekk li Alla tahom l-għaxar kmandamenti. L-armonija ta' veru bejn il-bnedmin jeħtieġ li tinbena fuq l-għaqda ma' Alla. Għaldaqstant hu tahom l-ewwel tliet kmandamenti biex jgħinuhom



iżommuh dejjem preżenti fil-ħajja tagħhom. Is-seba' kmandamenti l-oħra Alla tahomlhom mhux biss sabiex ma jweġġgħux lil xulxin, imma fuq kollox biex jgħixu bħal aħwa flimkien.

Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem, ma neħħiex l-kmandamenti ta' qabel imma ġabarhom f'dak li jissejjaħ il-Kmandament il-Kbir: "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha. Ħobb lil għajrek bħalek innifsek."

Ġesù jurina wkoll x'tip ta' mħabba qiegħed jirreferi għaliha meta jgħidilna nħobbu lill-proxxmu, meta jagħtina dak li hu sejjaħlu l-Kmandament il-Ġdid:

## "Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien."

Ġesù qed jgħidilna li dak li għamel hu għalina rridu nkunu lesti nagħmluh aħna għall-oħrajn. Li nħobbu lill-oħrajn bħal Ġesù huwa l-aħjar mod ta' kif ngħixu flimkien mal-oħrajn. Jekk f'ħajjitna tkun din ir-regola li tiggwidana, allura żgur li l-għażliet li nagħmlu jkunu dawk tajbin u jwasslu għall-veru ġid.

San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, f'kapitlu tlettax, jispjegalna dwar x'tip ta' deċiżjonijiet din l-imħabba bħal ta' Ġesù twassalna nieħdu. Jekk naraw lil sħabna jirnexxu u jaslu fejn aħna ma naslux irridu nħobbu bi mħabba li ma tgħirx. Jekk xi ħadd minn sħabna għaddej minn żmien ħażin u forsi ftit qed naraw ħbiberija minnu, irridu nifhmu li l-imħabba taf tħenn u tistenna. Fuq kollox quddiem il-problemi fil-ħbiberija tagħna u forsi anki xi nuqqasijiet għandna niftakru li l-imħabba kapaċi taħfer. U bħalma Ġesu ħabb sal-punt li kien lest jagħti ħajtu għalina, hekk aħna biex inħobbu ta' veru lill-oħrajn irridu nkunu lesti għas-sagrifiċċju.



Ġesù mill-film *Jesus of Nazareth* ta' Franco Zeffirelli

### Agħmel!

Ħafna mill-għaxar kmandamenti jgħidulna dak li m'għandniex nagħmlu. Ġesù għallimna x'għandna nagħmlu – inħobbu. Ipprova ikteb l-għaxar kmandamenti fil-pożittiv, b'mod li turi x'għandna nagħmlu biex inħobbu. Pereżempju, minflok it-tieni kmandament 'La ssemmix l-isem t'Alla fix-xejn' tista' tikteb 'Faħħar l-isem qaddis ta' Alla.' Flok il-ħames kmandament 'La toqtolx' tista' tikteb 'Ħu ħsieb il-ħajja u s-saħħa tiegħek u tal-oħrajn.'



# Il-ħobż li jagħti l-ħajja

Ħares ftit lejn il-ħames affarijiet li fl-ewwel lezzjoni ta' dan il-kapitlu kont ħsibt li kieku tieħu miegħek fil-ħaversakk meta tmur fuq il-gżira diżabitata. Kont ħsibt f'affarijiet tal-ikel? Jew kont assumejt li tkun tista' ssib x'tiekol mill-frott u ħxejjex li jikbru fuq il-gżira? Żgur li naqblu li waħda mill-affarijiet l-iktar essenzjali biex tkampa f'esperjenza bħal din hija li jkollok biżżejjed x'tiekol u x'tixrob.

Bħalma għandna bżonn nieklu biex nibqgħu ħajjin u nikbru, hekk ukoll matul il-vjaġġ tal-ħajja spiritwali tagħna neħtieġu ikel ieħor li jżommna ħajjin u jgħinna nikbru u nkunu f'saħħitna spiritwalment. Dan fehmu tajjeb tfajjel bl-isem ta' Tarċisju li kien jgħix f'Ruma fi żmien meta l-Imperatur ried li jeqred ir-Reliġjon Nisranija.

Tarċisju kien jaf li min kien jinqabad li kien Nisrani kien ikun qed jirriskja ħajtu. Madanakollu xorta baqa' jgħix ta' Nisrani u kellu mħabba kbira lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Darba waħda meta s-saċerdot staqsa min kien lest li jmur iqarben l-Insara li kienu l-ħabs, Tarċisju offra li jmur hu. Ħadd ma ħaseb li setgħu jissuspettaw li tfajjel ta' dik l-età kien se jmur iqarben lin-nies hu u għaldaqstant il-qassis aċċetta waqt li fakkru fil-bżonn li jieħu ħsieb li l-Ewkaristija ma taqax f'idejn dawk li ma jemmnux.

Fi triqtu lejn il-post fejn kellu jmur, waqqfuh xi tfal biex jilgħab magħhom. Iżda Tarċisju ma setax jieqaf. Ried iwassal lil Ġesù lil dawk in-nies li tant xtaqu jirċevuh u li tant kellhom bżonnu f'dan il-mument diffiċli. It-tfal l-oħra ġiethom il-kurżità jkunu jafu x'kien qed iġorr Tarċisju. Għaldaqstant qabdu jiġru warajh biex jeħdulu dak li kellu f'idejh, iżda Tarċisju aktar beda jżomm sod u jipproteġi miegħu lis-Sagrament. Minħabba f'hekk ippruvaw iwaqqfuh bil-vjolenza.

Ftit ħin wara tfaċċa suldat Ruman li nzerta kien Nisrani bil-moħbi. Hu induna b'dak li kien għaddej u waqqaf lil dawk it-tfal. Iżda kien tard wisq għal Tarċisju għaliex kien ġarrab wisq ġrieħi minħabba l-ġebel li waddbulu u d-daqqiet li kienu tawh. Tarċisju miet biex jipproteġi lil Ġesù fl-Ewkaristija.



## Mill-Evanġelju skont San Ġwann

"Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja."

Fuq hekk il-Lhud tlewmu bejniethom, u bdew jgħidu: "Kif jista' dan jagħtina ġismu biex nikluh?"

Ġesù mela qalilhom: "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb. Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih." (Ġw 6, 51-56)

**Fittex Ġw 6, 1-15 biex tara liema miraklu wettaq Ġesù filgħodu tal-jum ta' qabel. X'taħseb li jrid jgħallimna Ġesù b'dan il-miraklu? Xi jrid jgħallimna bil-kliem tas-silta t'hawn fuq?**



### Din kont tafha?

Il-ħobż ilu meqjus bħala ikel bażiku minn ħafna popli għal eluf ta' snin. F'oqbra Eġizzjani nstab ħobż li nħabeż aktar minn 5,000 sena ilu!

L-imħabba ta' Tarċisju lejn Ġesù f'dan is-Sagrament trid tkun ta' mudell għalina lkoll. Ma ċediex dak li kellu f'idejh u ddefendieh b'ħajtu għax emmen li dak ma kienx sempliċiment biċċa ħobż iżda l-ġisem ta' Kristu. Tarċisju rriskja ħajtu biex iwassal lil Ġesù lill-Insara li kienu l-ħabs għax kien jaf li kellhom bżonn il-preżenza tal-Ewkaristija u fehem x'differenza din kienet tagħmel f'ħajjitna.

U x'differenza għandha tagħmel f'ħajtek il-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija? Taf li permezz ta' din l-ikla qaddisa, int issir eqreb ta' Ġesù u bih viċin tiegħek iżżomm aktar bogħod mid-dnub? B'Ġesù ġewwa fik inti ssib il-qawwa biex matul ħajtek tagħżel dak li hu l-aktar ta' ġid għalik u għal dawk ta' madwarek. B'Ġesù miegħek inti, bħal Tarċisju, tingħaqad ukoll mal-Insara l-oħrajn, anki dawk li jinsabu 'l bogħod u forsi f'sitwazzjonijiet differenti minn tiegħek.

Għaldaqstant, għax ma tfittixx bħal Tarċisju li żżomm lil Ġesù qrib tiegħek b'dan il-mod speċjali fis-Sagrament tal-Ewkaristija? Aħseb ftit kemm jiswa li tħaddnu miegħek bħalma żammu miegħu hu! Aħseb kemm jiswa li tieħdu miegħek f'kull post u sitwazzjoni li tkun fiha f'ħajtek!





# Il-ħaversakk

## Naraw x'tgħallimna

**A Kliem importanti**

**Ikteb sentenza li tispjega fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:**

- Ispirazzjoni
- Evanġelju
- Il-Kmandament il-Kbir
- Il-Kmandament il-Ġdid

**B Ideat prinċipali**

**Ikteb paragrafu dwar dawn:**

- X'tifhem il-Knisja Kattolika meta tistqarr li l-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla?
- Semmi żewġ ġrajjiet mit-Testment il-Qadim u uri kif fihom Alla jurina li hu jħobb u jrid l-aqwa ġid tal-bniedem.
- Spjega għaliex Ġesù ma ġiex sempliċiment iwassal messaġġ mingħand Alla imma hu nnifsu hu l-messaġġ ta' Alla.
- Uri kif il-Kmandament il-Kbir ta' Ġesù jiġbor fih l-għaxar kmandamenti.

**Ċ Aħseb b'moħħok**

**Uża dak li tgħallimt f'dan il-kapitlu biex twieġeb:**

- Għaliex hija r-responsabbiltà tiegħek personali li taħseb sew dwar dak li għandek bżonn fil-'ħaversakk' tal-ħajja?
- Jekk temmen tabilħaqq li l-Bibbja hi l-Kelma ta' Alla, x'għandha tfisser din f'ħajtek?
- Spjega x'jitlob minnek il-Kmandament il-Ġdid ta' Ġesù f'dak li għandu x'jaqsam mal-imġiba tiegħek mal-oħrajn. Semmi eżempji mill-ħajja ta' kuljum.
- Kif tista' tgħinek l-Ewkaristija fil-vjaġġ ta' ħajtek?

**D Iddiskuti d-dar**

**Tkellem mal-membri tal-familja dwar:**

- X'post għandha l-Bibbja fid-dar tagħna? Qiegħda hemm biss biex iżżejjen l-ixkaffa jew hija l-ktieb-gwida għall-familja tagħna?
- Kemm kulħadd jagħmel ħiltu biex niċċelebraw u nirċievu l-Ewkaristija flimkien almenu nhar ta' Ħadd?



# L-isfidi waqt il-vjaġġ

**ĦEJJI RUĦEK:**

**Int ukoll, bħal kull bniedem ieħor fid-dinja, żgur li ġieli ndunajt li mhux kollox madwarek huwa ward u żahar.**

## Qatt waqaft taħseb ftit għaliex hawn tant ħażen u tbatija fid-dinja?

**X'jurina Ġesù dwar kif għandna naffaċċjaw din l-isfida?**

Immarka ✓ ħdejn il-kliem li taħseb li taf sew xi jfisser:

- [ ] tajjeb
- [ ] ħażin
- [ ] tbatija
- [ ] egoiżmu
- [ ] dnub
- [ ] Olokawst
- [ ] ġenoċidju
- [ ] Il-Qaddej ta' Alla
- [ ] Kristu Rxoxt
- [ ] tama

5




F'dan il-kapitlu se nirriflettu fuq il-problema tal-ħażen u t-tbatija fid-dinja u fil-ħajja personali tagħna. Se naraw ukoll u nevalwaw x'għandha x'tgħidilna r-reliġjon Nisranija fuq dan is-suġġett.

# L- isfidi waqt il-vjaġġ






### It-tajjeb vs il-ħażin
Se nibdew billi nagħtu ħarsa lejn il-fatt li t-triq tal-ħajja ma fihiex biss dak li hu tajjeb u sabiħ. Spiss niltaqgħu wkoll mal-ħażen u mat-tbatija. Kultant il-ħajja qisha ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin.

### It-tbatija fil-ħajja
Fit-tieni lezzjoni se nħarsu lejn dak li jikkawża t-tbatija. Se nindunaw li ħafna drabi t-tbatija tiġi riżultat tal-għażliet ħżiena li jagħmlu l-bnedmin.

### Il-kruha tal-ħażen
Imbagħad se naraw sa fejn jista' jasal il-bniedem meta jħalli l-ħażen jaħkmu u jmexxih. Ħa nirriflettu fuq il-kruha tal-Olokawst jew ġenoċidji oħra li seħħew mhux tant żmien ilu u li rridu nibqgħu niftakru biex ma nħallux li jerġgħu jseħħu.

### Għaliex?
F'din il-lezzjoni se nikkunsidraw dak li jemmnu l-Lhud jew dak li jemmnu l-Musulmani fuq ir-raġuni li fid-dinja nsibu tant ħażen u tbatija.

### Mit-Testment il-Qadim
Imbagħad se naraw dak li jgħallimna t-Testment il-Qadim dwar il-problema tal-ħażen u t-tbatija.

### Ġesù t-tweġiba tagħna
Hawn se nagħrfu kif Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem, jagħtina t-tweġiba għall-problema tal-ħażen u t-tbatija. Dan jagħmlu mhux permezz ta' ħafna kliem imma billi hu jkun il-Qaddej ta' Alla li jbati u jsofri magħna u għalina.

### Il-għala tat-tama tagħna
F'din il-lezzjoni se nittrattaw l-esperjenza li kellu San Ġwann, u ħafna oħrajn, ta' Ġesù ħaj wara l-qawmien tiegħu mill-mewt. Ħajjithom ma setgħetx tibqa' l-istess. Issa kienu ċerti li l-aħħar kelma ma kellhiex tkun dik tal-ħażen u t-tbatija imma ta' Alla.

### Tama li tbiddel
Fl-aħħar lezzjoni tal-kapitlu se naraw li l-esperjenza ta' Kristu Rxoxt biddlet il-ħajja tal-appostli u d-dixxipli l-oħra u wasslithom biex ixandruh mad-dinja. Hekk ukoll il-fidi tagħna fi Kristu Rxoxt trid twassalna biex inħabbruha mhux biss bil-kliem imma fuq kollox bl-għemil.

# It-tajjeb vs il-ħażin

Meta timxi għal għonq it-triq mhux bilfors tiltaqa' biss ma' affarijiet sbieħ. Anzi, kwalunkwe triq fiha t-tlajja' tagħha, xi ġebla 'l hawn u 'l hemm, u ħofor jew ħotob. L-istess it-triq tal-ħajja.

Meta kont iżgħar il-ġenituri tiegħek u dawk kollha li kienu jieħdu ħsiebek, ippruvaw jipproteġuk bl-aħjar mod possibbli mill-uġigħ u mill-ħażen. Imqar jekk tkun il-kesħa kienu jgeżwruk fil-kowts u fix-xalel biex ma timradx. Min jaf kemm qalulek biex ma tmurx ma' xi ħadd li ma tafx. Imma ebda protezzjoni tad-dinja ma tista' twaqqaf milli xi darba tara l-ħażen jew tħoss l-uġigħ.

Is-sbuħija, it-tjubija, il-kruha u l-ħażen jeżistu; qegħdin madwarna u anki ġewwa fina. Il-mużika, l-istejjer, il-films u l-arti sabu diversi mezzi kif jesprimu din ir-realtà. Spiderman u Green Goblin, Harry Potter u Voldemort, il-*fairy godmother* u s-saħħara l-ħażina huma ftit mill-ħafna eżempji tat-tajjeb u l-ħażin u tal-ġlieda ta' bejniethom. Sa mill-bidu nett il-bniedem induna b'dan il-kuntrast u għaraf li r-realtà tal-ħażen tmur kontra n-natura tal-bniedem.

Fil-Bibbja nsibu li Alla ħalaq lill-bniedem ġewwa ġnien sabiħ mimli b'affarijiet tajbin. Kien minħabba d-dnub li l-bniedem beda jbati u jagħraf il-ħażen. L-istejjer kollha li nsibu fil-Bibbja juru l-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin. Naraw lil Alla u dawk li jimxu fuq il-Kelma tiegħu f'taqbida kontinwa kontra l-qawwiet tal-ħażen li ħafna drabi huma mmexxija mis-suppervja, mill-egoiżmu u mir-regħba. Ix-xitan jgħir għall-bniedem u jrid iwaqqgħu fil-kruha, fit-tbatija u fil-ħażen. Iżda f'din it-taqbida l-bniedem għandu l-arma l-iżjed importanti f'idejh: l-għażla.



## *Mill-Ktieb tal-Apokalissi*

U rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha. U smajt leħen qawwi ġej mit-tron jgħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel." (Apk 21, 1-4)

**Hawn Alla qed jurina li għad jiġi żmien meta t-tajjeb jirbaħ fuq kollox u ma jkunx hemm aktar ħażen u tbatija. Kif tħossok quddiem din il-wegħda ta' Alla?**





### Agħmel

Ħares sew lejn dawn ir-ritratti. Agħżel wieħed minnhom. Xi tħoss li qed jgħidlek dwar it-tajjeb u l-ħażin?



Meta fil-ħajja ta' kuljum tagħżel it-tajjeb tkun qed tibni lilek innifsek u dinja isbaħ madwarek. Mill-banda l-oħra, meta tagħżel il-ħażin tkun qed tkisser lilek innifsek u ġġib it-tbatija fuq l-oħrajn. Permezz tal-libertà tiegħek tista' minn issa tilħaq il-qdusija u tgawdi s-sbuħija ta' Alla. Inkella tista', minflok, taqa' fil-kruha tad-dnub u tesperjenza d-dwejjaq ta' min jinsab 'il bogħod minn Alla.

Il-bniedem huwa maħluq għat-tajjeb. Huwa ġie maħluq fis-sbuħija tal-ġnien tal-Għeden u għalkemm jista' jaqa' fid-dnub, Alla dejjem lest li jagħtih il-qawwa biex iqum, ikeċċi l-ħażen u l-kruha u jgawdi lil Alla minn issa u għal dejjem fil-Belt il-qaddisa tas-sema.



5.2

# It-tbatija fil-ħajja

Aħseb f'sitwazzjonijiet ta' tbatija li rajt jew smajt bihom.

## Liema minnhom huma tort tal-bniedem?

## Liema mhumiex?

Xi kultant it-tbatija tiġi minħabba fin-natura bħal meta jagħmel xi terremot jew meta jimrad jew imut xi ħadd għal qalbna. Dawn huma affarijiet koroh li qajla għandna kontroll fuqhom. Iżda mhux l-ewwel darba wkoll li t-tbatija tkun il-frott tal-egoiżmu u l-ħażen tal-bniedem.

Tiftakar fl-istejjer u fil-ħrejjef li kienu jgħidulek meta kont iżgħar? Anki hemm mhux kollox ward u żahar! F'ħafna minn dawn l-istejjer hemm il-karattri t-tajbin u dawk ħżiena. Imqar fl-istorja ta' *Snow White* jew dik tat-tifla li kienet tbigħ is-sulfarini. Fit-tnejn li huma nsibu tbatija li ġejja mill-ħażen tal-bniedem. Fi *Snow White*, it-tbatija tiġi mir-reġina l-kattiva li hija wkoll saħħara ħażina, mentri f'dik tat-tifla li kienet tbigħ is-sulfarini, it-tbatija tiġi mill-indifferenza tan-nies ta' madwarha.

Fid-dinja ta' vera ma jeżistux sħaħar, orki jew vampiri, imma



**Agħmel**

Fittex fuq l-internet l-istorja tat-tifla li kienet tbigħ is-sulfarini. Aqra l-istorja jew ara vidjo tagħha. Ikteb dwar dak li ħassejt int u taqra jew tara l-istorja.



## Din kont tafha?

Ħafna drabi meta nisimgħu li seħħ xi terremot mill-ewwel moħħna jmur fuq kemm taf tkun kiefra n-natura mal-bniedem. Qatt ħsibt li numru ta' mwiet li jkun hemm f'każi bħal dawn huma wkoll tort tad-dnub tal-bniedem? Taf li xi nies li jmutu jiġrilhom hekk minħabba l-mod kif isir il-bini? Taf li hemm każi fejn ġie kkonfermat li bini waqa' u mietu n-nies għax min bnieh, biex jaqla' aktar flus, uża materjal ta' kwalità inferjuri minn dak li tħallas għalih?

l-ħażen jeżisti. Sfortunatament aħna wkoll spiss nisimgħu b'sitwazzjonijiet ta' tbatija ġejja mill-ħażen tal-bniedem. Nisimgħu, pereżempju, bil-*bullying* u bil-ġlied, kemm bejn nies li qatt ma ħamlu lil xulxin kif ukoll bejn persuni li xi darba kienu jħobbu lil xulxin.

Jekk tisma' jew tara l-aħbarijiet malajr tinduna li d-dinja tal-bnedmin hija mimlija bis-sabiħ u bl-ikrah, ħafna drabi riżultat tal-għażliet li jagħmlu l-bnedmin. Traġedja tat-traffiku tista' tkun riżultat tal-ħażen u d-dnub ta' min isuq bl-addoċċ, bħalma azzjoni filantropika tiġi mill-ġenerożità u t-tjubija ta' min jagħmilha. Kollox jibqa' marbut mad-deċiżjonijiet li aħna nieħdu u l-azzjonijiet li nwettqu.

Ħadd ma jrid ibati. Kulħadd irid ikun kuntent u ferħan. Il-midja dan tafu sewwa u tipprova tbigħ dak li skontha hu sabiħ. Il-midja tgħidlek biex taħrab dak kollu li jista' jweġġgħek u jdejqek. Id-dinja tgħallimna li biex tirnexxi trid taħseb fik innifsek u li int trid tkun alla sid tiegħek innifsek. Imma huwa proprju dan li jwassal għal aktar tbatija. Meta xi ħadd jaħseb fih innifsu biss, għid li xi ħadd ieħor se jbati. Il-faqar tad-dinja huwa r-riżultat tal-egoiżmu tas-sinjuri. Meta inti tagħmel ta' rasek, ta' madwarek se jbatu minħabba s-suppervja tiegħek. Tinsiex li int responsabbli tal-għażliet li tagħmel. Tinsiex tuża dak li għandek fil-'ħaversakk' tal-ħajja biex tagħmel għażliet tajbin!



## Idħol fil-fond

Il-Madonna tas-Sokkors
(Il-Mużew tal-Katidral, l-Imdina)

Ħares sew lejn din il-pittura. Agħmel lista tal-karattri li fiha. Lil min jew lil xiex taħseb li qed jirrappreżentaw? X'għandha l-Madonna f'idha l-leminija? X'qed tagħmel bl-id l-oħra? Tinsiex li fit-tbatija u fil-ġlieda kontra l-ħażen inti m'intix waħdek. Barra li hemm ħafna nies madwarek li jħobbuk u jistgħu jgħinuk, Alla ma jħallik qatt waħdek. Barra minn dan, Ġesù fuq is-salib tana lil ommu biex tkun ukoll ommna. Il-Madonna żgur li tidħol għalina u tgħinna negħlbu t-tiġrib tal-ħajja.

# Il-kruha tal-ħażen

Id-dnub mhux biss firda minn Alla, imma wkoll tkissir tal-bniedem innifsu, firda mill-bnedmin l-oħra u firda mill-ħolqien kollu. Huma d-dnubiet tal-bniedem li joħolqu tant tbatija bla bżonn għal bnedmin oħra. Meta tinħema gwerra bejn il-pajjiżi, ħafna drabi tkun minħabba n-nuqqas ta' qbil, il-kilba jew l-egoiżmu. L-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija u tant gwerer oħra ħolqu ġuħ, mard u mwiet. Minħabba l-egoiżmu u l-għira tal-ftit ibatu l-ħafna.

Meta ntemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1918 ħadd ma stenna li ftit aktar minn għoxrin sena wara kellha tibda gwerra dinjija oħra, aktar kiefra u qalila. L-Ewwel Gwerra kienet ħalliet il-Ġermanja mirbuħa u umiljata. Meta Adolf Hitler sar il-mexxej tal-Ġermanja fl-1933 ma damx ma ħa l-kontroll assolut fuq kull qasam tat-tmexxija fil-pajjiż. Gidba kbira li Hitler u sħabu n-Nażi kienu ilhom jimbuttaw kienet li t-tort tal-problemi li kellha l-Ġermanja kienu l-Lhud. Issa li l-poter kien f'idejhom bdew programm maħsub biex jeħilsu minnhom. Ftit xhur qabel ma bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, Hitler kien qal li jekk din tibda kien ikun kollu tort tas-sinjuri l-kbar Lhud. Fl-istess waqt iddikjara li bħala riżultat ta' tali gwerra kellha tinqered kompletament ir-razza Lhudija minn wiċċ l-Ewropa.

Il-gwerra bdiet meta Hitler iddeċieda li jdaħħal l-armata tiegħu fil-Polonja biex hekk ikompli jwettaq il-pjan tiegħu li jieħu l-Ewropa kollha taħt idejh. Sal-aħħar tal-gwerra, aktar minn 60 miljun persuna mietu u ħafna aktar spiċċaw feruti jew bla dar. Imma l-agħar att li seħħ fi żmien din il-gwerra u li għadu jkexkex lil kull min jisma' dwaru huwa l-Olokawst, dak li l-Lhud isejħu x-Xoah (kelma li tfisser diżastru bla qjies).

Xena mill-film *La Vita é Bella* li jirrakkonta l-istorja ta' missier li jagħmel minn kollox biex jipproteġi liċ-ċkejken ibnu mill-kruha u l-kefrija tal-Olokawst



Il-mibegħda lejn il-Lhud ma kinitx xi ħaġa ġdida. Iżda l-mibegħda estrema li wasslet għall-Olokawst kienet xi ħaġa tal-biża'. Għall-ewwel in-Nażi għaddew liġijiet razzisti kontra l-Lhud. Ma ħallewhomx aktar, pereżempju, jaħdmu fis-servizz ċivili tal-pajjiż. Neħħewlhom iċ-ċittadinanza, ma setgħux jiżżewġu ħlief lil Lhud bħalhom, ma ħallewhomx jipprattikaw professjonijiet bħal dawk ta' tabib u avukat ... Dan kollu u ħafna aktar, sakemm fl-1942 ittieħdet id-deċiżjoni li jiġbru lil-Lhud kollha u jibagħtuhom f'kampijiet tal-konċentrament ħalli joqtluhom hemm.

Fil-kampijiet kienu jumiljawhom, jagħmlu esperimenti fuqhom, iġagħluhom jaħdmu sakemm imutu u jisirqulhom kollox saħansitra xagħarhom u s-snien tad-deheb li seta' kellhom. Sal-aħħar tal-gwerra kienu madwar 6 miljuni l-Lhud li nqatlu, ħafna minnhom b'mod mill-aktar brutali.

Waqt l-Olokawst u anki wara, il-poplu Lhudi staqsa dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla u l-għaliex ta' dan il-ħażen kollu. In-Nażi ma ridux jeqirdu biss lil-Lhud kollha imma wkoll l-idea ta' Alla minn ġo qalb il-bniedem. Kif insibu fil-Bibbja, iżda, Alla jinsab fl-istess karba tal-poplu li jbati.



**Agħmel**

Qatt smajt b'Anne Frank? Sib fuq l-internet is-sit uffiċjali tal-Mużew ta' Anne Frank, f'Amsterdam, l-Olanda. Skopri min kienet eżattament, kemm kellha żmien, għaliex, ma' min u fejn inħbiet, x'kitbet kemm damu mistoħbija, kif inqabdu, u fl-aħħar nett kif mietet.



Arnošt Lustig

Arnošt Lustig, a Jewish Czech who died in 2011, spent about three years of his youth in concentration camps. He used to talk about the horrors he saw around him, especially when he was in Auschwitz-Birkenau. Among his many experiences, he relates an incident which shows that the cruel acts taking place could break down not only the Jews, but also the people who carried them out. A German SS soldier spoke to him about the atrocities which were going on in the camp. Lustig wrote: "His face expressed many kinds of exhaustion. The fatigue of a man who worked a lot, which in Auschwitz-Birkenau meant killed a lot; the fatigue of a man who had not slept for many nights and even lying in a bed could not fall asleep; and finally, the fatigue of a man for whom life was a burden and disgust, because it had lost sense and beauty, value and balance."

# Il-kruha tal-ħażen

bl-għerf u l-intelliġenza li tah Alla, il-bniedem jista' jasal għas-sbuħija ta' veru. Imma sfortunatament il-bniedem jista' jbiddel din l-intelliġenza f'ħażen ukoll. Aħseb ftit fis-sbuħija tal-logħob tan-nar f'xi festa. Bl-istess ingredjenti li jsiru l-murtali, il-bniedem għamel il-bombi qerrieda. Hija dejjem kwistjoni ta' għażla.

Wara l-kruha tal-Ewwel u tat-Tieni Gwerra Dinjija u b'mod partikulari wara l-Olokawst, kien hemm diversi persuni ta' rieda tajba li ma ridux aktar gwerer. Diversi pajjiżi bdew jingħaqdu biex iffurmaw dak li llum nafu bħala n-Nazzjonijiet Uniti. Bl-istess mod, de Gasperi, Schuman u Adenauer, tliet politiċi Kattoliċi Ewropej, ħadmu kemm felħu biex titwaqqaf dik li llum nafu bħala l-Unjoni Ewropea.

Għalkemm ħafna bnedmin ħadmu u xtaqu li tixtered il-paċi, li jinqered il-ġuħ u l-faqar, kien hemm ukoll gruppi ta' individwi li kellhom l-interess li jistagħnew u li jkollhom il-poter u l-awtorità. Tul dawn l-aħħar snin kien hawn għadd kbir ta' gwerer f'diversi postijiet tad-dinja, fosthom l-Afganistan, il-Bożnija, l-Iraq u s-Somalja. F'ħafna minn dawn il-gwerer saru atroċitajiet li ma





Fil-film Hotel Rwanda naraw il-ġrajja ta' Paul Rusesabagina u kif irnexxielu jsalva 1,268 refuġjat mill-ġenoċidju tar-Rwanda. Kien l-1994 meta wara l-qtil ta' Juvénal Habyarimana, l-estremisti *Hutu* bdew ġenoċidju kontra l-grupp etniku tat-*Tutsi*.

Huwa stmat li nqatlu madwar 800,000 f'din ir-rewwixta. Il-film jirrakkonta dwar Paul, wieħed mill-*Hutu* li jmexxi lukanda importanti. Dan jiddeċiedi li jirriskja kollox u juża l-kuntatti u l-lukanda tiegħu bħala bażi biex isalva kemm jista' nies.

Fil-film naraw kif Paul jirnexxilu jżomm l-apparenza li għadu jħaddem il-lukanda bi klijenti li qed iħallsu, għalkemm dawn kollha jkunu fil-fatt refuġjati. Din l-apparenza ma ddumx wisq u fl-aħħar jirnexxilu jikkonvinċi lill-kurunell tan-NATO biex jgħinhom jaħarbu mill-pajjiż.

Illum Paul Rusesabagina jgħix il-Belġju flimkien mal-familja tiegħu waqt li l-imħuħ wara l-ġenoċidju ġew arrestati fl-2002 min-Nazzjonijiet Uniti. Stejjer bħal ta' Paul juruna li l-ebda dlam ma jista' qatt jitfi d-dawl li hemm f'qalb il-bniedem.

jitwemmnux. Ir-Rwanda fl-Afrika u l-Bożnija fl-Ewropa huma tnejn mill-pajjiżi fejn mietu eluf kbar ta' persuni.

Fl-1994, fir-Rwanda aktar minn wieħed minn kull għaxar persuni tal-pajjiż inqatel minħabba l-mibegħda bejn żewġ gruppi etniċi differenti. F'mitt jum inqatlu 800,000 persuna. Ħafna ġew midfuna f'oqbra komuni bil-problema li ħafna familji għadhom sal-lum ma jafux fejn huma l-maħbubin tagħhom. Minħabba l-qtil u l-ġlied aktar minn 2,000,000 persuna ħarbu mill-pajjiż u spiċċaw mingħajr dar, xogħol u sigurtà.

Il-bniedem kapaċi joħloq fih innifsu mibegħda lejn ħutu l-bnedmin l-oħra. Id-dnub u l-ħażen jiġbdu aktar dnubiet u ħażen. Bħalma wara d-dnub ta' Adam u Eva ġie ieħor meta Kajjin qatel lil ħuh Abel, hekk ukoll il-mibegħda minn persuna jew aktar tista' twassal għal aktar inġustizzji u saħansitra qtil. Hu għalhekk importanti li minn issa titgħallem taċċetta lil kulħadd. Inkella l-biża' minn xi persuna jew grupp ta' persuni u l-istmerrija lejhom jistgħu faċilment iwassluk biex tagħlaq għajnejk għall-inġustizzji li jsiru kontrihom jew saħansitra tkun inti li tagħmilhom.

## Din kont tafha?

Skont in-Nazzjonijiet Uniti ġenoċidju huwa att imwettaq bl-intenzjoni li jeqred, b'mod totali jew parzjali, nazzjon, grupp etniku, razza jew grupp ta' twemmin reliġjuż partikulari.

## X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 31)

Il-Kappillan għamel avviż sabiex tfal tal-età tiegħek jissieħbu f'kor bi tħejjija għall-quddiesa ta' nofsillejl tal-Milied. Tgħid tmur?

**Iva Mur paġna 53**
**Le Mur paġna 74**



# Il-qawwa tal-

Li kieku kellek tiltaqa' ma' Raymond Kolbe meta kellu 10 snin ftit li xejn kien jgħaddilek minn moħħok li dan kien se jkun reliġjuż mimli qawwa u qdusija. Kien tifel fuq ruħu u ta' moħħu jilħaqlu. Sfortunatament it-talenti kbar tiegħu kien jużahom biex jinkwieta lil ommu. Darba tant inkwetaha li din daret fuqu u qaltlu li ma kinitx taf x'se jiġri minnu la jikber. It-ton ta' delużjoni li kellha ommu u dawk il-kliem damu jiġru f'moħħu. Induna li jekk jibqa' sejjer hekk kien se jispiċċa ħażin u għalhekk minn dakinhar Raymond beda jinbidel. Beda jkun aktar ubbidjenti, beda jieħu l-istudju aktar bis-serjetà u ommu saħansitra bdiet issibu jitlob quddiem xbieha tal-Madonna fi knisja fil-viċin.

Il-familja tiegħu kienet fqira u ma setgħetx tħallaslu l-istudji, imma l-bidla li seħħet fih wasslet biex l-ispiżjar tar-raħal jagħtih daqqa t'id u għenu jidħol fl-iskola sekondarja ta' Leopoli. F'qasir żmien Raymond flimkien maż-żewġ ħutu rnexxielhom jidħlu fis-seminarju minuri ta' Galicia. Hawn Raymond wera kapaċità kbira fejn jidħlu x-xjenzi. Arah fil-ħin liberu tiegħu jħażżeż mudelli li jkunu kapaċi jtiru barra mill-atmosfera tad-dinja u ma' sħabu kien sikwit isostni li f'qasir żmien il-bniedem se jirnexxilu jinżel fuq il-qamar. Dan Raymond kien qed jgħidu madwar ħamsin sena qabel Armstrong, Aldrin u Collins niżlu fil-fatt fuq il-qamar.

Madankollu Raymond kellu sejħa differenti għal ħajtu. Din is-sejħa kien ilu jħossha tħabbatlu u issa ddeċieda li jiftħilha l-bieb. Fl-1910 beda n-novizzjat mal-Franġiskani Konventwali u bħala sinjal li dan kien bidu ġdid għalih bidel ismu għal Maximilian. Max studja bil-ħsieb f'moħħu li jgħin lil dawk kollha li jiltaqa' magħhom biex jagħrfu l-bżonn li għandna lkoll ta' Alla f'ħajjitna. Kolbe kellu post speċjali għall-Madonna. Hu kien iħares lejha bħala mudell għal kull min irid iħobb lil Alla u għalhekk meta beda jgħaqqad in-nies f'moviment poġġielhom bħala mudell lil Marija. Bil-għajnuna ta' ħafna nies li ngħaqdu f'dan il-moviment, Kolbe xtara stamperija u beda jħaddimha biex iwassal l-Aħbar it-Tajba. L-istamperija, għalkemm qadima u mimlija affarijiet x'issewwi, kienet bidu ta' missjoni ġdida. Ir-rivista li beda joħroġ f'qasir żmien laħqet 70,000 abbonat u l-moviment kiber għal 126,000.

Imma ma kienx kollox ward u żahar. Fl-1939, il-Ġermanja, taħt it-tmexxija tal-Partit Nażista, invadiet il-Polonja u mill-ewwel ordnaw li tieqaf kull pubblikazzjoni. Dan ma kienx biżżejjed għax ftit wara Kolbe ġie arrestat minħabba li kien qed jagħti l-għajnuna tiegħu lil dawk li kienu feruti fil-gwerra. Għalkemm ftit żmien wara ġie lliberat, ma tantx damu sakemm reġgħu arrestawh u din id-darba bagħtuh fil-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz. Hawn għal darb'oħra Kolbe bidel ismu, din id-darba għal 16670.

Taħt it-tmexxija tal-*Komandant* Fritz il-kefrija ma kinitx tonqos, b'mod speċjali għas-saċerdot Pollakk. Imma Kolbe qatt ma tilef il-paċi, għalkemm ittrattat ħażin mis-suldati, kellu lil Alla miegħu. Il-paċi u l-qawwa tiegħu kienu saħansitra sinjal ta' tama għal dawk ta' madwaru li kienu jħarsu lejh b'ammirazzjoni kbira.



# -imħabba




Kolbe kien ifittex li jgħin lil kulħadd. Kultant billi jagħti l-ikel tiegħu lil xi ħadd ieħor u kultant bil-kelma t-tajba. Xi ljieli saħansitra kien iqarar lil xi wħud bil-moħbi. Il-missjoni tiegħu kienet għadha l-istess waħda – li jwassal l-Aħbar it-Tajba. Kulma nbidel kienu ċ-ċirkustanzi.

Madankollu ġurnata minnhom wieħed mill-priġunieri ħarab u minħabba li wara jum sħiħ ifittxu dan il-priġunier ma nstabx, il-piena kienet waħda iebsa ħafna. Kellhom jintgħażlu għaxra biex jinqaflu ġo bunker biex imutu bil-ġuħ. Wieħed minn dawk magħżula, Francis Gajowniczek, mal-ewwel infexx jibki għax kien se jħalli lil martu u 'l uliedu. Kien hawn li Kolbe resaq lejn il-*Komandant* u talbu jieħu post Francis. Fritz baqa' bla kliem imma għamel sinjal biex jitilqu lil Francis u jieħdu lil Kolbe.

Is-sigħat fil-bunker kienu twal imma Kolbe ma naqasx milli jagħmel kuraġġ lil sħabu li flimkien kienu qed jaqsmu l-aħħar sigħat fuq din l-art. Flimkien talbu u faħħru lil Alla. L-aħħar wieħed li miet kien Kolbe, imma l-mewt tiegħu impressjonat mhux biss lill-priġunieri l-oħra imma wkoll lill-istess suldati. Il-Papa Ġwanni Pawlu II għażlu bħala wieħed mill-qaddisin tal-Knisja, qaddis mudell għall-Insara kollha li f'qalbhom iħossu l-bżonn li jxandru l-Aħbar it-Tajba mhux biss bil-kliem imma wkoll bl-għemil.



# Għaliex?

## Skont il-Lhud

Il-ħażen u t-tbatija huma problema għal kull bniedem. Kif tista' temmen f'Alla li hu tajjeb meta tara tant ħażen u tbatija? Jekk Alla jista' kollox għaliex jippermetti l-ħażen? Kull reliġjon ippruvat tagħti risposta għal dawn id-domandi.

Il-Lhud tal-qedem kienu jemmnu li kull tbatija hija r-riżultat tal-ħażen u tpattija għalih. Alla daħal f'Patt mal-Lhud. Hu kellu jkun Alla tagħhom li jieħu ħsiebhom u huma kellhom ikunu l-poplu tiegħu li jimxi mal-liġijiet li tah. Kull meta kienet tiġri xi traġedja, bħal meta kien ikun hemm xi nixfa kbira jew meta sfaw maħkuma minn ħaddieħor, il-Lhud kienu jemmnu li dan kien il-kastig għall-ħażen li huma jkunu wettqu.

Anki fuq il-livell tal-ħajja tal-individwu, il-Lhud kellhom l-istess twemmin. Darba minnhom id-dixxipli ta' Ġesù staqsewh għaliex raġel agħma kien twieled hekk. Huma riedu jifhmu jekk it-tort kienx minħabba d-dnubiet tiegħu jew minħabba d-dnubiet tal-ġenituri tiegħu. Ġesù mar kontra din l-idea li għal ħafna żmien wara baqgħet parti importanti mit-twemmin Lhudi.

Tul dawn l-aħħar żewġ millennji l-Lhud batew minn ħafna persekuzzjonijiet. Ġieli ġew misruqa, imkeċċija minn djarhom jew imġiegħla jibdlu r-reliġjon tagħhom. L-akbar persekuzzjoni, iżda, żgur li kienet ix-Xoah (l-Olokawst) fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Diversi għorrief Lhud, Rabbini, ippruvaw jifhmu l-għaliex ta' dan kollu. Wara dak li għaddew minnu fix-Xoah, ħafna Lhud ħassew li ma setgħux jibqgħu jħarsu lejn it-tbatija bħala kastig minn Alla. Uħud mir-Rabbini spjegaw li t-tbatija tal-Lhud setgħet isservi ta' tpattija għall-ħażen tal-bnedmin kollha. Oħrajn, iżda, ċaħdu li jista' jeżisti Alla li jista' kollox, jaf kollox u jixtieqilna l-ġid u li fl-istess ħin ħalla li jseħħ l-Olokawst. Hemm min spjega

## *Martin Gray*

(1922 – )

Martin Gray (Mietek Grayewski), wieħed minn dawk li rnexxielhom isalvaw mit-terrur tal-Olokawst, fil-ktieb tiegħu *Għal Dawk li Ħabbejt*, jispjega kif wara l-gwerra rnexxielu jibni ħajtu mill-ġdid, għamel suċċess fin-negozju, iżżewweġ u rabba familja. Meta fl-1970 martu u wliedu mietu kollha maħruqa minħabba nar fil-foresta li qerdilhom darhom, Martin ħassu mfarrak. Ħafna ħajruh biex ifittex għad-danni, imma hu, minflok, iddedika r-riżorsi u l-enerġija tiegħu għall-ħarsien tan-natura minn nirien bħal dak li qered il-familja tiegħu. Martin ra kif għamel u fit-tbatija ispira ruħu biex jagħmel xi ħaġa sabiħa u tajba.



li Alla bħal jaħbi wiċċu minna fi ġrajjiet bħal dawn għax ma jridx iwaqqaf lill-bniedem milli jħaddem il-libertà tiegħu.

Lhud oħra jsostnu li, quddiem it-tbatija, minflok nistaqsu fejn hu Alla jmissna nistaqsu fejn hu l-bniedem u x'qed jagħmel dwarha. Aktar milli tistaqsi "Għaliex ġrali hekk?" jew "Jien ħaqqni din it-tbatija?" ikun ferm aħjar kieku tistaqsi "Issa li ġrali hekk, x'nista' nagħmel dwarha?"



### Agħmel

Dan wieħed mill-oqbra Lhud li nstabu fil-katakombi tar-Rabat. X'hemm fih li juri biċ-ċert li kien qabar Lhudi?

### Din kont tafha?

Il-Lhud f'Malta għandhom storja twila ħafna. Uħud jaħsbu li diġà kien hawn komunità Lhudija f'pajjiżna fi żmien Puniku. Żgur li xi Lhud kienu jgħixu f'Malta fi żmien il-ħakma Rumana u ta' dan għandna xhieda numru ta' oqbra. Ix-xorti tal-Lhud f'Malta tvarja minn żmien għal żmien. Kien hemm perijodi, speċjalment fi żmien l-Għarab u fi żmien in-Normanni, meta numru ta' Lhud kellhom rwol importanti fil-pajjiż. Kien hemm ukoll żminijiet, iżda, meta kienu ppersegwitati. Fl-1492, bħalma ġara fl-artijiet kollha taħt il-ħakma Spanjola, dawk li ma għażlux li jikkonvertu għar-reliġjon Kattolika sfaw saħansitra mkeċċija minn Malta.

# Għaliex?

## Skont l-Iżlam



Kull reliġjon tipprova tifhem għaliex jeżistu l-ħażen u t-tbatija. X'jemmnu l-Musulmani dwar dan? It-tbatija, skont l-Iżlam, tista' tkun ġejja mid-dnub tal-bniedem. Il-Musulmani jemmnu li d-dnub huwa r-riżultat ta' meta l-bniedem jinsa lil Alla. Kull bniedem għandu fih innifsu ġibda biex jagħmel it-tajjeb u xewqat li fihom infushom mhumiex ħżiena. Iżda meta l-bniedem iwarrab lil Alla, dawn ix-xewqat jistgħu jagħmluh skjav. Biex nifhmu ftit dan xi jfisser nistgħu naħsbu dwar meta xi ħadd tant jieħu gost jilgħab fuq il-kompjuter li jinsa l-affarijiet l-oħra bħall-ikel, l-indafa, ix-xogħol li suppost jagħmel … dan isir skjav (jew *addict*) tal-gost u l-pjaċir li jieħu meta jilgħab bil-kompjuter. B'dan il-mod ikun qed iġib ħsara u tbatija kbira fuqu nnifsu u forsi fuq ħaddieħor ukoll. L-istess, aktar ma l-bniedem jitbiegħed minn Alla aktar jinsa dak li Alla jrid minnu u jintilef fil-ġibda għall-pjaċir u għall-ġid materjali. Minħabba f'hekk il-bniedem jagħmel il-ħażin u jġib it-tbatija.

Skont l-Iżlam, xi drabi, it-tbatija tista' sservi wkoll biex wieħed jitgħallem. Permezz tagħha l-bniedem jinduna bl-iżball tiegħu u jirritorna lejn Alla. Hekk, jekk il-bniedem jindem Alla jaħfirlu.

### Din kont tafha?

Il-Ħadit huma stejjer dwar dak li qal u għamel Muħammed, il-profeta tal-Iżlam. F'waħda minn dawn l-istejjer insibu rrappurtat li Muħammed għallem hekk: "Min itaffi t-tbatija ta' wieħed minn ħutu f'din id-dinja, Alla jtaffilu mit-tbatija tiegħu f'Jum il-Qawmien."

## X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 89)

Iddeċidejt li tieqaf mill-kant. Illum xi drabi jiddispjaċik xi ftit li ħadt din id-deċiżjoni, speċjalment meta tara kemm stajt timxi 'l quddiem f'dan it-talent. Mill-banda l-oħra kuntent li għadek tipprattika l-isport favorit tiegħek u meta tara kemm sħabek li komplew qed ikollhom jiddedikaw ħin u enerġija biex ikomplu javvanzaw tħoss li kollox ma' kollox din kienet l-aħjar deċiżjoni għalik.

**TMIEM**





Min-naħa l-oħra għall-Musulmani t-tbatija hija wkoll parti mill-ħajja. Jista' jkun, pereżempju, li timrad u dan ma jkunx tort tiegħek. Hawn Alla jinqeda bit-tbatija, bħall-mard, sabiex jara x'hemm tabilħaqq fil-qalb tal-bniedem. It-tbatija hija għalhekk il-mument tal-prova. Permezz tagħha l-bniedem jista' jasal biex isaħħaħ il-fidi tiegħu billi jibqa' fidil għar-rieda ta' Alla.

Il-Musulmani jemmnu li Alla qatt ma jitlob minn xi ħadd aktar milli dan jiflaħ. Għaldaqstant, huma jemmnu li l-bniedem m'għandux jirreżisti t-tbatija u lanqas ma għandu jistaqsi għaliex. Il-Musulman li jemmen għandu jaċċetta t-tbatija bħala r-rieda ta' Alla għalih.

Min-naħa l-oħra kulħadd għandu jagħmel ħiltu biex itaffi t-tbatija tal-oħrajn billi jgħinhom mill-aħjar li jista'. Bħalma t-tbatija hija frott tad-dnub tal-bniedem, hekk ukoll l-azzjonijiet tajba tal-bniedem tajjeb jistgħu jtaffu mit-tbatija.



### Agħmel

Fittex fuq l-internet il-kelma '*zakat*'. X'inhu? X'għandu x'jaqsam mas-suġġett ta' din il-lezzjoni?

# Mit-Testment il-Qadim

**"O frugħa tal-frugħat! Kollox frugħa! Xi qligħ għandu l-bniedem mit-taħbit tiegħu kollu, li jġarrab taħt ix-xemx? … Kollox fih it-taħbit tiegħu, u dan il-bniedem ma jasalx li jfissru … Dak li ġa sar hu dak li għad isir, li ġara huwa dak li għad jiġri; xejn ġdid m'hemm taħt ix-xemx."**

**Koħèlet 1, 2-3. 8-9**



It-taħbit, il-ħażen u l-mewt huma parti mill-ħajja. Xi drabi nħossu li dawn ma nifilħux għalihom. It-tbatija ssir wisq tqila meta ma tifhimx is-sens tagħha. Kif ġa rajna, il-Kotba tat-Testment il-Qadim huma ġabra ta' esperjenzi u riflessjonijiet ta' ġenerazzjonijiet differenti fuq medda ta' aktar minn elf sena. Fihom individwi, kif ukoll komunitajiet sħaħ, kienu id f'id ma' Alla, jitolbu u jirriflettu fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom. Ma setax jonqos li huma rriflettew ukoll fuq ir-realtà tat-tbatija fil-ħajja.

## Mis-Salmi

O Alla, li jiena nfaħħar,
tibqax sieket!
Għax nies ħżiena u qarrieqa
fetħu fommhom kontrija;
tkellmu u gidbu fuqi.
Bi kliem il-mibegħda dawruni,
għal xejn b'xejn
ħaduha kontrija.
Għad li jien ħabbejthom,
huma jixluni;
imma jiena bqajt nitlob.
Iħallsuni għall-ġid bid-deni,
u għal imħabbti bil-mibegħda.
(Salm 109, 1-5)

**Ġieli għaddejt minn xi esperjenza tixbah lil din tas-salmista? Ġieli gideb fuqek xi ħadd li kont tafda u kont taħseb li kien ħabib tiegħek? Offri dak li tħoss lil Alla fit-talb tiegħek u għidlu jgħinek tfiq mill-ġerħat ta' qalbek.**

Inti qatt ħassejt li minkejja li tipprova tgħix tajjeb u titlob lil Alla, ikun hemm ħaddieħor li qisu ma jagħtix kas u xorta jmur aħjar minnek? Anki fil-Bibbja, f'diversi postijiet insibu lil min jilmenta ma' Alla fuq dak li fid-dinja jidher li mhux ġust. Is-Salmista, pereżempju, jinnota li "l-ħżiena jimxu 'l quddiem. M'għandhomx taħbit bħall-bnedmin tad-dinja; mhumiex imsawtin ma' wlied Adam" (Salm 73, 3. 5). Mhux għalina biss huwa diffiċli li nifhmu s-sens tat-tbatija.

Mill-esperjenza tiegħu, il-poplu ta' Alla tgħallem li Alla hu Alla tajjeb u ħanin. Mela allura t-tbatija u l-ħażen mhumiex ġejjin minn Alla. Skont it-Testment il-Qadim it-tbatija u l-ħażen huma frott id-dnub. Fl-istorja ta' Adam u Eva nsibu li l-bniedem ma kienx maħluq biex ibati. Imma meta l-bniedem għażel li ma jobdix lil Alla tbiegħed mill-għajn tal-ħajja u l-ferħ veru. Awtomatikament daħħal it-tbatija f'ħajtu. Fil-Bibbja naraw li aktar ma l-bniedem jidneb aktar tiżdied it-tbatija. Bħal meta l-Lhud ċaħdu lil Alla biex bdew jaduraw allat foloz. Għax għażlu li jkunu 'l bogħod minn Alla ma baqgħux poplu magħqud u għalhekk popli oħra rebħulhom u spiċċaw eżiljati.

Iżda, daqskemm il-poplu ta' Alla tgħallem li t-tbatija hi frott id-dnub, hekk ukoll tgħallem li Alla jibqa' dejjem preżenti u lest biex isalvah. Meta l-Lhud kienu qegħdin ibatu l-ħruxija tal-jasar fl-Eġittu huma skoprew li Alla jara u jisma' l-karba tal-poplu u jagħraf l-uġigħ tagħhom. F'dik l-okkażjoni, bħal f'ħafna mumenti oħra fl-istorja tagħhom, Alla niżel biex jeħlishom.



### Idħol fil-fond

Il-ktieb ta' Ġob, wieħed mill-kotba li nsibu fit-Testment il-Qadim, jittratta proprju t-tema tal-ħażen u t-tbatija. Fih insibu l-istorja ta' Ġob, raġel tajjeb u sinjur li jitlef kulma kellu: il-ġid materjali, uliedu, u saħansitra saħħtu stess. Minkejja t-tbatija kollha li jsofri, Ġob ma jeħodhiex kontra Alla. Filwaqt li jħoss li ma kienx ħaqqu din it-tbatija u jistaqsi lil Alla għaliex, huwa jibqa' jemmen fih u jistqarr "Il-Mulej tani, il-Mulej ħadli: ikun imbierek isem il-Mulej."



# Ġesù t-tweġiba tagħna

Tul s-sekli, Alla wera lill-poplu tiegħu li hu qiegħed magħhom u jixtieq ikun fosthom. Anki jekk il-bniedem jiċħad lil Alla, xorta waħda Alla jibqa' jiġri warajh.

Tant iħobbna Alla li għażel li jsir wieħed minna. Ħafna drabi ma nifhmux biżżejjed kemm din hija ħaġa kbira. Alla li ma jonqsu xejn, u li xejn ma jista' jwaqqfu għażel li jsir bħalek u bħali. Għażel li jsir bħalna li jaqbadna n-ngħas u rridu

## Itlob

Ġesù qalilna: "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom." (Mt 11, 28)

Sib ftit ħin u aħseb fuq xi tbatija li qed tesperjenza bħalissa, jew li għaddejt minnha fil-passat u li għadha ttaqqlek xi ftit. Uża d-djarju tiegħek biex fih tikteb ittra lil Ġesù li fiha taqsam miegħu l-ħsibijiet u dak li qed tħoss.



norqdu, li rridu bilfors nieklu u nixorbu, li xi minn daqqiet nibżgħu, li minn żmien għal ieħor nimirdu, li ma nistgħux nagħmlu kulma nixtiequ .... Imma, fuq kollox, għażel li jsir bniedem li jista' jbati u saħansitra jmut.

Id-deċiżjoni li jsir bniedem bħalna f'kollox ħlief id-dnub Alla ħadha mal-mument li fih il-bniedem infired minnu bl-ewwel dnub. Seba' mitt sena qabel ma twieled Ġesù, il-profeta Isaija kien diġà tkellem dwar it-tbatijiet li kellu jgħaddi minnhom l-Iben ta' Alla. Huwa jikteb dwar il-Qaddej ta' Alla li kellu jbati biex isalva lill-poplu mid-dnub tiegħu. Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem u li hu Alla nnifsu, hu li qatt ma għamel dnub, fil-fatt ħa fuqu l-konsegwenzi tad-dnubiet kollha li nagħmlu aħna l-bnedmin.

Ġesù għadda minn diversi esperjenzi ta' tbatija matul ħajtu kollha. Twieled fil-faqar. Bħala tifel żgħir għadda żmien 'il bogħod minn artu, fl-Eġittu. Bata l-ġuħ, is-sħana u l-kesħa, speċjalment fl-erbgħin jum fid-deżert. Ġieli ġie mwarrab min-nies. Il-kbarat ħaduha kontrih. Kien ibati meta jmutu nies għeżież għalih, bħal meta beka għall-mewt ta' Lazzru. Imma l-akbar tbatija li għadda minnha Ġesù kienet fl-aħħar sigħat ta' ħajtu. Taf x'kienu t-tbatijiet li sofra Ġesù fil-passjoni tiegħu? Qatt ħsibt x'seta' ħass Ġesù waqt li kien qed imut fuq is-salib?

Allura, meta tkun għaddejja minn żmien diffiċli, meta taħseb li ħadd ma jifhmek jew ħadd ma jħoss dak li tħoss int, tista' tħares lejn Ġesù fuq is-salib, li tilef kollox minħabba fina, u hekk tkun taf li Alla qiegħed hemm għalik, ibati miegħek.

## Mill-Ktieb tal-Profeta Isaija

"Araw! Il-qaddej tiegħi jsib ir-risq, **jintrefa', jogħla u jkun 'il fuq minn kulħadd**. Bħalma ħafna ndiehxu minnu – għax **wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem, u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem** – hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih ..." (Is 52, 13-15)

"Hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, **mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn**. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u **bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna**. Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll. Ħaqruh, u **hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu**; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu. Bil-forza u l-ħaqq neħħewh; u min qagħad jaħseb fuq xortih? Iva, qaċċtuh mill-art tal-ħajjin, minħabba fi dnub il-poplu tiegħi kien midrub. U tawh qabar mal-ħżiena, u **mal-għonja difnuh**, għalkemm ma għamel ebda deni, u minn fommu ma ħareġ ebda qerq. (Is 53, 4-9)

F'liema tbatijiet li għadda minnhom Ġesù jfakkruk il-versi b'tipa skura?

# Il-għala tat-tama tagħna

Immaġina li int San Ġwann, żagħżugħ li telaq kollox u ilu żmien jimxi wara Ġesù. Ġesù hu l-akbar ħabib tiegħek. Imxejt miegħu minn post għal ieħor. Smajtu jipprietka u rajtu jfejjaq. Taf kemm Ġesù hu raġel tajjeb u kemm iħobbok. Waqt l-aħħar ikla, int kont ħdejh. Kilt u xrobt miegħu. Rajtu inkwetat. Serraħt rasek fuq sidru għax ridt tisma' 'l qalbu tħabbat u ridt tgħidlu li inti qiegħed miegħu. Wara l-ikel, mortu titolbu fil-ġnien. Rajtu imbeżża'. Iżda ġie ngħas tqil fuqek u għalkemm ippruvajt tibqa' mqajjem ma rnexxilekx.

Ħabta u sabta nstema' ħafna storbju li ħasdek u qajmek. Madwarek rajt ħafna nies bix-xwabel u l-lanez. Qabdu lil Ġesù u ħaduh magħhom. Int kellek il-ħbieb fil-palazz tal-qassis il-kbir u rnexxielek tidħol biex tara x'kien qiegħed jiġri. Irrabjajt għax smajthom jgħidu l-gideb fuq Ġesù. Skantajt għax rajt lil Ġesù rasu baxxuta ma jgħid xejn.



## Idħol fil-fond

"Jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom" (1 Kor 15, 14). Xi jfisser dan il-kliem ta' San Pawl?



Imbagħad ħaduh għand Pilatu. Bkejt meta rajt is-suldati Rumani jsawtuh. Bżajt meta rajt dak id-demm kollu. Bqajt timxi warajh anki sakemm sallbuh. Qgħadt imbikkem taħtu, tħares lejh. Ma stajtx temmen dak li kien qed jiġri. Forsi kont qed toħlom? Imma meta Marija, omm Ġesù, ġiet ħdejk indunajt li din ma kinetx ħolma! Ġesù qallek biex tieħu ħsieb lil Marija u wara smajtu jokrob bl-uġigħ. Ħassejtek bla saħħa. Xtaqt teħodha kontra kulħadd. Xtaqt tniżżlu minn fuq is-salib, tieħu ħsiebu u taħbih minn dawk in-nies bla qalb. Imma ma stajtx u ndunajt li hu ried jibqa' hemm sal-aħħar. Mhux talli hekk, imma mal-aħħar nifs ħafer lil min qatlu!

Meta miet ma flaħtx tara lil ġismu mimli demm u minfud bl-imsiemer! Ma' Ġużeppi ta' Arimatija u ma' Nikodemu daħħaltuh fil-qabar u għalaqtu l-qabar b'ġebla kbira. Issa kien spiċċa kollox.

Mort id-dar ma' Marija. Kollox kwiet. Kollox vojt. Ħassejt li f'ħajtek ukoll ma kien hemm xejn ħlief VOJT.

Il-Ħadd filgħodu Marija ta' Magdala ġiet tgħid li sabet il-ġebla mgerbba u li l-qabar kien vojt. Qalbek bdiet tħabbat sitt sitta. VOJT!? Kif? Min serqu? Kemm kienu bla qalb! Lanqas fil-qabar fejn stajtu tibkuh ma ħallewh bi kwietu!

Mort tiġri ma' Pietru biex tara l-qabar. Wasalt qablu imma ma dħaltx ġewwa. Meta dħalt ma' Pietru rajt il-faxex mitwija. F'daqqa waħda fhimt kulma kien qal Ġesù, li kellu jmut u li wara tlett ijiem jerġa' jqum. Imtlejt bil-ferħ. Anqas kont taf kif wasalt lura fejn kienu miġbura d-dixxipli l-oħra. Ma ridux jemmnuk. Ħasbuk tlift rasek. Bdew imeruk ... meta ħdejn il-bieb rajt lil Ġesù. Ridt taqbeż fuqu u tgħannqu. Imma issa kien hemm xi ħaġa differenti. Kien jidher li hu l-Mulej, is-Sid ta' kollox. Issa kien ċar li Ġesù hu Alla u mhux bniedem biss.

Il-laqgħa tad-dixxipli ma' Ġesù ħaj wara li miet kienet l-esperjenza li biddlet il-ħajja tagħhom mil-lejl għan-nhar. Ma kienx hemm aktar spazju għall-biża' u l-qtigħ il-qalb. Fil-ħajja tiegħek ukoll il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù u l-esperjenza li jista' jkollok tiegħu f'ħajtek tista' tibdel il-mod ta' kif inti tħares lejn il-ħajja u t-tbatija. Meta taqsam il-mumenti tat-tbatija tiegħek ma' Ġesù inti mhux biss ma tibqax tħossok waħdek imma bħad-dixxipli timtela b'tama għax taf li dawn il-mumenti diffiċli mhux se jibqgħu għal dejjem.

## X'se taħżel?

(Tkompli minn paġna 7)

Komplejt titjieb fl-isport favorit tiegħek. Qamet problema, iżda, fil-progress tiegħek fl-iskola. Beda jidher li t-taħriġ sportiv kien qiegħed jeħodlok wisq ħin u ma kontx qed tlaħħaq max-xogħol li kien qiegħed jingħatalek biex isir id-dar. X'kont tagħmel?

Tnaqqas ftit mit-taħriġ **Mur paġna 69**
Tibqa' bl-istess numru ta' ġranet **Mur paġna 126**

# Tama li tbiddel

Qatt għaddejt minn xi esperjenza sabiħa u ħassejt li trid tgħid lil kulħadd biha? Forsi sifirt u mort xi mkien fejn veru ħadt gost u ridt tgħid lil sħabek kollha ... forsi qlajt xi rigal sabiħ u ridt turih lil ħbiebek ....

Hekk ġralhom id-dixxipli meta raw lil Ġesù ħaj wara li miet. Huma mtlew b'ferħ kbir li ma setgħux iżommu għalihom biss. Riedu jaqsmuh mad-dinja kollha. Tant hu hekk li bdew ixandru l-qawmien ta' Ġesù ma' kulħadd. Lanqas it-theddida tal-martirju ma setgħet twaqqafhom.

L-esperjenza f'ħajtek ta' Ġesù rebbieħ fuq il-mewt u t-tbatija tgħinek biex tirraġuna b'mod differenti. Tgħinek tifhem li f'ħajtek it-tbatija mhix għal dejjem. Tgħinek tifhem li fit-tbatija tista' ssib skop. Meta tħares lejn





**Għixha!**
Issieħeb jew agħti l-appoġġ tiegħek lil xi għaqda li bil-ħidma volontarja tal-membri tagħha tgħin lil ħaddieħor ikollu ħajja isbaħ u aħjar. Waħda minn dawn l-għaqdiet, apposta għat-tfal, hija t-'Tfal Jgħinu lit-Tfal' (*Children Helping Children*). Fittex dwar il-fergħa tagħha f'Malta u ara titħajjarx tissieħeb.

id-dinja ta' madwarek, minflok taqta' qalbek quddiem it-tbatija li tara, timtela b'kuraġġ biex tagħti sehmek biex tnaqqasha.

Bħad-dixxipli, min ikollu din l-esperjenza ta' Ġesù Rxoxt f'ħajtu jkun jixtieq jaqsamha mal-oħrajn. Tant hi sabiħa din l-esperjenza li ħafna Nsara matul iż-żminijiet kollha sal-ġurnata tal-lum kienu u għadhom lesti jbatu u saħansitra jmutu biex iwasslu din l-Aħbar it-Tajba.

Int ukoll tista' twassal din l-Aħbar, mhux bil-prietki, daqskemm bil-mod kif tirraġuna fuq sitwazzjonijiet differenti f'ħajtek, kif titkellem mal-ħbieb u kif iġġib ruħek. Pereżempju, kemm int ottimist fi ħsiebek u fi kliemek, jew inkella taqta' qalbek mix-xejn?

Il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù hija rebħa fuq il-ħażen u t-tbatija. Min jaċċetta lil Kristu Rxoxt f'ħajtu jissieħeb miegħu fil-ġlieda kontra l-ħażen u t-tbatija. Miljuni kbar ta' Nsara, tul is-sekli, ħadmu biex iġibu l-paċi u l-ġustizzja fid-dinja. Uħud involvew ruħhom fil-politika u saru mexxejja kbar li ġabu bidliet importanti fid-dinja. Oħrajn ħadmu fl-oqsma tal-volontarjat u ġabu bidliet kbar fil-ħajja ta' nies li kienu qed iħossu li ntilfu.

Int ukoll imsejjaħ biex tagħti sehmek f'din il-ħidma. Min issa tista' tagħmel ħafna affarijiet li forsi jidhru żgħar li, iżda, jistgħu jfissru ħafna għal min tgħin. Jekk iżżur ħabib marid, għalih jista' jkun ta' faraġ kbir. Tbissima jew kelma ta' kuraġġ taf tfisser dinja għal xi ħadd li jkun imdejjaq.

**Agħmel!**
Fittex dwar il-ħajja ta' Robert Schuman. X'bidla ġab fid-dinja bil-viżjoni u l-ħidma tiegħu dan il-politiku Kattoliku?





# L-isfidi waqt il-vjaġġ

## Naraw x'tgħallimna

**A Kliem importanti**

Ikteb sentenza li tispjega fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Dnub
- L-Olokawst
- Il-Qaddej ta' Alla
- Kristu Rxoxt

**B Ideat prinċipali**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Ikteb dwar eżempju mill-Istorja tas-seklu għoxrin li juri l-kruha u t-tbatija bla qies li jista' jikkawża d-dnub tal-bniedem.
- X'hemm fit-Testment il-Qadim li jurina li aktar ma nidinbu u nitbiegħdu minn Alla aktar se nġibu fuqna nfusna dwejjaq u tbatija?
- B'liema mod Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem, tgħabba bit-tbatijiet tagħna l-bnedmin?
- Għaliex il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù hija l-pedament tal-fidi u t-tama tagħna?

**Ċ Aħseb b'moħħok**

Uża dak li tgħallimt f'dan il-kapitlu biex twieġeb:

- Minn dak li tara madwarek fil-ħajja ta' kuljum, kif il-bniedem ġieli jġib it-tbatija fuqu nnifsu jew fuq dawk ta' madwaru?
- X'għandek titgħallem mill-esperjenza tal-Olokawst jew ta' ġenoċidji oħra li seħħew fis-seklu għoxrin dwar l-attitudni u l-imġiba tiegħek lejn nies ta' razez differenti?
- Liema minn dak li jemmnu l-Lhud jew il-Musulmani dwar għaliex jeżistu l-ħażen u t-tbatija taħseb li jaqbel ukoll mat-twemmin Nisrani?
- B'liema mod tista' int ukoll, mimlija bil-kuraġġ li tagħtik il-fidi fi Kristu Rxoxt, tagħti sehmek biex tibni dinja isbaħ u aħjar?

**D Iddiskuti d-dar**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar:

- Bħalissa hemm xi membru tal-familja li għaddej minn żmien ta' tbatija? X'nistgħu nagħmlu biex nagħtu l-appoġġ tagħna lil xulxin fi żminijiet bħal dawn?
- X'nistgħu nagħmlu biex nevitaw li nkunu aħna li nġibu tbatija bla bżonn lil xulxin?



# Qatt iktar waħdi

ĦEJJI RUĦEK:

## Kif tħossok meta tkun waħdek?

**Ġieli ħassejtek waħdek avolja kont imdawwar b'ħafna persuni oħra?**

Ġieli ma kien hemm ħadd ħdejk imma xorta ma ħassejtekx waħdek?

Immarka ✓ ħdejn il-kliem li taħseb li taf sew xi jfisser:

- [ ] sbuħija
- [ ] preżenza
- [ ] talb
- [ ] adorazzjoni
- [ ] rikonċiljazzjoni
- [ ] akkumpanjament
- [ ] Ġenna
- [ ] qdusija
- [ ] virtù

6



F'dan il-kapitlu se nwieġbu għal verità importanti ħafna fit-twemmin Nisrani: li Alla jieħu ħsieb kull bniedem b'mod attiv u mimli mħabba. Se naraw kif Alla qed joffrilna li jkun is-sieħeb fidil tagħna tul il-vjaġġ-avventura ta' ħajjitna.



# Qatt iktar waħdi



**Is-sbuħija tal-ħolqien**
Fl-ewwel lezzjoni se nirriflettu fuq esperjenzi tal-misteru u l-istagħġib speċjalment quddiem is-sbuħija tal-ħolqien ta' Alla.

**L-esperjenza ta' Alla**
F'waħda minn żewġ għażliet, hawn se naraw kif persuni differenti esperjenzaw il-preżenza ta' Alla fil-ħajja tagħhom.

**L-importanza tat-talb**
Imbagħad se nqisu kemm it-talb kien importanti għal Ġesù fil-ħajja tiegħu fuq din l-art u naħsbu ftit fuq l-importanza tat-talb fil-ħajja tagħna llum.

**Il-ġmiel tar-Rikonċiljazzjoni**
F'din il-lezzjoni se nevalwaw is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni bħala ġrajja li tfejjaq u timla bil-qawwa.

**Infittex lil min jgħinni**
Wara dan ikun imiss nitgħallmu dwar it-tradizzjoni antika tad-direzzjoni spiritwali u nqisu l-benefiċċji tagħha għal ħajjitna.

**Nimxi ma' Alla u lejh**
Hawn se naslu għall-konklużjoni li l-vjaġġ tal-ħajja tagħna huwa vjaġġ ma' Alla li għandu bħala skop aħħari l-għaqda għal dejjem miegħu fil-Ġenna.

**X'se nilbes?**
Fl-aħħar lezzjoni tal-ktieb se nagħmlu lista ta' virtujiet li għandhom jgħinuna tul il-vjaġġ-avventura tal-ħajja tagħna lejn Alla.

# Is-sbuħija tal-ħolqien

## Qatt kont xi mkien fil-kwiet tara x-xemx nieżla u ħassejt paċi kbira fik?

## Jew qatt rajt farfett sabiħ jew smajt l-għanja ta' għasfur ċkejken u bqajt issegwih għax inġbidt mis-sbuħija tiegħu?

## Ġieli kont qed tilgħab xi logħba ma' sħabek li xtaqt li ma tispiċċa qatt?

Qatt smajt biċċa mużika sabiħa u ridt tibqa' tismagħha u tismagħha? Jew ġieli ftaħt it-tieqa filgħodu kif qomt u tant kienet ġurnata sabiħa li ħassejt qalbek tinqasam bil-ferħ int u xxomm l-arja tfuħ? Jekk ġieli għaddejt minn dawn l-esperjenzi, allura mingħajr ma taf, int diġà ltqajt ma' Alla! Is-sbuħija li ġibditek u mlietlek qalbek f'dawn l-esperjenzi, hija s-sbuħija ta' Alla nnifsu u anki jekk int ma ntbaħtx, hu kien hemm.

Ħafna drabi, tant moħħna biex nagħmlu affarijiet differenti, li spiss fid-dinja tagħna tal-lum ma nindunawx b'Alla fl-affarijiet sempliċi ta' madwarna. Alla qiegħed fis-sbuħija tan-natura, tal-mużika, tal-arti. Alla nistgħu narawh b'mod ċar fl-imħabba ta' ġo fina u tal-persuni madwarna. Kull persuna hija xbieha ta' Alla u fis-sbuħija ta' kull persuna nistgħu niltaqgħu mas-sbuħija ta'





## Agħmel!

Oqgħod ftit għall-kwiet waħdek f'xi ġnien jew f'xatt il-baħar. Osserva s-sbuħija tan-natura. Kif qed tħossok quddiem din is-sbuħija? Issa tkellem dwar dan ma' Alla u rringrazzjah, għal tant sbuħija fik u madwarek. Ikteb fuq il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħek fid-djarju. Jekk tħobb tpinġi tista' tpinġi wkoll biex tesprimi s-sbuħija ta' dak li qed tara.

Alla. Imma sfortunatament ftit għandhom għajnejhom miftuħin biżżejjed biex jaraw lil Alla f'dan kollu. Ħafna drabi nispiċċaw ingergru, naraw kollox griż u ikrah, nitilfu ħafna mis-sbuħija tal-ħajja u nibqgħu ma niltaqgħux ma' Alla. B'hekk qalbna tibqa' vojta u qatt ma nkunu kuntenti. Alla jinsab kullimkien, f'kollox u f'kulħadd. M'hemmx post wieħed li fih m'hemmx Alla. Għandna bżonn biss nindunaw, kif induna ir-ragħaj David, li meta kien ikun waħdu jirgħa n-nagħaġ, kien jintilef ifaħħar is-sbuħija ta' Alla fin-natura ta' madwaru u fih innifsu, permezz tas-salmi.

Kien permezz ta' siġra taqbad mingħajr ma tinħaraq li Alla kellem lil Mosè. Imma dan kien possibbli għax Mosè kien attent u nduna b'dik is-siġra. U int, tgħid jekk Alla jkellmek, tinduna bih?



## Din kont tafha?

San Franġisk t'Assisi hu magħruf għall-imħabba tiegħu lejn in-natura. Fis-sempliċità tan-natura kien jiltaqa' ma' Alla. Hu kien jgħid lill-għasafar biex ifaħħru lil Alla bl-għana tagħhom u kien isejjaħ kull ħaġa fin-natura "oħti" jew "ħija", pereżempju "oħti x-xemx" u "ħija l-qamar".

# L-esperjenza ta' Alla

Fil-vjaġġ ta' ħajjitna, ngħaddu minn esperjenzi differenti. Kultant ngħaddu minn żminijiet meta kollox ikun miexi sew u nħossuna tajbin, mumenti oħra donnu kollox ikun diffiċli. F'kull mument ta' ħajjitna, Alla huwa magħna, ma jħallina qatt waħedna u għax iħobbna, ifittex li jgħinna f'dak li jkollna bżonn fil-mument. Persuni differenti jesperjenzaw lil Alla b'modi differenti, f'mumenti differenti ta' ħajjithom.

Il-Profeta Elija, li naqraw dwaru fil-Kotba tas-Slaten fit-Testment il-Qadim, kien qiegħed f'mument diffiċli fil-vjaġġ ta' ħajtu. Kien qed iħossu mdejjaq u qalbu maqtugħa għax riedu joqtluh minħabba li kien xhud ta' Alla veru. F'dan il-mument kien qed jaħrab. Tela' fuq il-muntanja Ħoreb u hemm Alla kellmu. L-ewwel għamel riħ qawwi imma Alla ma kienx fir-riħ, u wara theżżet l-art, imma Alla ma kienx f'dik it-theżżiża, u wara t-theżżiża kien hemm nar, imma Alla ma kienx fin-nar. Imbagħad ħass żiffa ħelwa u fiż-żiffa Elija ħass il-preżenza ta' Alla u sama' lil Alla jkellmu.

Lilna, Alla kultant ikellimna permezz ta' theżżiża f'ħajjitna, jiġifieri xi ġrajja iebsa li turina Alla xi jrid minna u tisfidana biex nikbru u nkunu aktar responsabbli. Drabi oħra jkollna bżonn nesperjenzaw il-ħlewwa ta' Alla bħal ma kellu bżonn Elija, u għalhekk Alla



## X'se tagħżel?

(Tkompli minn paġna 117)
Il-problema baqgħet tikber. Il-ġenituri bdew jinkwetaw ħafna u ddeċidew li ma jħallukx tmur aktar għat-taħriġ fl-isport. Int ħadtha bi kbira ħafna.
**Tgħid kieku kont tobdi u tistinka biex tirkupra fl-iskola. Mur paġna 19**
**Twebbes rasek u aktar ma tagħtix kas l-iskola. Mur paġna 37**



## Din kont tafha?

L-Arloġġ tat-Talb huwa ktejjeb li fih talbiet qosra għal ħinijiet differenti matul il-ġurnata. San Ġorġ Preca kien ħareġ b'din l-idea biex jgħin lil min jużah jagħmel esperjenza ta' Alla billi jiftakar fih u jitkellem miegħu ta' spiss.

## Idħol fil-fond

Aqra x'qalu dawn in-nies dwar Alla. Inti x'taħseb?

nesperjenzawh permezz ta' xi ġrajja li tagħmlilna l-qalb u tfarraġna. Biex nagħrfu lil Alla fil-ġrajjiet differenti ta' ħajjitna importanti li bħal Elija nfittxu lil Alla u nieqfu biex nisimgħuh.

Imma fejn infittxu lil Alla? Meta jirrakkonta l-esperjenza ta' ħajtu, Santu Wistin jgħid li fittex lil Alla ħafna barra minnu, pereżempju fil-ħbieb u f'avventuri differenti. Imma mbagħad skopra lil Alla ġewwa fih. In-natura, il-mużika, l-arti, il-ħbieb, xi ktieb jew xi film, u kull ħaġa oħra f'ħajjitna, jistgħu kollha jgħinuna biex niskopru lil Alla ġewwa fina. Imma biex niltaqgħu ma' Alla u nikbru fir-relazzjoni miegħu, importanti ħafna li nżommu kuntatt ħaj permezz tat-talb.

San Ġorġ Preca kien bniedem li kellu relazzjoni profonda ma' Alla. Lil Alla kien iħossu tant qrib tiegħu li ħareġ bit-talba: "Sinjur Alla, inti hawn u jiena fik, bħal ħuta fl-ilma safi." Billi kien jemmen li Alla l-ħin kollu ħdejna, dejjem ħass il-bżonn li jikkomunika miegħu ta' sikwit matul il-ġurnata. Kien jemmen li permezz tat-talb, filwaqt li nkunu iktar konxji tal-preżenza ta' Alla, iktar inkunu lesti li nagħmlu dak li jrid hu.

San Ġorġ kien jesperjenza b'mod speċjali l-preżenza ta' Alla waqt il-quddies. Kien tant jieħu l-quddies bis-serjetà li l-quddiesa tiegħu kienet iddum ħafna. Meta ġieli ġibdulu l-attenzjoni biex ma jdumx daqshekk, hu kien iwieġeb, "Meta int tkun ma' ħabib, tkun mgħaġġel xejn?"

San Ġorġ Preca kien jara fil-bniedem ritratt ta' Alla. Kien jgħid li "Jekk tibgħat ittra lil Alla, ibgħathielu mal-proxxmu." Meta żżomm kuntatt sikwit ma' Alla ġewwa fik, tinduna li Alla li qiegħed fik, qiegħed ukoll fil-bnedmin kollha. Donnu, għax tkun sirt tafu fik, tibda tagħrfu fl-oħrajn, bħal meta ħabib tal-qalb, tagħrfu mill-ewwel jekk tarah fit-triq.

"Nippreferi nimxi ma' Alla fid-dlam milli waħdi fid-dawl."

MARY GARDINER BRAINARD
POETESSA AMERIKANA (1837-1905)

"Alla, bħala Verità, dejjem kien għalija teżor imprezzabbli. Jalla jkun hekk għalina lkoll."

MAHATMA GANDHI MEXXEJ POLITIKU U SPIRITWALI INDJAN (1869-1948)

"Forsi l-ateu ma jistax isib lil Alla għall-istess raġuni li ħalliel ma jsibx il-pulizija."

FRANCIS THOMSON
POETA INGLIŻ (1859-1907)

"In-nies jaraw lil Alla kuljum; sempliċiment ma jagħrfuhx."

PEARL BAILEY
KANTANTA U ATTRIĊI AMERIKANA (1918-1990)

# L-esperjenza ta' Alla

Ħadd mhu viċin tagħna daqs Alla. Hu preżenti kontinwament fil-vjaġġ tal-ħajja tagħna, imma biex nesperjenzawh, importanti li min-naħa tagħna nfittxuh.

Fl-Evanġelju ta' San Luqa, naqraw dwar waħda profetessa li kien jisimha Anna. Din damet miżżewġa għal seba' snin, u wara li mitilha r-raġel iddeċidiet li tiddedika ħajjitha lil Alla. Anna kienet tesperjenza lil Alla fis-skiet u fit-talb ġewwa t-Tempju. Fil-fatt l-Evanġelju jgħidilna li ma kienet titwarrab qatt mit-Tempju. L-imħabba tagħha lejn Alla wasslitha biex tiltaqa' ma' Ġesù, għax dakinhar li Marija u Ġużeppi marru jippreżentaw lil Ġesù fit-Tempju, bħala tarbija ċkejkna, Anna kienet hemm. Bil-ferħ tal-laqgħa tagħha ma' Ġesù, Anna bdiet tirringrazzja u tfaħħar lil Alla ma' kull min kien hemm.

Il-laqgħa tagħna ma' Alla tista' ġġib fina wkoll ħafna ferħ u gratitudni. Imma biex niltaqgħu ma' Alla, bħal Anna għandna bżonn is-skiet u l-komunikazzjoni miegħu. Anna kienet tgħix dejjem fil-preżenza ta' Alla, għax ma kinitx tħalli l-ħsieb ta' Alla għal darba f'ġimgħa jew għal darba kuljum, imma spiss kienet terfa' ħsibijietha u qalbha lejh, u Hu kien jimlieha bil-ferħ.

## Itlob

Fil-ktieb tal-profeta Isaija (49,15-16) naqraw:

Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt! Ara! Naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja.

Kellem lil Alla dwar kif tħossok għall-fatt li qiegħed jgħidlek dan il-kliem.






Xi wħud jista' jħossu huma wkoll lil Alla jsejħilhom biex, bħal Tereża ta' Lisieux, jiddedikaw ħajjithom kollha lilu billi jgħixu ħajjithom fil-klawsura. Imma żgur li Alla jsejjaħ lil kulħadd, anki lilek, biex jgħix fil-preżenza tiegħu. Hu jixtieq li int bħal Santa Tereża, tesperjenzah bħala Alla li hu Missier tajjeb li jħobbok u jieħu ħsiebek dejjem. Xi wħud minna m'għandhomx esperjenza tajba tal-imħabba tal-ġenituri. Dan għaliex xi ġenituri, minħabba problemi li jkunu għaddejjin minnhom huma stess, jista' jkun li ma jħobbuniex daqskemm ikollna bżonn. Imma Alla hu differenti. Alla ma jinsiniex u lanqas qatt se jabbandunana. Alla huwa Alla u mhux bniedem, u għalhekk, huwa dejjem hemm għalina, iħobbna u jieħu ħsiebna.



**Fittex**

Jennifer Strickland kienet mudella famuża li esperjenzat lil Ġesu u biddlilha ħajjitha. Fittex dwarha u ara x'kienet l-esperjenza li laqqgħetha ma' Ġesu f'ħajjitha.

# L-importanza tat-talb

Meta kien fid-dinja, Ġesù kien jitlob kontinwament. Imma Ġesù huwa Alla; allura lil min kien jiltob? Veru li Ġesù huwa Alla, imma meta ġie fid-dinja, hu ġie bħala bniedem ukoll u kellu l-istess bżonnijiet li għandna aħna. Ġesù kien jitlob lil Alla l-Missier. Fit-talb Ġesù kien jaf jisma' u, kif kien jgħid hu stess, dak li kien jagħmel kien jagħmlu għax hekk kienet ir-rieda ta' Alla Missieru.

Il-fidi ta' Ġesù f'Alla l-Missier waqt it-talb tant kienet qawwija li kien anki jqajjem lin-nies mill-mewt! Ġesù jgħidilna li jekk ikollna fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda nistgħu ngħidu lil muntanja biex tiċċaqlaq u hi tobdina! B'dan ried ifisser li jekk nitolbu b'fiduċja f'Alla xejn mhu impossibli.

L-Evanġelji jgħidulna li Ġesù kien jitlob għal diversi raġunijiet. Fosthom insibu lil Ġesù jitlob biex Alla jeħilsu mit-tentazzjoni u ma jaqax fid-dnub, jitlob qabel deċiżjonijiet importanti li jkun se jieħu, u jitlob biex Alla jagħtih il-kuraġġ quddiem mumenti diffiċli bħall-mewt tiegħu fuq is-salib. Il-preżenza ta' Alla l-Missier fil-ħajja ta' Ġesù għamlitlu d-differenza kollha. Kien fit-talb li Ġesù kien ikollu ċans jirrifletti u jiftakar f'kemm iħobbu Alla u li anki jekk jitilqu kulħadd, kif fil-fatt ġara, Alla ma kienx se jħallih waħdu qatt. Ġesù kien jitlob anki għall-oħrajn. Taf li talab għalik ukoll? Fl-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu, Ġesù talab għal dawk kollha li għad jemmnu fih, u b'hekk fit-talba tiegħu inkluda lil dawk kollha li jemmnu fih illum!

Jekk Ġesù ħass li kellu jitlob, tgħid aħna le? Id-dixxipli kienu jaraw lil Ġesù jitlob u kienu jindunaw li huma ma jafux kif jitolbu. Anki aħna kultant insibu din id-diffikultà. Xi drabi forsi tistaqsi x'għandek titlob jew inkella kif tista' tisma' lil Alla jkellmek. Id-dixxipli xtaqu kieku jkunu bħal Ġesù, viċin ħafna ta' Alla u jħossu lil Alla tant viċin tagħhom li xejn ma jkun jista' jifridhom minnu. Għalhekk darba minnhom talbuh jgħallimhom kif jitolbu. Ġesù





## Agħmel!

Insibu li Ġesù kien jitlob kmieni filgħodu u wkoll tard billejl f'postijiet imwarrba. Sib liema hu l-aħjar ħin fid-dar tiegħek biex titlob. Meta jkun hemm l-iktar kwiet? Fejn ħadd ma jtellfek? Għal din il-ġimgħa pprova żomm l-appuntament tiegħek ma' Alla f'dan il-post u f'dan il-ħin.

qalilhom biex meta jitolbu, bħalu jgħajtu lil Alla "Missier" u permezz tat-talba li aħna nafuha bħala l-Missierna, Ġesù wriehom kif għandhom jitolbu. Jekk hemm xi ħadd li minnu għandna nitgħallmu kif inżommu kuntatt ma' Alla, dan huwa Ġesù.

Ġesù qiegħed jistiednek tiskopri miegħu x'inhu t-talb ta' veru. Skont il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika hemm diversi forom ta' talb:

**Il-barka u l-adorazzjoni –** eżempju: "Imbierek int Mulej, Alla qaddis, kbir u qawwi, quddiemek niskot u nadurak."

**It-talb biex naqilgħu xi ħaġa materjali u/jew spiritwali –** eżempju: "Ħobżna ta' kuljum agħtina kuljum. U aħfrilna dnubietna, għax aħna wkoll naħfru lil kull min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib."

**It-talb għall-bżonnijiet tal-oħrajn –** eżempju: "Mulej Alla, nitolbok għal dawk kollha li għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb it-tfal u ż-żgħażagħ sabiex jagħmlu dan bl-aħjar mod possibbli."

**Ir-ringrazzjament –** eżempju: "Grazzi Mulej tal-barkiet kollha li inti tajtni. Grazzi tal-ħajja, tat-talenti tiegħi u tal-persuni kollha li jriduli l-ġid."

**It-tifħir lil Alla –** eżempju: "Infaħħrek, Mulej, b'qalbi kollha; inxandar għeġubijietek kollha! Nifraħ u nithenna bik; ngħanni lil ismek, int Alla l-għoli."

## Idħol fil-fond

Fl-Evanġelji nsibu siltiet li juruna eżattament x'kien talab Ġesù f'dik iċ-ċirkustanza. Drabi oħra naqraw li Ġesù talab, imma ma nsibux x'talab. Għalhekk issa bħal detektiv se ninvestigaw u nippruvaw niskopru x'jista' jkun li Ġesù talab f'mumenti differenti. Dan nistgħu nagħmluh billi naqraw mill-Evanġelji x'ġara qabel, waqt u wara li Ġesù talab.
Aqra waħda minn dawn is-siltiet: Luqa 5: 12-17 jew Luqa 6: 12-16. Irrifletti ftit fuqha. X'taħseb li seta' talab Ġesù? Ikteb it-talba li seta' qal.


Il-vjaġġ ta' Dante
Dante qiegħed iħares lejn Firenze mdejjaq. Ma jistax jerġa' jidħol lura fil-belt fejn twieled għax keċċewh minħabba l-ideat politiċi tiegħu. Ma jistax jara aktar lill-ħbieb jew il-familja tiegħu.
Hu u miexi fil-foresta ġie attakkat minn leopard, iljun u lupa. Aktar ma beda jaħrab minnhom aktar beda dieħel 'il ġewwa fil-foresta mudlama sakemm iltaqa' mar-ruħ ta' Virġilju li pproponielu vjaġġ twil li jwasslu għand Alla.
SUPPERVJA
Dante aċċetta u flimkien bdew niżlin fl-Infern. Hemm mhux biss ra ħafna xjaten imma ra t-tbatija li jgħaddu minnha l-erwieħ fl-Infern. Tgħallem li s-suppervja, ir-rabja, l-għażż, in-nuqqas ta' rażan u l-egoiżmu jwasslu biex il-bniedem jitlef kollox. Beża' mix-xjaten, imma l-aktar tħassar lil dawk l-erwieħ iddisprati.
Wara li rnexxielhom jaħarbu lil Luċifru waslu ħdejn il-muntanja Purgatorju.


Dante u Virġilju jibdew telgħin bil-mod u bit-tbatija mal-Purgatorju. Għalkemm hawn l-erwieħ qed ibatu biex jitnaddfu mid-dnub huma aktar kuntenti għax se jaraw lil Alla.
Wara li Dante wkoll tnaddaf mid-dnubiet tiegħu, hu jasal il-Ġenna fejn, ma' Beatriċe, it-tfajla li kien iħobb, jibda jiltaqa' mal-qaddisin u jersaq lejn Alla.
Fl-aħħar Beatriċe wasslitu ħdejn San Bernard. Fuq it-talba ta' San Bernard, il-Madonna turih it-Trinità Qaddisa. Dante ħass ferħ liema bħalu u ra dak li ma setax jispjega. Ebda immaġinazzjoni tal-bniedem ma tista' qatt tifhem dak li Dante ra jew ħass. Dante seta' biss juri li fehem li Alla hu Mħabba bla tarf.
Il-vjaġġ ta' Dante seħħ fl-immaġinazzjoni tiegħu. Għalkemm kien jaf li se jibqa' mkeċċi minn Firenze issa kien ferħan. Sab il-paċi u fehem aħjar li fl-aħħar mill-aħħar il-vjaġġ tal-ħajja jrid iwasslu għand Alla, l-Imħabba li tmexxi kollox.
Tmiem

# Il-ġmiel tar-rik

Żgur li xi darba jew oħra kellek xi tgħid mal-ħbieb jew ma' tad-dar. Min jaf kemm xtaqt li l-affarijiet jitranġaw malajr, għax min jieħu gost ikun 'il bogħod minn dawk il-persuni li jħoss li jħobbuh?

Meta d-dixxipli saqsew lil Ġesù jgħallimhom jitolbu, Ġesù wriehom li meta nitolbu għandna fost affarijiet oħra nitolbu maħfra lil Alla l-Missier. Ġesù ta importanza kbira lill-maħfra meta kien fid-dinja. Xi drabi kien jaħfer id-dnubiet tal-persuna qabel ifejjaqha mill-mard tagħha. Dan għaliex Ġesù jaf li n-nuqqas ta' paċi fil-qalb u l-agħar dwejjaq, ma jiġux mill-mard u l-problemi li kultant niltaqgħu magħhom, imma mill-firda tagħna minn Alla. Aħna lkoll għandna bżonn nesperjenzaw lil Alla viċin tagħna, iħobbna u jieħu ħsiebna. Meta nweġġgħu lilna nfusna u lill-oħrajn bid-dnub, ikollna bżonn li Alla Missierna jilqagħna għandu u jfejjaqna bi mħabbtu.

Biex jurina kemm Alla jixtieqna nkunu magħqudin miegħu dejjem, anke wara li niżbaljaw, Ġesù jirrakkonta tliet parabboli: dik tan-nagħġa l-mitlufa, tad-drakma l-mitlufa u tal-iben il-ħali. F'dawn l-istejjer ta' Ġesù, il-messaġġ huwa wieħed: Alla l-Missier jinsa d-dnub tagħna u jagħmlilna festa ta' mħabba kull darba li aħna nfittxu l-maħfra tiegħu. Dawn il-parabboli



**X'se tagħżel?**

(Tkompli minn paġna 69)
Żidt fit-taħriġ. Issa kbirt biżżejjed li m'intix taħli l-ħin bħal meta kont iżgħar. L-iskola bqajt tlaħħaq sew. Fl-isport komplejt tissaħħaħ u issa l-kowċ qiegħed jaħseb li jibagħtek tittrenja mal-aħjar tim f'Malta biex ikollok opportunitajiet tajbin fil-futur.
**TMIEM**

# onċiljazzjoni



juruna wkoll, li Alla jfittixna hu stess biex aħna nerġgħu lura għandu, kultant b'xi kelma ta' xi ħadd minn sħabna, jew ta' xi ħadd mill-ġenituri, jew għalliem, bħalma jagħmel ragħaj ma' nagħġa li tintilifilu.

Sakemm Ġesù kien fid-dinja kien dejjem idur minn post għal ieħor ifejjaq u jaħfer id-dnubiet. Hu ried li wara li jmut u jitla' s-sema, il-bnedmin jibqa' jkollhom ċans jesperjenzaw il-maħfra tiegħu li ġġib il-fejqan fil-qalb. Għalhekk, ħallielna s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Rikonċiljazzjoni tfisser tagħmel ħbieb mill-ġdid. Fil-fatt dan is-sagrament jerġa' jgħaqqadna ma' Alla u mal-bnedmin. L-imħabba li Alla juri magħna f'dan is-sagrament, timliena bil-ferħ u tagħtina l-qawwa nħobbu filwaqt li nevitaw dak kollu li jmur kontra l-imħabba. Maħfura minn Alla u mimlijin fiduċja fi mħabbtu għalina, nistgħu nibdew mill-ġdid mingħajr ma nkunu mtaqqlin bis-sens ta' ħtija. Imma din il-bidla ma sseħħx fina b'xi maġija. Biex tilqa' dan ir-rigal tal-maħfra, irid ikollok qalbek miftuħa għalih. Ma tistax tilqa' rigal b'idejk magħluqa; daqshekk ieħor il-maħfra b'qalb magħluqa. Jekk trid tieħu dan is-sagrament bis-serjetà jeħtieġ tipprepara ruħek tajjeb għalih u wara tagħmel ħiltek biex l-imħabba li rċevejt mingħand Alla tgħożżha u taqsamha mal-oħrajn.

**Agħmel!**
Sib post fil-kwiet. Aħseb f'xi dnub li għamilt matul din il-ġimgħa u li minħabba fih ħassejtek imdejjaq u ddispjaċut.

Issa agħżel waħda mis-siltiet li hemm fil-kaxxa s-safra u segwi l-istruzzjonijiet kollha.

AQRA LUQA 15, 3-7
## In-nagħġa l-mitlufa

Agħlaq għajnejk u immaġina li int dik in-nagħġa l-mitlufa. Qed tħossok waħdek, imbeżżgħa u ma tafx x'se tagħmel. Tixtieq li kieku m'għamiltx dan l-iżball u nfridt mir-ragħaj tiegħek li tant iħobbok u jieħu ħsiebek. Qed tibża' li tliftu għal dejjem, li issa anki jekk terġa' ssibu, mhux se jkun l-istess miegħek, għax inti ħrabtlu u mhux ħa jafdak. Tħossok ksaħt iktar bid-dwejjaq milli bil-bard.

Imma mill-bogħod issa qed tara lil xi ħadd ifittex. Hemm hu, ir-ragħaj tiegħek. X'tagħmel toqgħod kwieta ma tagħmilx ħoss, għax tibża' li jekk jinduna bik min jaf kemm jgħajjat miegħek? Jew tafdah u temmen fih? Trid tgħajjatlu ħalli jsibek? Araħ xi jfittxek inkwetat ... le żgur mhux irrabjat. Issa beda jiġri lejk ... mela semgħek! Araħ x'inhu ferħan! Issa tħossu jaqbdek f'idu, jgħannqek miegħu u jerfgħek fuq spalltu. Bil-ferħ, jiddeċiedi li jagħmel festa biex jiċċelebra mal-ħbieb, għax issa reġa' sabek!

**Issa ieqaf u ikteb fid-djarju tiegħek din l-esperjenza kif immaġinajtha int. Sib qassis li tħossok komdu tqerr għandu. Qabel tmur għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, erġa' aqra dak li ktibt. Ftakar li Alla jħobbok ħafna u din l-esperjenza tal-Qrar mhux ta' min jitlifha!**

AQRA LUQA 15, 11-32
## L-iben il-ħali

Agħlaq għajnejk u immaġinak li int parti mill-istorja tal-Iben il-Ħali. Anzi int l-Iben il-Ħali, u l-Missier fil-parabbola huwa Missierek li jħobbok u jridlek il-ġid. Int kont iddeċidejt li titlaq mid-dar. Issa, wara dak kollu li ġralek, iddeċidejt li tmur lura. Kif qed tħossok int u miexi fit-triq? Kuntent? Inkwetat? Għaliex?

Issa wasalt. Lil min qed tara fil-bogħod jiġri lejk? X'se tagħmel? Tiġri int ukoll jew tibqa' fejn int? Tixtieq tħoss lil Missierek jgħannqek miegħu? Immaġinak tiġri lejh. Ħares lejn wiċċu u nnota l-ferħ li jidher f'għajnejh. Ħa jieħdok lura ġo daru, u bil-ferħ jixtieq li jagħmillek festa.

# Infittex lil min jgħinni



Ħafna drabi Alla jkellimna permezz ta' persuni oħra. Fit-Testment il-Qadim insibu l-istorja tat-tfajjel Samwel li meta Alla beda jsejjaħlu, ma rnexxilux jagħraf waħdu l-vuċi ta' Alla. Samwel staqsa lil Għeli li kien il-qassis li jieħu ħsiebu u Għeli induna li kien Alla li qed isejjaħ lil Samwel u għalhekk għenu jirrispondi għas-sejħa ta' Alla.

Aħna wkoll, għandna bżonn min jgħinna nifhmu Alla x'qed jgħidilna u xi jrid minna. Fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, is-saċerdot ikun minflok Ġesù u f'isem Alla jaħfrilna dnubietna. Minbarra dan, waqt il-qrar is-saċerdot jipprova jgħinna wkoll nifhmu kif nistgħu nkunu iktar viċin ta' Alla u negħlbu kulma jista' jifridna minnu.

## Din kont tafha?

San Ġorġ Preca ried li l-membri tas-Soċjetà li waqqaf (il-MUSEUM) ikollhom parrinu, jiġifieri membru ieħor tas-Soċjetà li jakkumpanjahom fil-mixja spiritwali tagħhom. Idealment, anki l-parrinu li nagħżlu aħna għall-Griżma tal-Isqof ikun persuna matura fil-fidi li kapaċi tgħinna nimxu f'din it-triq tagħna lejn Alla.



## Għixha!

Kellem lir-*Religious Counsellor* li hemm fl-iskola tiegħek. Itolbu jgħinek issib persuna adulta li tista' tkun ta' għajnuna għalik fil-vjaġġ tal-ħajja. Żomm din il-persuna f'moħħok u meta jkollok xi diffikultà jew mistoqsijiet tqal dwar il-ħajja, tiddejjaqx tfittex l-għajnuna tagħha. Min jaf, forsi tkun din il-persuna li ssir għalik il-kumpann spiritwali!

Imma apparti l-għajnuna li l-qassis jagħtina waqt is-Sagrament tal-Qrar, mill-ewwel żminijiet tal-Knisja l-Insara li xtaqu jkunu vera dixxipli ta' Ġesù fittxew li jkollhom f'ħajjithom xi ħadd li jkun għalihom kumpann spiritwali.

Fit-Testment il-Ġdid insibu eżempju sabiħ ħafna ta' akkumpanjament spiritwali. Timotju kien wieħed minn sħab San Pawl fi wħud mill-ħafna vjaġġi li dan għamel biex ixerred l-Aħbar it-Tajba. Billi kien għammdu hu stess, Pawlu kien iħares lejn Timotju bħala ibnu fil-fidi u baqa' jimxi fil-vjaġġ spiritwali miegħu. Anki meta kienu 'l bogħod minn xulxin Pawlu baqa' jżommu fi ħsiebu. Għalkemm Timotju kien għadu pjuttost żgħir fl-età, kienu fdawlu f'idejh it-tmexxija tal-Knisja f'Efesu. F'waħda miż-żewġ ittri li kitiblu, Pawlu jgħidlu: "Qis li ħadd ma jmaqdrek għax int żagħżugħ; kun ta' eżempju għal dawk li jemmnu, fi kliemek u fl-imġiba tiegħek, fl-imħabba, fil-fidi, fis-safa" (1 Tim 4, 12).

Il-kumpann spiritwali nistgħu nsejħulu wkoll direttur spiritwali. Dan jista' jkun qassis, imma jista' jkun persuna oħra, raġel jew mara, li jkollha għal qalbha l-mixja tagħha ma' Ġesù, bħal xi katekist jew xi għalliem fl-iskola. Mill-esperjenza tiegħu u bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, il-kumpann spiritwali jgħinek tibni relazzjoni ma' Alla. Jgħinek titgħallem titlob u tisma' lil Alla fit-talb u ssir tixbah iktar lil Ġesù fl-imġiba tiegħek. Jiggwidak biex tagħraf x'inhuma l-iżbalji li tkun qed tagħmel u li jkunu qed ibegħduk minn Alla. Bl-għajnuna tiegħu, tagħraf Alla xi jrid minnek fil-mumenti differenti ta' ħajtek.

Biex jista' jagħmel din il-mixja miegħek il-kumpann spiritwali jrid isir jafek bil-mod, u allura min-naħa tiegħek trid tagħżel biex takkumpanjak persuna li magħha tħossok komdu tiftaħ qalbek. B'hekk il-kumpann spiritwali jkun għalik bħal ħabib li miegħek jimxi l-vjaġġ tal-ħajja.

# Nimxi ma' Alla u lejh



## Qatt ħsibt x'qed tagħmel hawn f'din id-dinja?

## X'tixtieq fil-ħajja?

Mhux mistoqsija faċli, imma jekk tieqaf ftit fil-kwiet u tisma' x'hemm f'qalbek, għandek mnejn issib ir-risposta. X'inhu li verament jagħmlek kuntent u jagħtik il-paċi? Jekk issib risposta għal din il-mistoqsija tkun sibt l-iskop ta' ħajtek. Il-Malti jgħid: "Fejn timxi l-qalb jimxu r-riġlejn" ... u qalbek fejn trid tmur?

L-ikbar xewqa ta' min jiskopri l-preżenza ta' Alla f'ħajtu, hi li jgħix magħqud ma' dan Alla. Din hija l-Ġenna – l-għaqda ma' Alla għal dejjem. Għalhekk in-Nisrani jara l-ħajja bħala vjaġġ li jwasslu lejn il-Ġenna – l-għaqda m'Alla li tagħti ferħ li ma tistax tesprimih bil-kliem.

# Chiara Luce Badano (1971-1990)

Chiara kienet tfajla Taljana li mietet ta' tmintax-il sena wara taqbida ma' kanċer fl-għadam. Sa minn ċkunitha Chiara kienet tfittex li tgħix l-imħabba lejn Ġesù billi tħobb lill-oħrajn. Kien għad għandha biss disa' snin meta saret taf bil-Fokolarini, grupp Nisrani, li għenha tkompli tikber f'din l-imħabba. Chiara kienet tfajla bħal ħafna oħrajn, mimlija ħajja, tħobb l-isports, iż-żfin, u l-kumpanija tal-ħbieb. Ta' sbatax-il sena kienet qed tilgħab it-tennis meta ħasset uġigħ kbir fi spallitha. Minn hemm skopriet li hi marida serjament. Għaddiet minn ħafna uġigħ, imma tant kienet tħoss lil Ġesù viċin li xejn ma kienet tħoss tqil wisq.

Għalkemm il-ħajja kienet tħobbha, l-għaqda tagħha ma' Alla tant kienet tagħtiha ferħ u paċi li ma kinitx tibża' mill-mewt u meta ma setgħetx timxi iżjed, qalet: "Kieku kelli nagħżel bejn li nerġa' nimxi u li mmur il-Ġenna, mingħajr dubju nagħżel il-Ġenna. Minn dan biss jimpurtani issa." Għenitha ħafna fil-vjaġġ tagħha l-persuna li bdiet il-grupp tal-Fokolarini – Chiara Lubich. Hi kienet għal Chiara Badano, gwida u dawl fil-vjaġġ tagħha lejn Alla. Kienet Chiara Lubich li żiedet Luce mal-isem ta' Chiara. Luce tfisser dawl – Chiara Luce kellha tkun immexxija mid-dawl ta' Ġesù u kellha tkun hi stess dawl għal ħafna żgħażagħ u tfal oħra.

Fil-vjaġġ ta' Chiara Luce, ma kienx hemm biss Chiara Lubich. Ħafna ħbieb baqgħu magħha sal-aħħar tal-vjaġġ tagħha. Kienu ħbieb tal-grupp, li bħalha kienu jemmnu f'Ġesù u jixtiequ jsiru jħobbuh aktar. Kienu ta' għajnuna kbira għaliha, imma huma stess jixhdu li meta kienu jmorru biex jagħmlulha kumpanija fil-marda tagħha, kienet hi li ttihom dawl u kuraġġ għall-vjaġġ tagħhom, tant kienet viċin ta' Alla. Chiara Luce hija tfajla qaddisa li waslet fejn hu msejjaħ li jasal kull Nisrani – il-Ġenna, fejn jgħix ma' Alla fl-għaqda għal dejjem. Chiara ġiet iddikjarata 'beata' fl-2010.

## Agħmel!

Żagħżugħ ieħor li jista' jinkuraġġik fil-mixja spiritwali tiegħek huwa Pier Giorgio Frassati (1901-1925). Fittex aktar informazzjoni fuq Chiara Luce Badano jew fuq Pier Giorgio Frassati u fid-djarju tiegħek ikteb x'tista' titgħallem mill-ħajja tagħhom.



Int ukoll bħal Chiara mistieden biex tagħmel dan il-vjaġġ ta' ħajtek, fil-kumpanija ta' nies li jemmnu f'Ġesù, bl-għajnuna ta' persuni li jistgħu jkunu għalik ta' gwida, u fil-preżenza ta' Alla li tant iħobbok. U tinsiex li tkun qaddis ifisser li dan il-vjaġġ tal-ħajja tiegħek tagħmlu kollu, sa ma tasal għal ferħ veru li qalbek żgur diġà qiegħda tfittex.

## Idħol fil-fond

Il-grupp tal-persuni li tagħmilha magħhom huma persuni li jfittxu lil Alla fil-ħajja tagħhom? Taħseb li jista' jgħinek fil-vjaġġ ta' ħajtek li tibda tagħmel parti mill-grupp tal-adolexxenti fil-parroċċa tiegħek jew grupp ieħor Nisrani?

# X'se nilbes?

Huwa veru li l-vjaġġ ta' ħajtek ma tagħmlux waħdek. Hemm nies madwarek li Alla jibgħathom biex jgħinuk fil-mixja tiegħek. Imma huwa veru wkoll li l-vjaġġ fl-aħħar mill-aħħar int trid tagħmlu! Għalhekk, kif diġà rajna qabel, trid tkun ippreparat. Trid toqgħod attent ukoll 'x'se tilbes'!

Meta tmur il-baħar għandek bżonn il-malja. Meta tmur xi tieġ trid tilbes pulit. Importanti li għal kull okkażjoni jkollok l-ilbies addattat. In-Nisrani matur, ukoll, matul il-vjaġġ tal-ħajja jkollu 'l-ilbies' li għandu bżonn fis-sitwazzjonijiet differenti li jiltaqa' magħhom. Għalhekk għandek bżonn tarma 'gwardarobba', għax jeħtieġ tilbes 'ħwejjeġ' tajbin għas-sitwazzjonijiet differenti li ssib ruħek fihom.

Il-kelma bl-Ingliż '*habit*', li ġejja mil-Latin '*habitus*', tfisser kemm ħwejjeġ kif ukoll abitudni jew drawwa. Issa, drawwa tista' tkun tajba jew ħażina. Meta tkun tajba nsejħulha virtù. Meta tkun ħażina nsejħulha vizzju.

Il-virtù hi kapaċità li int titgħallem biż-żmien u bil-prattika. Hemm diversi virtujiet li importanti li jkollok fil-'gwardarobba' tiegħek; xi wħud minnhom huma: ir-responsabbiltà, il-qawwa, il-ġenerożità, l-umiltà, is-sinċerità, il-ħbiberija, il-perseveranza, il-bżulija, ir-rażan u l-kapaċità li tirrifletti. Biex dawn il-virtujiet jikbru fik, l-ewwel nett jeħtieġ tkun trid int. Imbagħad trid tipprattikahom mingħajr ma taqta' qalbek. Fl-istess ħin trid tafda fl-għajnuna tal-Ispirtu ta' Alla fik. Iktar ma tipprattika dawn il-virtujiet iktar isiru parti minnek. Maż-żmien ma jkollokx għalfejn taħseb qabel ma tkun, pereżempju, sinċiera. Dan għax is-sinċerità ssir parti minnek,



kapaċità li jkollok int u li tuża l-ħin kollu. Dan jgħodd għall-virtujiet l-oħra kollha.

Min-naħa l-oħra, jekk ma tipprattikax il-virtujiet, tispiċċa taqa' fil-vizzji. Żewġ toroq hemm, jew dik tal-virtujiet, jew dik tal-vizzji, u l-għażla f'idejk! It-triq biex tikber fil-virtujiet, tidher iebsa u għaliha trid titħarreġ bħalma jagħmel atleta tajjeb. Dik tal-vizzji hi waħda faċli; m'hemmx għalfejn taħriġ biex tissuppervja, jew tgħir, jew tkun egoist. Imma hi t-triq tal-virtujiet li twassal għad-destinazzjoni finali tal-vjaġġ tal-ħajja. It-triq tal-vizzji twasslek biex tintilef u tispiċċa tbati ħafna iktar, kemm f'din id-dinja kif ukoll wara.

Mela x'taħseb? Mhux aħjar tibda tarma l-'gwardarobba'?

Fost il-virtujiet importanti li għandu jkollok fil-'gwardarobba' nsibu:

## Il-Qawwa

Din ma tfissirx li jkollok il-muskoli, tkun kapaċi tiġġieled u tagħmilha ta' bully, jew li twebbes rasek u ma tobdix. Li jkollok il-virtù tal-qawwa jfisser li ma tħallix lil sħabek imexxuk fejn iridu, li ma ddurx ma kull riħ skont kif jaqbillek, li quddiem il-fallimenti tkun kapaċi tqum u tkompli l-vjaġġ tiegħek.

## Il-Bżulija

Li tkun bieżel ifisser li torganizza ruħek u ma taħlix il-ħin, li tkun kreattiv u mimli ideat, li ma jkollokx bżonn lil min jimbuttak biex tagħmel dak li hu tajjeb, imma tkun taf tiddeċiedi waħdek.

## L-Umiltà

Li tkun umli ma jfissirx li toqgħod twaqqa' lilek innifsek, jew jekk xi ħadd jagħmillek kumpliment ma tiħux gost bih. L-umiltà tfisser li tkun taf sew lilek innifsek, kemm dak li hu tajjeb kif ukoll dak li hu inqas tajjeb fik. Tfisser li tħobb u taċċetta lilek innifsek għax temmen li Alla jħobbok kif int u jixtieqek tkun aħjar. Jekk tkun umli ma tiftaħarx bik innifsek għax ma tħossx il-bżonn li tikseb l-ammirazzjoni tal-oħrajn. Il-ħarsa ta' mħabba ta' Ġesù lejk tkun biżżejjed għalik.



## Agħmel!

Staqsi jew fittex dwar xi jfissru l-virtujiet l-oħra. Ipprova ibda pprattika waħda minnhom. Ikteb liema hi fid-djarju u kuljum ipprova ieqaf u ara ftit f'liema sitwazzjonijiet kellek bżonn tipprattika din il-virtù. Agħti lilek innfisek marka minn 1 sa 5 skont kemm irnexxielek. Itlob lil Alla jgħinek biex l-għada jirnexxilek ftit aktar. Meta taħseb li tkun tgħallimt sew din il-virtù, agħżel oħra biex tibda tipprattikaha.



# Qatt iktar waħdi

## Naraw x'tgħallimna

**A Kliem importanti**

Ikteb sentenza li tispjega fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni
- Kumpann spiritwali
- Il-Ġenna
- Virtù

**B Ideat prinċipali**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Liema huma l-iktar forom importanti fit-talb Nisrani?
- Irrakkonta waħda mill-parabboli li qal Ġesù biex juri kemm Alla jrid jaħfrilna u jerġa' jgħaqqadna miegħu.
- Agħti eżempju mill-Bibbja biex turi kemm hu importanti l-akkumpanjament spiritwali.
- Semmi erba' virtujiet. Xi trid tagħmel biex titgħallem tgħix il-virtujiet?

**Ċ Aħseb b'moħħok**

Uża dak li tgħallimt f'dan il-kapitlu biex twieġeb:

- X'tista' tagħmel int biex tagħraf aktar il-preżenza ta' Alla fik u madwarek?
- Aħseb fuq l-importanza tat-talb fil-ħajja ta' Ġesù fuq din l-art. X'hemm x'titgħallem dwar għaliex u kif għandek titlob?
- Kif tista' int ukoll minn issa tkun qaddis?

**D Iddiskuti d-dar**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar:

- Fid-dar tagħna, għandna xi post fejn nistgħu nitolbu fil-ġabra?
- Fil-familja tagħna, noqogħdu attenti li nagħtu pariri tajbin lil xulxin?
- Qegħdin ngħinu lil xulxin nitgħallmu ngħixu l-virtujiet?

# Akkreditazzjoni tar-ritratti użati

**Ħlief fejn hu indikat, id-drittijiet fuq l-użu tar-ritratti għal dan il-ktieb inxtraw minn iStockphoto™, Veer™, jupiterimages®, shutterstock® images, Inmagine®, jew minn sorsi oħra awtorizzati, inkella huma fid-dominju pubbliku.**

p. 4/5 Ritratt tan-nofs: ħajr lil ŻAK (Malta), © Kevin Gatt.
p. 8 Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, © Kevin Gatt.
p. 12 Statwa ta' Santu Rokku, Kappella ta' Santu Rokku, Birkirkara, © Noel Ciantar
p. 17 "Rut fl-għelieqi," pittura ta' Hugues Merle (1823-1881).
p. 20 Dettall mill-Annunzjazzjoni, pittura ta' Emvin Cremona li tinsab fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, Għawdex. Ħajr lil Dun Gerard Buhagiar.
p. 32 Ħaġar Qim, © Heritage Malta.
p. 33 Ritratt ta' Charles de Foucauld meħud meta kellu 44 sena.
p. 40 Ħajr lill-Parroċċa Ġesù Nazzarenu, Sliema, © Photocity.
p. 45 Dettall mill-pittura mas-saqaf tal-Knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu. Ħajr lil Melvin DeGiorgio.
p. 46 Ritratti ta' Dietrich Bonhoeffer.
p.47 Xena mill-film *The Courageous Heart of Irena Sendler*, CBS TV, 2009.
p. 47 Ritratt meħud fl-2005 meta Irena Sendler kellha 95 sena.
p. 49 Ħajr lil ŻAK (Malta), © Kevin Gatt.
p. 50 Ħajr lil ŻAK (Malta), © Kevin Gatt.
p. 66 Ritratt meħud fil-Jum Dinji għaż-Żgħażagħ tal-2008 fl-Awstralja.
p. 66 Ritratt ta' Iqbal Masih.
p. 70 Ħajr lil ŻAK (Malta), © Kevin Gatt.
p. 75 Skawts, © Malta Scouts Association.
p. 77 Kopja tal-Bibbja ta' Gutenburg, *Creative Commons,* Joshua Keller.
p. 83 Ix-xbieha tal-Madonna fuq stil Biżantin li tinsab fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Ħajr lill-Parroċċa ta' Marija Bambina, il-Mellieħa.
p. 83 "San Luqa jpitter il-Madonna," affresk ta' Giorgio Vasari (1511-1574), Bażilika tal-Lunzjata, Firenze, l-Italja.
p. 87 Ritratt taċ-ċilindru ta' Ċiru l-Kbir li jinsab fil-British Museum, Londra.
p. 89 "L-Annunzjazzjoni," pittura ta' Domenico Bruschi (1840-1910) li tinsab fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina. Ħajr lill-Kapitlu tal-Katidral.
p.91 Robert Powell fil-parti ta' Ġesù fil-film *Jesus of Nazareth* ta' Franco Zeffirelli, ITV-RAI, 1977.
p. 93 "San Tarċisju," skultura ta' Alexandre Falguière (1831-1900), *Wikimedia Commons*, Rama.
p. 99 "Tuffieħa ħażina," *Creative Commons*, Adrian van Leen.
p. 99 Dettall mill-poster ta' *Spiderman* 3, Sony Pictures, 2007.
p. 99 Ritratt ta' nisa Somali fil-kamp tar-refuġjati ta' Dadaab, il-Kenja, © Kate Holt.
p. 101 It-terremot ta' Haiti tal-2010, © Carolyn Cole, Los Angeles Times, MCT.
p. 101 Dettall mill-"Madonna tas-Sokkors," trittiku li jinsab fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina. Ħajr lill-Kapitlu tal-Katidral.
p. 102 Xena mill-film *La Vita e' Bella* ta' Roberto Benigni, Cecchi Gori Pictures, 1997.
p. 103 Ritratt ta' Anne Frank meħud f'Mejju tal-1942.
p. 103 Ritratt tal-priġunieri meħlusa minn Buchenwald f'April tal-1945, U.S. Defence Visual Information Centre.
p. 103 Ritratt ta' Adolf Hitler.
p. 103 Ritratt ta' Arnošt Lustig, © Stanislav Krupar.
p. 105 Mill-poster tal-film *Hotel Rwanda* ta' Terry George, United Artists u Lions Gate Films, 2004.
p. 107 Ritratt ta' San Massimiljanu Kolbe.
p. 107 *Stained glass* ta' Massimiljanu Kolbe li tinsab fil-knisja Franġiskana ta' Szombathely fl-Ungerija.
p. 109 Ritratt ta' Martin Gray meħud minn artiklu fil-*Life Magazine* ta' Ottubru 1972.
p. 109 Ritratt ta' qabar Lhudi fil-katakombi tar-Rabat, © Keith Buhagiar.
p. 113 "Ġob u ħbiebu," inċiżjoni ta' Gustave Doré (1832-1883).
p. 127 Ritratt ta' San Ġorġ Preca meħud dakinhar tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, fil-Blata l-Bajda, nhar it-23 ta' Frar 1958. Ħajr lis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija.
p. 129 Ritratt ta' Santa Tereża ta' Lisieux meta kellha 8 snin.
p. 129 Ritratt ta' Jennifer Strickland meħud mill-websajt jenniferstrickland.net
p. 139 Ritratt tal-Beata Chiara Luce Badano.

# L-Avventura ta' Hajti



**L-Avventura ta' Ħajti** jippreżenta mod ġdid kif tħares lejn il-fidi Nisranija. Mhux biss tagħrif reliġjuż u informazzjoni imma ferm aktar minn hekk – esperjenza ta' ħajja mgħixa b'mod sħiħ, mod kif tilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħek! Matul din is-sena se jkollok iċ-ċans li tqalleb fil-paġni ta' dan il-ktieb u ftit ftit tiskopri li r-reliġjon hija ferm aktar minn suġġett. Żgur li jekk tħallih, dan il-ktieb ser jgħinek f'din l-avventura li ma tispiċċa qatt – l-avventura ta' ħajtek.



**68** illustrazzjoni oriġinali fuq stil *manga*

**57** eżerċizzju li se jgħinuk tifhem aħjar

**36** fatt kurjuż u interessanti

**25** esperjenza ta' nies li biddlu d-dinja

u ħafna aktar

ISBN 978-99957-0-056-0

segretarjat għall-katekeżi